OPINJONI NRU 04/2011

TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

tal-1 ta' Ġunju 2011

għal Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi r-Regoli Implimentattivi għal operazzjonijiet tal-ajru

'Operazzjonijiet tal-ajru – OPS'

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riservati. Dokument proprijetarju. Il-kopji mhumiex ikkontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Werrej

Sommarju Eżekuttiv 4

Introduzzjoni 5

I. Ġenerali 5

II. Kamp ta' Applikazzjoni tal-Opinjoni 5

III. Konsultazzjoni 6

IV. Konvenzjoni ta' enumerar tar-regoli 8

Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru 9

I. Kamp ta' applikazzjoni 9

II. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti 9

III. Spjegazzjonijiet 9

Anness I - Definizzjonijiet 15

I Kamp ta' applikazzjoni 15

II. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti 15

III. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi 15

IV. Spjegazzjonijiet 17

Anness II – Parti-ARO 19

I. Ġenerali 19

II. Konsultazzjoni 22

III. Kamp ta' applikazzjoni u applikabilità 24

IV. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi 43

V. Lista ta' kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli 44

Anness III – Parti-ORO 46

I. Ġenerali 46

II. Konsultazzjoni 46

III. Kamp ta' applikazzjoni u applikabilità 48

IV. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi 70

V. Lista ta' kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli 84

Anness IV - Parti-CAT(A,H) 85

I. Kamp ta' applikazzjoni 85

II. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti 87

III. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi 87

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

IV. Lista ta' kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli 94

V. CAT.GEN: Subparti A – Rekwiżiti ġenerali 98

VI. CAT.OP: Subparti B – Proċeduri operattivi 100

VII. CAT.POL: Subparti C – Limitazzjonijiet ta' prestazzjoni u operazzjoni ta' inġenju tal-ajru 103

VIII: CAT.IDE: Subparti D – Strument, dejta, tagħmir 107

Anness V - Parti-SPA 110

I. Kamp ta' applikazzjoni 110

II. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti.....112

III. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi 112

IV. Lista ta' kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli.....112

V. SPA.GEN: Subparti A – Rekwiżiti ġenerali 113

VI. SPA.PBN: Subparti B – Operazzjonijiet ta' navigazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni (PBN).....114

VII. SPA.MNPS: Subparti C – Operazzjonijiet bi prestazzjoni ta' navigazzjoni minima speċifikata (MNPS).....115

VIII. SPA.RVSM: Subparti D – Operazzjonijiet fi spazju tal-ajru b'separazzjoni vertikali imnaqqsa minima (RVSM).....116

IX. SPA.LVO: Subparti E - Operazzjonijiet f'viżibilità baxxa (LVO) 116

X. SPA.ETOPS: Subparti F – Operazzjonijiet ta' distanza estiża li jsiru minn ajruplani b'żewġ magni (ETOPS) 118

XI: SPA.DG: Subparti G – Trasport ta' oġġetti perikoluży 118

XII. SPA.NVIS: Subparti H - Operazzjonijiet bil-ħelikopter b'sistemi ta' reġistrazzjoni ta' immaġnijiet b'viżjoni fid-dlam 118

XIII. SPA.HHO: Subparti I - Operazzjoni bil-parank tal-ħelikopter 120

XIV. SPA.HEMS: Subparti J - Operazzjonijiet ta' servizz mediku ta' emerġenza bil-ħelikopter 121

AKRONIMI/ABBREVJAZZJONIJIET UŻATI FIL-PARTI-CAT U FIL-PARTI-SPA 124

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Sommarju Eżekuttiv

Din l-Opinjoni fiha d-dokumenti li ġejjin:

- Regolament ta' Kopertura dwar operazzjonijiet bl-Ajru;
- Anness I – Definizzjonijiet għall-Annessi II sa VIII;
- Anness II – Parti-ARO, Rekwiżiti tal-awtorità għal operazzjonijiet bl-ajru;
- Anness III – Parti-ORO, Rekwiżiti tal-organizzazzjoni għal operaturi tal-ajru kummerċjali u operaturi tal-ajru mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur;
- Anness IV - Parti-CAT(A,H), rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru ta' ajruplani u ħelikopters;
- Anness V - Parti-SPA, rekwiżiti għal operazzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni speċifika.

Fuq il-bażi ta' prinċipji stabbiliti mill-Bord ta' Amministrazzjoni flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, il-proposta tal-Aġenzija tittrasponi l-kontenuti tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3 u kemm jista' jkun tallinja r-rekwiżiti mal-Parti I u l-Parti III tas-Sezzjonijiet 1 u 2 tal-Anness 6 tal-ICAO SARPs.

L-iżvilupp ta' dawn ir-rekwiżiti kien ibbażat fuq l-għanijiet li ġejjin:

- iż-żamma ta' livell għoli ta' sikurezza;
- l-iżgurar ta' regoli proporzjonati, fejn dawn ikunu xierqa;
- il-garanzija ta' flessibilità u effiċjenza għall-operaturi u l-awtoritajiet.

Din l-Opinjoni hija l-frott ta' proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi awtoritajiet, assoċjazzjonijiet, operaturi u esperti tal-avjazzjoni.

L-Opinjoni għall-Annessi l-oħrajn ta' dan ir-Regolament, l-Anness VI – Parti-NCC, l-Anness VII – Parti-NCO, u l-Anness VIII – Parti-SPO se tiġi ppubblikata aktar tard.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Introduzzjoni

I. Ġenerali

1. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (li minn hawn 'il quddiem se jiġi msejjaħ ir-'Regolament Bażiku') kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009[2] li jistabbilixxi qafas xieraq u komprensiv għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili.

2. L-iskop ta' din l-Opinjoni huwa li tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fit-tfassil ta' Regoli ta' Implimentazzjoni għal operazzjonijiet bl-ajru.

3. L-Opinjoni ġiet adottata billi ġiet segwita l-proċedura speċifikata mill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni[3] (l-Aġenzija) b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku.

II. Kamp ta' Applikazzjoni tal-Opinjoni

4. Din l-Opinjoni tikkonsisti fid-dokumenti li ġejjin:

   - Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru;
   - Anness I – Definizzjonijiet għall-Annessi II sa VIII;
   - Anness II – Parti-ARO, Rekwiżiti tal-awtorità għal operazzjonijiet bl-ajru;
   - Anness III – Parti-ORO, Rekwiżiti tal-organizzazzjoni għal operaturi tal-ajru kummerċjali u operaturi tal-ajru mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur;
   - Anness IV - Parti-CAT(A,H), rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru b'ajruplani u ħelikopters;
   - Anness V - Parti-SPA, rekwiżiti għal operazzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni speċifika.

5. Din l-Opinjoni ma fihiex:

---

[1] Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE. *ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1-49.*

[2] Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jħassar id-Direttiva 2006/23/KE. *ĠU L 309, 24.11.2009, pp. 51-70.*

[3] Decision of the Management Board concerning the procedure to be applied by the Agency for the issuing of Opinions, Certifications Specifications and Guidance Material (Rulemaking Procedure).EASA MB 08-2007, 13.06.2007. ((Deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni rigward il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Ċertifikazzjonijiet, Speċifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli). EASA MB 08-2007, 13.06.2007)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- ir-rekwiżiti tat-trasport kummerċjali bl-ajru għal gliders, blalen tal-arja, u titjiriet minn A sa A bl-ajruplani u l-ħelikopters fl-Anness III – Parti-CAT;
- Anness VI - Parti-NCC, rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur;
- Anness VII - Parti-NCO, rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur;
- Anness VIII - Parti-SPO, rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet speċifiċi, inklużi operazzjonijiet kummerċjali u operazzjonijiet mhux kummerċjali;
- id-dispożizzjonijiet relatati mal-operazzjonijiet imsemmija hawn fuq fir-Regolament ta' Kopertura dwar Operazzjonijiet bl-ajru.

L-Opinjoni għar-rekwiżiti li jifdal se tiġi ppubblikata aktar tard.

6. Id-dokumenti ta' din l-Opinjoni huma bbażati fuq l-istruttura tar-regoli reveduta kif ġie propost mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Aġenzija f'April 2011. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-Annessi fir-Regolament għall-Operazzjonijiet bl-ajru.

Tabella 1: Annessi tar-Regolament għal Operazzjonijiet bl-ajru



III. Konsultazzjoni

7. Din l-Opinjoni hija bbażata fuq:

- NPA 2008-22 li fih abbozz ta' proposti għal Regoli ta' Implimentazzjoni (IR - Implimenting Rules) u l-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità relatati (AMC - Acceptable Means of Compliance) u l-Materjal ta' Gwida (GM - Guidance Material) għall-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet;

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- NPA 2009-02 li fih abbozz ta' proposti għall-IR u l-AMC u l-GM relatati għall-operazzjonijiet bl-ajru.

8. L-NPA 2009-02 ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-EASA (http://www.easa.europa.eu) fit-30 ta' Jannar 2009. Il-perjodu ta' konsultazzjoni ntemm fil-31 ta' Lulju 2009. L-Aġenzija rċiviet total ta' 13 775 kumment, u madwar 8 200 kumment minnhom relatati mal-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Opinjoni.

9. Is-sommarji tal-kummenti, it-tweġibiet relatati għal kummenti sintetizzati u t-test tar-regola revedut propost ġew diskussi fid-dettall mal-erba' gruppi ta' reviżjoni (RGs - review groups) tat-tfassil tar-regoli li ġejjin:

   - RG01 (CAT), li jiffoka fuq ir-regoli għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru;
   - RG02 (SPO), li jiffoka fuq ir-regoli għal operazzjonijiet speċjalizzati;
   - RG03 (NCC), li jiffoka fuq ir-regoli għal operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur; u
   - RG04 (NCO), li jiffoka fuq ir-regoli għal operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur.

10. L-abbozz tat-test tas-CRD (Comment Response Document) dwar il-Parti-CAT ġie revedut mill-RG01. L-abbozz tat-test tas-CRD dwar il-Parti-SPA ġie revedut mill-erba' RGs kollha kemm huma.

11. L-Aġenzija organizzat diversi laqgħat anki ma' speċjalisti fil-ħelikopters li taw pariri dwar kwistjonijiet relatati mal-ħelikopters b'mod speċifiku, li rrappreżentaw awtoritajiet, operaturi u manifatturi.

12. Fuq il-bażi ta' konsultazzjoni estensiva ma' awtoritajiet, assoċjazzjonijiet u operaturi, l-Aġenzija ppubblikat is-CRD OPS I fil-25 ta' Novembru 2010. Il-perjodu għall-kummenti ntemm fil-15 ta' Frar 2011. L-Aġenzija rċiviet 1 009 kummenti.

13. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn dawk li kkummentaw billi tipprovdi l-kummenti, maqsuma fi gruppi ta' awtoritajiet, assoċjazzjonijiet, operaturi u manifatturi.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Tabella 2: Ħarsa ġenerali lejn dawk li pprovdew il-kummenti tagħhom



14. Il-kummenti kollha ġew valutati, twieġbu u ttieħdu f'kunsiderazzjoni matul l-abbozzar tal-Anness I, l-Anness IV u l-Anness V ta' din l-Opinjoni.

15. Id-dettalji tal-proċess ta' konsultazzjoni għall-NPA 2008-22b, l-NPA 2008-22c, l-NPA 2009-02c, l-NPA 2009-02d, relatati mar-rekwiżiti tal-Parti-ARO tal-Anness II u tal-Parti-ORO tal-Anness III ta' din l-Opinjoni, huma deskritti fit-sezzjonijiet relevanti ta' din in-Nota ta' Spjega.

IV. Konvenzjoni ta' enumerar tar-regoli

16. B'konformità mal-linji gwida għall-abbozzar tat-tfassil tar-regoli tal-Aġenzija, ġiet applikata l-konvenzjoni ta' enumerar tar-regoli li ġejja għall-IRs:

<Parti>.<Subparti>.<Sezzjoni>.<N>

Spjegazzjoni:

<Parti>: mandatorja - sa erba' ittri jew figuri

eżempji: ARO, ORO, CAT, SPA

<Subparti>: mandatorja - sa erba' ittri jew figuri

eżempji: GEN, OP, POL, IDE

<Sezzjoni>: mandatorja - sa ħames ittri jew figuri

eżempji: MPA, A, H, MAB

<N>: mandatorja - numru tar-regola – tliet figuri, li jibdew minn 100, ġeneralment jinqabżu 5 numru bejn xulxin.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru

I. Kamp ta' applikazzjoni

17. Ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-'Operazzjonijiet bl-ajru' jiddefinixxi l-applikabilità ġenerali tal-Partijiet li jkopri u jipproponi miżuri ta' anterjorità u tranżizzjoni fil-forma ta' non-parteċipazzjoni.[4]

II. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti

18. Il-kummenti li daħlu dwar ir-Regolament ta' Kopertura tal-OPS iffukaw fuq l-allinjament mar-Regolament ta' Kopertura tal-Parti-FCL, id-dispożizzjonijiet ta' anterjorità tal-JAR-OPS 3, talbu kjarifika fir-rigward tal-użu ta' ċerti inġenji tal-ajru tal-Anness II f'operazzjonijiet ta' CAT (Commercial Air Transport) u definizzjoni tat-terminu "operazzjonijiet speċjalizzati".

III. Spjegazzjonijiet

19. B'konformità mal-Artikoli 4.1(b) u (c) u 8 tar-Regolament Bażiku, ir-Regolament ta' Kopertura ppubblikat f'din l-Opinjoni fih ir-rekwiżiti għal operaturi tal-UE li jużaw inġenji tal-ajru rreġistrati fl-UE jew f'pajjiż terz u l-persunal li jieħu sehem fit-tħaddim ta' inġenju tal-ajru bħal dan.

20. Jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għall-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam ta' operazzjonijiet bl-ajru, inklużi spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenju tal-ajru ta' operaturi taħt is-sorveljanza tas-sikurezza ta' Stat ieħor b'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku.

21. L-Artikolu 2 fih id-definizzjonijiet ta' termini użati fir-Regolament ta' Kopertura. Id-definizzjoni ta' operazzjonijiet ta' CAT ġejja mill-Anness 6 tal-ICAO u ġiet emendata ftit sabiex tikkonsidra d-definizzjoni ta' 'operazzjoni kummerċjali' li tinstab fl-Artikolu 3(i) tar-Regolament Bażiku. Huwa enfasizzat li l-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' operazzjoni kummerċjali huwa usa' minn dak tal-operazzjonijiet ta' CAT. Id-definizzjoni ta' operazzjoni speċjalizzata se tiġi kumplimentata ulterjorment minn lista mhux eżawstiva ta' servizzi jew kompiti speċjalizzati fil-Parti-SPO fil-ġejjini. Barra minn hekk, l-Artikolu 6.6 jispeċifika kif diversi persuni jistgħu jinġarru fuq inġenju tal-ajru użat għal operazzjonijiet speċjalizzati sabiex issir distinzjoni ċara bejn operazzjonijiet ta' CAT u operazzjonijiet kummerċjali li mhumiex ta' CAT.

22. Ir-Regolament ta' Kopertura jinkludi anki żewġ Artikoli indirizzati lill-Istati Membri. L-Artikolu 3 jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Aġenzija jistabbilixxu pjanijiet ta' sikurezza tal-avjazzjoni li għandhom l-għan li jtejbu s-sikurezza b'mod kontinwu. Jistipula wkoll il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkoordinaw il-pjanijiet ta' sikurezza tagħhom, peress li issa s-sikurezza tal-avjazzjoni trid tiġi ġestita b'mod konġunt mill-Istati tal-EASA. B'mod partikolari, il-kondiviżjoni ta' kompetenzi attwali

[4] Non-parteċipazzjoni hija tip ta' miżura ta' tranżizzjoni li tħalli l-għażla f'idejn l-Istati Membri dwar jekk jipposponux id-data ta' implimentazzjoni ta' ċerta dispożizzjoni, sa ċertu limitu ta' żmien definit mil-liġi.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

ġewwa l-Unjoni Ewropea ma tippermettix li jiġi implimentat pjan ta' sikurezza minn Stat Membru waħdu. Fil-ġejjieni, se jiġi pprovdut aktar materjal sabiex ikabbar l-implimentazzjoni komuni tar-rekwiżiti tal-Programm ta' Sigurtà tal-Istat (SSP - State Safety Programme) tal-ICAO fil-qafas Ewropew. Dan se jkun ibbażat fuq il-ħidma kkoordinata mill-Kumitat Konsultattiv Ewropew dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASAC - European Aviation Safety Advisory Committee), b'mod partikolari fir-rigward tal-manwal dwar l-EASP (European Aviation Safety Programme).

23. L-Artikolu 4 jipproponi rekwiżiti dwar il-kapaċitajiet ta' sorveljanza. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet, filwaqt li huma kompletament konsistenti mal-elementi kritiċi relevanti tal-ICAO ta' sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza, jobbligaw lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-persunal ta' sorveljanza tagħhom jingħata s-setgħa xierqa sabiex iwettaq kompiti ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza u li ma jkunx espost għal xi tip ta' kunflitt ta' interess.

24. L-Artikoli 3 u 4 diġà ġew ippubblikati mal-Opinjoni 03-11 għar-Regolament ta' Kopertura dwar l-ekwipaġġ tal-ajru. Diġà huma inklużi l-bidliet li jirriżultaw minn diskussjonijiet fil-Kumitat tal-EASA dwar it-test relatat.

25. L-Artikolu 5 dwar l-ispezzjonijiet fir-rampa jinkludi dispożizzjoni ta' tranżizzjoni dwar kwota annwali minima li hija aġġustata prorata għad-data ta' applikabilità ta' April tar-Regolament, li tirriżulta f'65% għall-2012.

26. L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-applikabilità tal-Annessi kif ġej:

Anness	**Applikabilità**	**Artikolu fis-CR**
Anness II - Parti-ARO	Rekwiżiti tal-Awtorità, inklużi l-ispezzjonijiet fir-rampa	1.1 u 5
Anness III - Parti-ORO Anness IV - Parti-CAT	Operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru ta' ajruplani u ħelikopters, ħlief titjiriet minn A sa A	1.2 u 6.1
Anness V - Parti-SPA	Kull operazzjoni ta' ajruplani, ħelikopters, blalen tal-arja jew gliders	6.3

27. L-Artikolu 6.4 jeskludi ċerti kategoriji ta' inġenji tal-ajru jew tipi ta' operazzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sakemm tiġi finalizzata l-attività ta' tfassil tar-regoli relatata. Dawn huma:

- ċerti inġenji tal-ajru tal-Anness II meta użati f'operazzjonijiet ta' CAT. Għandhom jitħaddmu b'konformità mal-kundizzjonijiet li jinstabu f'Deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata skont l-EU-OPS;
- airships, inġenji tal-ajru bir-rotor rotanti, blalen tal-arja marbuta u sistemi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ; u
- titjiriet minn organizzazzjonijiet ta' disinjar jew produzzjoni li kienu relatati ma' attività bħal din.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

28. Għalissa, esklużi mill-applikabilità tal-Parti-ORO u l-Parti-CAT hemm operazzjonijiet ta' CAT b'ajruplani u minn A sa A b'ħelikopters (Artikolu 6.2) kif ukoll operazzjonijiet ta' CAT ta' blalen tal-arja u gliders. L-IRs relatati se jiġu ppubblikati aktar tard u r-Regolament ta' Kopertura se jiġi emendat skonthom.

29. Barra minn hekk, għalissa, esklużi mill-applikabilità tal-Parti-ORO hemm operazzjonijiet kummerċjali li mhumiex ta' CAT u operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur. Ir-Regolament ta' Kopertura se jiġi emendat ladarba jitqiegħdu għad-dispożizzjoni l-Parti-NCC, il-Parti-NCO u l-Parti-SPO mal-Opinjonijiet tal-Aġenzija relatati magħhom.

30. Diversi kummenti talbu kjarifika dwar l-operazzjonijiet ta' CAT ta' ċerti inġenji tal-ajru tal-Anness II b'konformità mal-Artikolu 8.5.g tar-Regolament Bażiku. Il-kjarifika li ġejja hija pprovduta b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea:

31. Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni maħruġa permezz tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament 3922/91[5] jistgħu jibqgħu validi wara t-tħassir tal-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 jekk din il-validità tissemma b'mod espliċitu fl-IRs. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7633[6] tal-14.10.2009 se tibqa' fis-seħħ bħala miżura ta' tranżizzjoni. Id-Deċiżjoni ġiet notifikata għall-informazzjoni lill-Istati Membri kollha u hija disponibbli fuq l-internet.

32. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea hija marbuta ma' ċerti operaturi, tip ta' inġenju tal-ajru tal-Anness II, provi u kundizzjonijiet. Jekk wieħed minn dawn l-operaturi jippjana li juża tip differenti ta' inġenju tal-ajru tal-Anness II, ikunu jridu jiġu ppreżentati valutazzjoni tas-sikurezza u talba ġodda għal deroga lill-Kummissjoni Ewropea. Ir-Regolament ta' Kopertura propost jinkludi dispożizzjonijiet sabiex jispjegaw aħjar kif Stat Membru għandu jipproċedi meta jiltaqa' ma' bidliet fl-operazzjoni kif ġie adottat f'dik id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

33. L-Istati Membri kollha huma intitolati japplikaw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7633 bl-istess kundizzjonijiet stipulati fiha u relatati mal-istess tip ta' inġenju tal-ajru. Kull awtorizzazzjoni sussegwenti minn Stat Membru ieħor bl-istess kundizzjonijiet li sservi l-istess skop tista' tiġi koperta mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7633.

34. Bil-għan li jiġi żgurat fehim xieraq u armonizzat tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, ir-Regolament ta' Kopertura jiċċara li kull Stat Membru li jixtieq juża deroga diġà mogħtija huwa meħtieġ jgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea bl-intenzjoni tiegħu qabel ma jimplimentaha. Dan jippermetti lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tivvaluta jekk id-deroga maħsuba tissodisfax il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet u s-sikurezza mwettqa fil-kuntest tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk dan ma jkunx il-każ, tkun meħtieġa deroga ġdida b'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament Bażiku.

---

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili. ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.

[6] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7633 tal-14.10.2009 li tawtorizza lill-Awstrija, lill-Ġermanja, lir-Renju Unit u lil Malta sabiex joħorġu Ċertifikati tal-Operatur tal-Ajru permezz ta' deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

35. L-Artikolu 7.1 fih id-dispożizzjonijiet ta' anterjorità għall-AOCs (Air Operator Certificates) maħruġa b'konformità mal-EU-OPS. Perjodu ta' sentejn huwa propost sabiex jippermetti biżżejjed żmien sabiex jiġu adattati s-sistema ta' ġestjoni, il-programmi ta' taħriġ, il-proċeduri u l-manwali, skont kif ikun meħtieġ. Peress li l-IRs proposti fihom format ġdid tal-AOC b'konformità ma' emenda riċenti tal-ICAO, huwa stabbilit limitu ta' żmien ta' sentejn li matulu d-dokumenti tal-AOC għandu jiġi skambjat ma' AOC b'konformità mal-format il-ġdid.

36. L-Artikolu 7.3-6 fih dispożizzjonijiet ta' konverżjoni partikolari għal operazzjonijiet ta' CAT bil-ħelikopter. Huwa propost li l-AOCs nazzjonali tal-ħelikopters jiġu konvertiti f'AOCs konformi mal-IR fi żmien sentejn. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi rapport ta' konverżjoni fi żmien sena mid-data ta' applikabilità tar-Regolament. Għandu jkun fih deskrizzjonijiet tar-rekwiżiti nazzjonali li fuq il-bażi tagħhom inħareġ l-AOC u l-kamp ta' applikazzjoni tal-privileġġi li ngħataw lill-operatur, għandu jipprovdi indikazzjonijiet għal dawk ir-rekwiżiti fil-Parti-ORO, fil-Parti-CAT u fil-Parti-SPA li għandhom jingħataw kreditu, kwalunkwe limitazzjoni li teħtieġ li tiġi inkluża fl-AOC konformi mal-IR u kwalunkwe rekwiżit li l-operatur irid jikkonforma miegħu sabiex jelimina dawk il-limitazzjonijiet.

37. L-Artikolu 8 jispeċifika li s-Subparti Q tal-EU-OPS u d-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri fl-Artikolu 8.4 tar-Regolament 3922/91 jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu adottati r-Regoli ta' Implimentazzjoni relatati.

38. L-Artikolu 9 janterjorizza l-listi ta' tagħmir minimu eżistenti (MELs - minimum equipment lists) li jistgħu ma jkunux ibbażati fuq lista ewlenija ta' tagħmir minimu (MMEL - master minimum equipment lists) stabbilita b'konformità mal-Parti-21. Kull bidla sussegwenti f'dawn l-MEL trid tikkonforma mal-MMEL applikabbli anterjorizzata jew stabbilita b'konformità mal-Parti-21.

39. L-Artikolu 10 jindirizza t-taħriġ tal-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina relatat mal-elementi li jirriżultaw minn dejta mandatorja dwar l-adegwatezza operazzjonali. Filwaqt li l-operatur jingħata sentejn sabiex jadatta l-programmi ta' taħriġ relevati (Artikolu 7.1(b)), dispożizzjoni ta' tranżizzjoni hija meħtieġa sabiex tippermetti għall-għoti tat-taħriġ lill-membri tal-ekwipaġġ. Il-proposta tieħu f'kunsiderazzjoni ċ-ċikli ta' taħriġ tal-operaturi.

40. L-Artikolu 11 fih id-dispożizzjonijiet ta' dħul fis-seħħ u ta' non-parteċipazzjoni. Id-definizzjoni ta' data massima ta' applikabilità għall-IRs fl-Artikolu 70 tar-Regolament Bażiku tillimita l-perjodi disponibbli għat-tranżizzjoni billi tistabbilixxi li l-IRs għandhom ikunu applikabbli mhux aktar tard mit-8 ta' April 2012. Fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, il-metodu ta' non-parteċipazzjoni ngħażel sabiex iservi fil-perjodu ta' tranżizzjoni fejn dan jestendi għal wara t-8 ta' April 2012.

41. Is-subparagrafu 2(a) jipprovdi għażla ta' non-parteċipazzjoni għall-awtoritajiet fuq il-partijiet tas-sistema ta' ġestjoni. B'mod simili għall-operaturi, l-awtoritajiet jeħtieġu ż-żmien sabiex jadattaw is-sistema ta' ġestjoni, il-proċeduri u l-manwali tagħhom. Il-proposta tipprevedi għażla ta' non-parteċipazzjoni ta' sena u tieħu f'kunsiderazzjoni d-diskussjonijiet preċedenti fil-Kumitat tal-EASA dwar ir-rekwiżiti tal-awtorità relatati dwar l-ekwipaġġ tal-ajru.

42. Fir-rigward ta' operaturi ta' ħelikopters għal CAT, hija pprovduta għażla ta' non-parteċipazzjoni ta' sentejn sabiex tippermetti għall-konverżjoni tal-AOC spjegati aktar 'il fuq.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

43. Il-Parti-SPA fiha approvazzjonijiet speċifiċi aċċessibbli għall-operaturi kollha, ħlief għas-servizz mediku ta' emerġenza bil-ħelikopter (HEMS - Helicopter Emergency Medical Service), operazzjonijiet bil-parank tal-ħelikopter (HHO - Helicopter Hoist Operations), sistema ta' reġistrazzjoni ta' immaġnijiet b'viżjoni fid-dlam (NVIS - Night Vision Imaging System) operazzjonijiet u operazzjonijiet ta' distanza estiża li jsiru minn ajruplani b'żewġ magni (ETOPS - Extended Range Operations), li huma aċċessibbli għal detenturi ta' AOCs biss. Fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' CAT b'ajruplan u ħelikopter, il-prinċipji rigward l-anterjorità u t-tranżizzjoni jappikaw kif spjegat aktar 'il fuq. Rigward l-operazzjonijiet ta' CAT bi blalen tal-arja u gliders, minkejja li l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni speċifika għat-trasportar ta' oġġetti perikolużi jistgħu jkunu rari, huwa propost perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin. L-istess perjodu huwa propost għal operazzjonijiet speċjalizzati. Għal operazzjonijiet mhux kummerċjali li ma jinvolvux operazzjonijiet speċjalizzati, huwa propost perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn.

44. L-għażliet ta' non-parteċipazzjoni huma miġbura fit-tabella hawn taħt:

Operazzjoni	**Parti**	**Inġenju tal-ajru**	**Non-parteċipazzjoni**
CAT, ħlief minn A sa A	Parti-ORO Parti-CAT Parti-SPA	Ajruplani	Mhux applikabbli
	Parti-ORO Parti-CAT Parti-SPA	Ħelikopters	Sentejn
CAT minn A sa A	Parti-ORO Parti-CAT	Ajruplani Ħelikopters	Għadha mhux applikabbli; għandha tingħata aktar tard
	Parti-SPA	Ajruplani Ħelikopters	3 snin
Blalen tal-arja u Gliders għal CAT	Parti-ORO Parti-CAT	Blalen tal-arja Gliders	Għadha mhux applikabbli; għandha tingħata aktar tard
	Parti-SPA	Blalen tal-arja Gliders	3 snin
Operazzjonijiet speċjalizzati	Parti-ORO* Parti-SPO	Ajruplani Ħelikopters Blalen tal-arja Gliders	Għadha mhux applikabbli; għandha tingħata aktar tard

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Operazzjoni	**Parti**	**Inġenju tal-ajru**	**Non-parteċipazzjoni**
	Parti-SPA	Ajruplani Ħelikopters Blalen tal-arja Gliders	3 snin
Operazzjonijiet mhux kummerċjali b'CMPAs (Complex Motor-Powered Aircraft)	Parti-ORO Parti-NCC	Ajruplani Ħelikopters	Għadha mhux applikabbli; għandha tingħata aktar tard
	Parti-SPA	Ajruplani Ħelikopters	Sentejn
Operazzjonijiet mhux kummerċjali b'Inġenji tal-Ajru li mhumiex CMPA otCMPA (other than Compex Motor-Powered Aircraft)	Parti-NCO	Ajruplani Ħelikopters Blalen tal-arja Gliders	Għadha mhux applikabbli; għandha tingħata aktar tard
	Parti-SPA	Ajruplani Ħelikopters Blalen tal-arja Gliders	Sentejn

*applikabbli għal attivitajiet kummerċjali li mhumiex għal CAT u għal operazzjonijiet speċjalizzati mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Anness I - Definizzjonijiet

I Kamp ta' applikazzjoni

45. L-Anness I fih definizzjonijiet għal termini użati fl-Annessi II-VIII ta' dan ir-Regolament.

II. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti

46. Daħlu madwar 53 kumment minn 18-il persuna differenti (li jirrappreżentaw awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, assoċjazzjonijiet tal-industrija, manifatturi, linji tal-ajru, assoċjazzjoni tal-ajrudromi u individwu) dwar l-Anness I. B'mod ġenerali, il-ġbir tad-definizzjonijiet fl-Anness I kien appoġġjat, għad li l-qsim bejn l-IR, l-AMC u l-GM ma kienx. L-element li l-aktar saru kummenti dwaru kienet il-'konfigurazzjoni massima ta' sits għall-passiġġiera', fejn it-talba unanima kienet li tiġi traposta l-intenzjoni tad-definizzjoni tal-EU-OPS/JAR-OPS 3. Il-kummenti l-oħrajn kienu mifruxa fuq 30 terminu, u ssuġġerew korrezzjonijiet editorjali, bidliet sabiex titjieb iċ-ċarezza jew l-allinjament aħjar mar-regoli, u l-allinjament mal-EU-OPS, mal-JAR-OPS 3, is-CS-Definitions u l-Anness 6 tal-ICAO li jvarjaw.

III. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi

Differenzi mill-EU-OPS / JAR-OPS 3

47. Il-parti l-kbira tad-definizzjonijiet huma allinjati ma' dawk fl-EU-OPS u fil-JAR-OPS 3. Għal dawk it-termini użati f'aktar minn IR waħda, id-definizzjoni tqiegħdet fl-Anness I. Saru xi bidliet editorjali żgħar sabiex jiġi identifikat b'mod ċar jekk ċerti termini applikawx għal tip ta' operazzjoni jew inġenju tal-ajru u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-linji gwida dwar l-abbozzar. Saru bidliet oħrajn fit-termini li ġejjin:

- it-terminu 'ajrudrom alternattiv en route ta' 3%' ġie ppreżentat fis-CRD minflok it-terminu tal-EU-OPS 'ajrudrom alternattiv en route ta' fjuwil' - ir-rekwiżit għal 3% jinstab fl-AMC għall-CAT.OP.MPA.150 Policy Fuel (Politika dwar il-Fjuwil);
- 'ajrudrom adegwat': id-definizzjoni fl-EU-OPS stabbilixxiet x'għandu jkun ajrudrom bħal dan u pprovdiet lista' mhux eżawstiva ta' servizzi anċillari meħtieġa għal ajrudrom bħal dan. Il-kummenti mill-partijiet interessati stipulaw li l-lista ta' servizzi anċillari meħtieġa tad-definizzjoni tal-EU-OPS hija waħda diffiċli sabiex wieħed jikkonforma magħha għal inġenji tal-ajru li joperaw taħt il-Parti-NCC u l-Parti-NCO, minkejja li partijiet interessati oħrajn talbu li d-definizzjoni sħiħa tal-EU-OPS tiġi trasposta għal operazzjonijiet ta' CAT. Sabiex tindirizza l-kwistjoni ta' proporzjonalità, l-Aġenzija ddeċidiet li tittrasponi l-lista ta' servizzi anċillari meħtieġa fl-IR applikabbli fil-Parti-CAT. Għaldaqstant, il-ħsieb sħiħ tad-definizzjoni tal-EU-OPS inżamm għal operazzjonijiet ta' CAT;

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- it-terminu 'operazzjoni b'avviċinament tal-Kategorija I (CAT I)' jinkludi l-GNSS/SBAS (satellite-based augmented global navigation satellite system - sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita mkabbra bbażata fuq is-satelliti) sabiex jiġi ċċarat li l-operazzjonijiet li jużaw il-preċiżjoni ta' lokalizzizzjoni bi gwida vertikali (LPV - Localiser Precision with Vertical Guidance) b'altitudni ta' deċiżjoni inqas minn 250 pied (u mhux inqas minn 200 pied) huma ttrattati bħala operazzjoniiet tal-CAT I;
- it-terminu 'sistema ta' nżul GNSS (GLS - GNSS landing system)' ingħata l-isem il-ġdid ta' 'sistema ta' nżul GBAS (GLS - GBAS landing system)' u ġie editjat sabiex jallinja mal-PANS ATM u PANS ABC tal-ICAO;
- 'ħeliport': l-Aġenzija tqis li dan it-terminu huwa kopert minn "ajrudrom" (kif definit fir-Regolament Bażiku) u 'sit operattiv' u ma ttrasponietx dan it-terminu fir-Regolament il-ġdid;
- 'żmien li jdum tajjeb it-trattament (HoT - Hold-over Time)': id-definizzjoni tibqa' l-istess mis-CRD u hija allinjata mal-Anness 14 tal-ICAO;
- 'il-konfigurazzjoni operazzjonali massima ta' sits għall-passiġġiera' (MOPSC - Maximum Operational Passenger Seating Configuration) huwa terminu introdott minflok it-terminu 'konfigurazzjoni massima approvata ta' sits għall-passiġġiera' tal-EU-OPS / JAR-OPS 3. Il-kummenti tal-partijiet interessati wrew li l-MAPSC tal-EU-OPS hija ttrattata bħala approvazzjoni operazzjonali u li d-definizzjonijiet tal-NPA u tas-CRD għall-konfigurazzjoni massima ta' sits għall-passiġġiera ma rriflettewx dan. Għaldaqstant, l-Aġenzija abbozzat id-definizzjoni għat-terminu MOPSC il-ġdid filwaqt li qieset dawn il-kummenti. B'mod ċar, l-MOPSC huwa element stabbilit għal skopijiet operazzjonali u jrid jiġi speċifikat fil-manwal tal-operazzjonijiet. Id-definizzjoni tiċċara wkoll li l-MOPSC għandha tuża l-konfigurazzjoni massima ta' sits għall-passiġġiera stabbilita matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni bħala linja bażi;
- 'il-Kategorija I Standard' ingħatat l-isem il-ġdid ta' 'operazzjoni b'avviċinament tal-Kategorija I (Cat I)' u ġiet abbozzata mill-ġdid sabiex tkun allinjata aktar mat-terminu fl-EU-OPS/JAR-OPS 3 (il-bidla editorjali hija li l-akronomi tad-definizzjoni tal-EU-OPS inkitbet sħiħa fl-Anness I).

Differenzi għall-Anness 6 tal-ICAO

48. Filwaqt li l-parti l-kbira tad-definizzjonijiet huma allinjati mal-ICAO, peress li dan ir-Regolament jittrasponi l-EU-OPS u l-JAR-OPS 3, hemm xi differenzi mill-ICAO:
    - bħalissa, it-terminu 'operazzjonijiet b'avviċinament tal-KAT II, IIIA, IIIB' huwa allinjat mal-EU-OPS, permezz tal-kompitu ta' tfassil tar-regoli OPS.083 'Reviżjoni ta' SPA.LVO' se jiġi kkunsidrat allinjament mal-aħħar emenda għall-Anness 6 tal-ICAO;
    - il-'Kategorija A / B fir-rigward ta' ħelikopters' – wara li ġew segwiti l-kummenti għas-CRD, dawn ġew allinjati mad-definizzjonijiet għal 'Kategorija A' u l-'Kategorija B' għal inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors fis-CS-Definitions, li huma meqjusa li jaqblu mal-ħsieb tal-JAR-OPS 3. Il-kummenti tal-partijiet interessati talbu li jiġu estiżi l-eżenzjonijiet parzjali għal ċerti operazzjonijiet (b'mod partikolari l-operazzjonijiet ta' HEMS) sabiex il-

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

ħelikopters li ma jkunux kompletament konformi mal-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni meħtieġa xorta waħda jkunu eliġibbli għal operazzjonijiet ta' klassi ta' prestazzjoni 1 u 2. Partijiet interessati oħrajn talbu li l-eżenzjonijiet parzjali jitneħħew kompletament. L-Aġenzija ma sabet l-ebda riskju għas-sikurezza sabiex tibdel il-ħsieb tad-definizzjonijiet;

- 'ajrudrom alternattiv en route (ERA - En-Route Alternate aerodrome)': id-definizzjoni tibqa' allinjata mal-EU-OPS, u differenti minn dik tal-ICAO għax hija marbuta ma' 'ajrudrom adegwat' u tista' tkun meħtieġa fl-istadju ta' ppjanar.
- bħalissa, it-terminu 'apparat ta' wiri fil-livell tal-għajnejn' huwa allinjat mal-EU-OPS u l-kompitu ta' tfassil tar-regoli OPS.084 'HUD/EVS' fil-ġejjieni se jikkunsidra l-allinjament mal-aħħar emenda għall-Anness 6 tal-ICAO;
- 'operazzjoni fil-klassi ta' prestazzjoni 1 / 2 / 3' għal ħelikopters: fis-CRD ġie spjegat li d-definizzjonijiet jibqgħu allinjati ma' dawk fil-JAR-OPS 3 peress li l-Aġenzija tqishom bħala l-aktar xierqa. Ma daħal l-ebda kumment għas-CRD dwar dawn l-elementi, u ma saret l-ebda bidla ulterjuri. Għall-klassi ta' prestazzjoni 1, id-definizzjoni tal-ICAO tispeċifika li l-prestazzjoni b'magna waħda li hi inoperattiva (OEI - one-engine-inoperative) għandha titqies qabel ma jintlaħaq il-punt ta' deċiżjoni ta' tluq (TDP - Take-off Decision Point) jew wara li jkun għadda l-punt ta' deċiżjoni ta' nżul (LDP - Landing Decision Point). Id-definizzjoni magħżula fl-Anness I ma tiddefinixxix b'mod ċar f'liema punt għandha tiġi kkunsidrata l-prestazzjoni, permezz tal-IR huwa ddikkjarat li din għandha tkun fil-mument tad-TDP jew qabel (CAT.POL.H.205) u fil-mument tal-LDP jew qabel (CAT.POL.H.220). Għall-klassi ta' prestazzjoni 3, id-definizzjoni magħżula tagħmel distinzjoni bejn ħelikopters b'ħafna magni u dawk b'magna waħda, għall-kuntrarju tad-definizzjoni tal-ICAO.
- bl-istess mod, it-terminu 'kundizzjoni tal-wiċċ tar-runway' huwa allinjat mal-EU-OPS, u d-definizzjonijiet se jiġu reveduti sabiex jiġi allinjat mal-aħħar emendi għall-Anness 6 tal-ICAO fil-kompitu ta' tfassil tar-regoli OPS.005 'L-ewwel reviżjoni editorjali tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-OPS', li għandu jibda fl-2013. Dan se jipprovdi opportunitajiet għal kummenti mingħand il-partijiet interessati.

IV. Spjegazzjonijiet

49. Hekk kif il-prinċipju ta' abbozzar ewlieni kien li jiġu trasposti l-EU-OPS u l-JAR-OPS 3, dan irriżulta f'xi differenzi fl-Anness 6 tal-ICAO (elenkati aktar 'il fuq). Għal ftit termini, id-definizzjoni tal-EU-OPS u/jew tal-JAR-OPS 3 inqasmet f'definizzjoni ewlenija fl-Anness I u l-materjal l-ieħor tqiegħed fil-GM u/jew fl-IR jew fl-AMC. Għaldaqstant, ġie abbozzat il-GM għal dawn li ġejjin: sistema ta' nżul bi gwida fil-livell tal-għajnejn, ambjent ostili, operazzjonijiet offshore, sistema ta' reġistrazzjoni ta' immaġnijiet b'viżjoni fid-dlam u V_1, li fihom materjal li huwa ħieles għall-interpretazzjoni jew purament illużiv u għalhekk mhuwiex xieraq fid-definizzjoni ewlenija. Dan il-qsim tad-definizzonijiet tal-EU-OPS/JAR-OPS 3 sar ukoll sabiex tiġi indirizzata l-proporzjonalità, sabiex jiġi żgurat li, għal uħud mit-termini, id-definizzjoni setgħat tapplika għal diversi Partijiet. Il-każ tat-terminu 'ajrudrom adegwat' ġie spjegat aktar 'il fuq.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

50. Uħud mill-partijiet interessati talbu li d-definizzjonijiet fl-AMC għall-Anness I jitqiegħdu ġewwa l-Anness stess. L-Aġenzija tisħaq li l-AMC għall-Anness I huma adattati għal dawk it-termini li jintużaw f'AMC jew GM oħrajn iżda mhux fl-IRs infushom u d-Deċiżjoni se jkun fiha AMC għall-Anness I. Wara l-bidliet fl-istruttura tar-regoli u t-tqegħid tar-rekwiżiti tal-awtorità u tal-organizzazzjoni f'dan ir-Regolament, ċerti definizzjonijiet li ġew ippubblikati preċedentement fis-CRD għall-Partijiet AR u OR żdiedu mal-Anness I ta' dan ir-Regolament: mezzi aċċettabbli ta' konformità, mezzi alternattivi ta' konformità, kondiviżjoni tal-kodiċi, ftehim ta' kiri mingħajr l-ekwipaġġ, strument ta' taħriġ b'simulazzjoni ta' titjira (FSTD - Flight Simulation Training Device), iż-żamma fl-art ta' inġenji tal-ajru, kontroll operattiv, sede prinċipali, prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa, spezzjoni fir-rampa, intervall ta' rettifika u ftehim ta' kiri bl-ekwipaġġ. Dawn id-definizzjonijiet ġew analizzati mill-partijiet interessati matul il-fażijiet tal-NPA u tas-CRD tal-Partijiet AR u OR.

51. Bħala segwitu għall-kummenti specific li daħlu relatati mal-OPS I tas-CRD, saru bidliet f'uħud mid-definizzjonijiet:

- it-trattamenti ta' 'kontra s-silġ' u 'tneħħija tas-silġ' ġew identifikati b'mod ċar bħala proċeduri ta' fuq l-art, u kontra s-silġ kif applikabbli għall-ajruplani;
- it-terminu 'sistema ta' viżjoni mtejba (EVS - Enhanced Vision System)' ġie modifikat sabiex jallinja mal-emenda 34 għall-Anness 6 tal-ICAO – din tista' titqies sempliċiment bħala bidla editorjali.

52. Finalment, id-definizzjoni ta' 'operazzjoni ta' trasport kummerċjali bl-ajru' ġiet trasferita għar-Regolament ta' Kopertura, hekk kif din hija importanti għall-fehim tal-kamp ta' applikazzjoni tad-diversi Annessi ta' dan ir-Regolament.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Anness II – Parti-ARO

I. Ġenerali

53. Il-Parti-ARO, kif inhu propost f'din l-Opinjoni, hija ffurmata minn tliet Subpartijiet:

- il-Parti-ARO s-Subparti GEN, rekwiżiti ġenerali;
- il-Parti-ARO s-Subparti OPS, rekwiżiti speċifiċi relatati ma' operazzjonijiet bl-ajru;
- il-Parti-ARO s-Subparti RAMP, rekwiżiti għal spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenji tal-ajru ta' operaturi taħt is-sorveljanza regolatorja ta' Stat ieħor.

Tabella 3: Anness II Parti-ARO



54. It-test propost fl-Opinjoni jirrefletti l-bidliet li saru fil-proposti inizjali tal-Aġenzija (kif ippubblikati fl-NPAs 2008-22b u 2009-02d) wara konsultazzjoni pubblika, kif ukoll saru bidliet oħrajn wara l-analiżi u l-valutazzjoni tal-kummenti li saru dwar is-CRD. Fil-parti l-kbira tagħha, is-Subparti GEN tal-Parti-ARO hija allinjata mas-Subparti GEN tal-Parti-ARA (rekwiżiti tal-awtorità dwar l-ekwipaġġ tat-titjira). Id-dispożizzjonijiet għall-operaturi li kienu jeħtieġu li dawn jiddikkjaraw l-attività tagħhom huma relevanti biss għal operazzjonijiet bl-ajru u ma ġewx inklużi fl-abbozz tar-Regolament dwar l-ekwipaġġ tat-titjira (Parti-ARA). Ir-referenzi kollha għar-regoli ġew emendati sabiex jirreflettu l-konvenzjoni ta' għoti ta' isem proposta wara d-deċiżjoni li tiġi emendata l-istruttura tar-regoli:

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

a. Id-dispożizzjonijiet ta' qabel tal-Parti-AR issa huma inklużi bħala dispożizzjonijiet tal-"Parti-ARO", ("O" għal "operazzjonijiet", għall-kuntrarju ta' ARA, b"A" għal "aircrew" (ekwipaġġ tat-titjira)).

b. Is-Sezzjoni IV ta' qabel tal-AR.GEN issa hija inkluża bħala Subparti "ARO.RAMP" separata.

c. Is-Subparti AR.OPS ta' qabel ngħatat l-isem il-ġdid "ARO.OPS".

Ħlief għas-Subparti RAMP tal-Parti-ARO, in-numru tar-regoli (l-aħħar tliet figuri) baqgħu l-istess.

55. It-tabella ta' hawn taħt turi r-referenzi għar-regoli skont is-CRD skont din l-Opinjoni, fl-ordni tal-Opinjoni:

Referenza għar-regola tas-CRD	Titlu tar-regola tas-CRD	Refrenza għar-regola tal-Opinjoni	Titlu tar-regola tal-Opinjoni
AR.GEN	**Rekwiżiti ġenerali**	**ARO.GEN**	**Subparti "Rekwiżiti ġenerali" tal-ARO**
---	---	ARO.GEN.005	Kamp ta' applikazzjoni
AR.GEN.115	Dokumentazzjoni ta' sorveljanza	ARO.GEN.115	Dokumentazzjoni ta' sorveljanza
AR.GEN.120	Mezzi ta' konformità	ARO.GEN.120	Mezzi ta' konformità
AR.GEN.125	Informazzjoni għall-Aġenzija	ARO.GEN.125	Informazzjoni għall-Aġenzija
AR.GEN.135	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza	ARO.GEN.135	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza
AR.GEN.200	Sistema ta' ġestjoni	ARO.GEN.200	Sistema ta' ġestjoni
AR.GEN.205	Użu ta' entitajiet kwalifikati	ARO.GEN.205	Allokazzjoni ta' kompiti
AR.GEN.210	Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni	ARO.GEN.210	Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni
AR.GEN.220	Żamma ta' rekords	ARO.GEN.220	Żamma ta' rekords
AR.GEN.300	Tkomplija tas-sorveljanza	ARO.GEN.300	Sorveljanza
AR.GEN.305	Programm ta' sorveljanza	ARO.GEN.305	Programm ta' sorveljanza
AR.GEN.310	Proċedura ta' ċertifikazzjoni inizjali - organizzazzjonijiet	ARO.GEN.310	Proċedura ta' ċertifikazzjoni inizjali – organizzazzjonijiet
AR.GEN.315	Proċedura għall-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid, it-tiġdid jew bidla ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet jew ċertifikati - persuni	ARO.GEN.315	Proċedura għall-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid, it-tiġdid jew bidla ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet jew ċertifikati - persuni
AR.GEN.330	Bidliet - organizzazzjonijiet	ARO.GEN.330	Bidliet - organizzazzjonijiet
AR.GEN.345	Dikjarazzjoni – organizzazzjonijiet	ARO.GEN.345	Dikjarazzjoni – organizzazzjonijiet
AR.GEN.350	Sejbiet u azzjonijiet korrettivi – organizzazzjonijiet	ARO.GEN.350	Sejbiet u azzjonijiet korrettivi - organizzazzjonijiet
AR.GEN.355	Miżuri ta' infurzar - persuni	ARO.GEN.355	Sejbiet u miżuri ta' infurzar - persuni
AR.OPS	**Operazzjonijiet bl-ajru**	**ARO.OPS**	**Subparti "Operazzjonijiet bl-ajru" tal-ARO**
AR.OPS.100	Ħruġ ta' ċertifikat tal-operatur tal-ajru	ARO.OPS.100	Ħruġ ta' ċertifikat tal-operatur tal-ajru

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għar-regola tas-CRD	Titlu tar-regola tas-CRD	Refrenza għar-regola tal-Opinjoni	Titlu tar-regola tal-Opinjoni
AR.OPS.105	Ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-kodiċi	ARO.OPS.105	Ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-kodiċi
AR.OPS.110	Ftehimiet ta' kiri	ARO.OPS.110	Ftehimiet ta' kiri
AR.OPS.200	Proċedura ta' approvazzjoni speċifika	ARO.OPS.200	Proċedura ta' approvazzjoni speċifika
AR.OPS.205	Approvazzjoni tal-lista ta' tagħmir minimu	ARO.OPS.205	Approvazzjoni tal-lista ta' tagħmir minimu
AR.OPS.210	Żona lokali	ARO.OPS.210	Determinazzjoni taż-żona lokali
---	---	ARO.OPS.215	Approvazzjoni ta' operazzjonijiet bil-ħelikopter f'ambjent ostili barra żona ta' konġestjoni
---	---	ARO.OPS.220	Approvazzjoni ta' operazzjonijiet bil-ħelikopter lejn jew minn sit ta' interess pubbliku
---	---	ARO.OPS.225	Approvazzjoni għal operazzjonijiet lejn ajrudrom iżolat
AR.GEN	**Sezzjoni IV tal-AR.GEN**	**ARO.RAMP**	**Subparti "Spezzjonijiet fir-rampa" tal-ARO**
AR.GEN.405	Kamp ta' applikazzjoni	ARO.RAMP.005	Kamp ta' applikazzjoni
AR.GEN.415	Ġenerali	ARO.RAMP.100	Ġenerali
AR.GEN.420	Kriterji ta' prijoritizzazzjoni	ARO.RAMP.105	Kriterji ta' prijoritizzazzjoni
AR.GEN.425	Ġbir ta' informazzjoni	ARO.RAMP.110	Ġbir ta' informazzjoni
AR.GEN.430	Kwalifika ta' spetturi fir-rampa	ARO.RAMP.115	Kwalifika ta' spetturi fir-rampa
---	---	ARO.RAMP.120	Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ
AR.GEN.435	Twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa	ARO.RAMP.125	Twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa
AR.GEN.440	Kategorizzazzjoni tas-sejbiet	ARO.RAMP.130	Kategorizzazzjoni tas-sejbiet
AR.GEN.445	Azzjonijiet ta' segwitu fuq sejbiet	ARO.RAMP.135	Azzjonijiet ta' segwitu fuq sejbiet
AR.GEN.450	Żamma fl-art ta' inġenju tal-ajru	ARO.RAMP.140	Żamma fl-art ta' inġenju tal-ajru
AR.GEN.455	Rapportar	ARO.RAMP.145	Rapportar
AR.GEN.460	Kompiti ta' koordinazzjoni tal-Aġenzija	ARO.RAMP.150	Kompiti ta' koordinazzjoni tal-Aġenzija
AR.GEN.465	Rapport annwali	ARO.RAMP.155	Rapport annwali
AR.GEN.470	Informazzjoni għall-pubbliku	ARO.RAMP.160	Informazzjoni għall-pubbliku
Parti-AR	**Appendiċi**	**Parti-ARO**	**Appendiċi**
Appendiċi IV	Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru	Appendiċi I	Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru
Appendiċi V	Speċifikazzjonijiet tal-Operazzjonijiet	Appendiċi II	Speċifikazzjonijiet tal-Operazzjonijiet
Appendiċi VI	Lista ta' Approvazzjonijiet Speċifiċi	Appendiċi III	Lista ta' Approvazzjonijiet Speċifiċi

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għar-regola tas-CRD	Titlu tar-regola tas-CRD	Refrenza għar-regola tal-Opinjoni	Titlu tar-regola tal-Opinjoni
Appendiċi I	Formola ta' rapportar standard	Appendiċi IV	Formola ta' rapportar standard
Appendiċi II	Formola ta' prova ta' spezzjoni fir-rampa	Appendiċi V	Formola ta' prova ta' spezzjoni fir-rampa
Appendiċi III	Rapportar ta' spezzjoni fir-rampa	Appendiċi VI	Rapportar ta' spezzjoni fir-rampa

Tabella 1: Kontroreferenza tas-CRD-Opinion mal-Parti-ARO

II. Konsultazzjoni

56. L-NPA 2008-22 ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-EASA (http://www.easa.europa.eu) fil-31 ta' Ottubru 2008. L-NPA 2009-02 ġie ppubblikat fit-30 ta' Jannar 2009. Il-perjodu ta' konsultazzjoni għal dawn l-NPAs ġie estiż b'konformità mal-Artikolu 6(6) tal-Proċedura ta' Tfassil tar-Regoli[7], fuq talba tal-partijiet interessati, sabiex tiġi żgurata sovrappożizzjoni tal-perjodi ta' konsultazzjoni tal-NPAs tal-ewwel estensjoni[8]. Sad-dati ta' għeluq tat-28 ta' Mejju 2009 (NPA 2008-22) u l-31 ta' Lulju 2009 (NPA 2009-02), l-Aġenzija kienet irċiviet 9 405 kumment rigward il-Partijiet-AR u OR minn aktar minn 400 entitajiet, inklużi awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, organizzazzjonijiet professjonali, kumpaniji privati u individwi. In-numru totali ta' kummenti għaż-żewġ NPAs ammonta għal 18 243.

57. L-analiżi tal-kummenti twettqet b'konformità mal-approċċ konġunt għall-estensjoni tal-kompetenza tal-UE stabbilita mill-Aġenzija u l-Kummissjoni Ewropea, u kif approvata mill-Bord ta' Amministrazzjoni u l-Kumitat tal-EASA.[9]

58. It-testi tar-regoli emendati ġew diskussi fid-dettall mal-gruppi ta' reviżjoni tat-Tfassil tar-Regoli stabbiliti għall-NPAs 2008-22 u 2009-02. Il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' reviżjoni kienet ibbażata fuq dik tal-gruppi inizjali ta' abbozzar stabbiliti għall-kompiti ta' tfassil tar-regoli OPS.001 u FCL.001. Is-sħubija ta' dawn il-gruppi inizjali ta' abbozzar ġiet estiża sabiex jiġu inklużi rappreżentanti addizzjonali minn partijiet interessati, kif ukoll rappreżentant tad-dipartiment ta' Standardizzazzjoni tal-Aġenzija, b'konformità mar-regoli ta' proċeduri għas-sħubija ta' gruppi għat-tfassil tar-regoli. Il-Parti-AR ġiet ipproċessata flimkien mal-Parti-OR sabiex tiġi żgurata konsistenza fl-eżiti u l-effiċjenza fil-proċess ta' reviżjoni. Il-proċess ta' reviżjoni involva wkoll koordinazzjoni mill-qrib mal-gruppi ta' reviżjoni stabbiliti għar-rekwiżiti tekniċi tal-operazzjonijiet bl-ajru (OPS - Air Operations) (NPA 2009-02b) u konsultazzjoni mal-gruppi ta' abbozzar stabbiliti għat-tieni estensjoni (ajrudromi, ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru).

---

7 Deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-EASA 08-2007, l-emendar u s-sostituzzjoni tal-Proċedura ta' Tfassil tar-Regoli, adottata matul il-laqgħa 03-2007 tal-Bord ta' Amministrazzjoni tat-13 ta' Ġunju 2007(http://www.easa.eu.int/ws_prod/g/management-board-decisions-and-minutes.php).

8 B'mod aktar speċifiku, NPA 2008-22, dwar ir-Rekwiżiti tal-Awtorità u tal-Organizzazzjoni, u NPA 2009-02, dwar ir-Regoli ta' Implimentazzjoni għal Operazzjonijiet bl-Ajru ta' Operaturi tal-UE (http://www.easa.eu.int/ws_prod/r/r_archives.php).

9 http://easa.europa.eu/ws_prod/g/doc/COMMS/Commission%20EASA%20joint%20position%20MB.%2015%2009%2009.pdf.

59. Is-CRDs għall-Parti-AR u l-Parti-OR jipprovdu taqsiriet ta' kummenti u t-tweġibiet relatati tal-Aġenzija u t-test emendat ġew ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fl-4 ta' Ottubru 2010. Is-CRDs kien fihom lista tal-persuni u/jew l-organizzazzjonijiet kollha li kkummentaw. Sad-data ta' għeluq tas-6 ta' Diċembru 2010, l-Aġenzija kienet irċiviet 1 020 kumment għall-Parti-AR u l-Parti-OR minn aktar minn 70 entità, inklużi awtoritajiet tal-avjazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Finlandja, l-Italja, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi, in-Norveġja, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera, ir-Renju Unit, kif ukoll minn organizzazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, kumpaniji privati u xi ftit individwi. Anki l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni tal-Istati Uniti (FAA - US Federal Aviation Administration) analizzat is-CRDs u ma kellha l-ebda kumment. Mill-kummenti kollha li daħlu, 530 kienu relatati mal-Parti-AR u 490 mal-Parti-OR. Il-parti l-kbira tal-kummenti saru dwar is-Subpartijiet GEN. Madwar 20% mill-1 020 kumment saru dwar l- AMCs u l-GM għall-Parti-AR u l-Parti-OR.

Il-graff ta' hawn taħt turi t-tqassim tal-kummenti għall-Parti-AR għas-Subpartijiet varji biss.



Tabella 4: Kummenti dwar il-Parti-AR – tqassim

60. Indikazzjoni tal-oriġini tal-kummenti hija pprovduta hawn taħt. Meta wieħed iqis li ġeneralment il-kummenti li joriġinaw mill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jintbagħtu f'isem il-membri individwali, jista' jiġi supponut li s-sehem tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija mhuwiex irrappreżentat kollu kemm hu f'dan il-graff. Madanakollu, il-fatt li l-parti l-kbira tal-kummenti ġew mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni mhuwiex sorprendenti.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.



Tabella 5: Kummenti dwar il-Parti-AR – oriġini

III. Kamp ta' applikazzjoni u applikabilità

61. Għad li din l-Opinjoni hija pperżentata għal operazzjonijiet ta' CAT biss, il-Parti-ARO kif proposta f'din l-Opinjoni hija applikabbli għat-tipi kollha ta' operazzjonijiet bl-ajru, inklużi operazzjonijiet kummerċjali li mhumiex ta' CAT, operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur u inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur. Dan għandu jiżgura li fi tmiem il-proċess ta' adozzjoni, ir-regoli se jkunu preċiżi u konsistenti għat-tipi kollha ta' operazzjonijiet bl-ajru (operazzjonijiet kummerċjali u operazzjonijiet mhux kummerċjali). Huwa enfasizzat li kwalunkwe rekwiżit tal-awtorità maħsub sabiex japplika anki għal operazzjonijiet li mhumiex ta' CAT se jibqa' pendenti sakemm jiġu adottati l-Opinjonijiet li fihom ir-rekwiżiti tekniċi relevanti (eż. il-Parti-NCC, il-Parti-NCO, il-Parti-SPO).

Is-Subparti GEN tal-Parti-ARO tiddefinixxi r-rekwiżiti komuni għall-awtoritajiet kompetenti; hija ffurmata minn tliet Sezzjonijiet:

- Sezzjoni 1 Ġenerali;
- Sezzjoni 2 Ġestjoni; u
- Sezzjoni 3 Sorveljanza, ċertifikazzjoni u infurzar.

62. Dawn jimplimentaw l-Artikoli relevanti tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-interazzjonijiet bejn organizzazzjonijiet approvati u l-awtorità kompetenti, kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-Aġenzija, l-approvazzjoni ta' mezzi ta' konformità alternattivi għal dawk stabiliti mill-Aġenzija, il-ħtieġa ta' reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, l-aġġornar, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati u approvazzjonijiet. Is-Subparti GEN fiha wkoll rekwiżiti għall-organizzazzjoni u s-sistema ta' ġestjoni tal-awtoritajiet kompetenti li huma direttament relevanti għall-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Regolament Bażiku	**Rekwiżiti tal-Awtorità**
Artikolu 2(2)(d) Objettivi Artikolu 15 Netwerk ta' informazzjoni	Programm ta' Sikurezza (Artikolu 3 tar-Regolament ta' Kopertura)
Artikolu 18 Miżuri ta' l-Aġenzija Artikolu 19 Opinjonijiet, speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjonijiet u materjal ta' gwida	Mezzi ta' konformità (ARO.GEN.120)
Artikolu 7 Bdoti	Il-kapaċitajiet ta' sorveljanza (Ir-Regolament ta' Kopertura Artikolu 4) Sorveljanza (ARO.GEN.300) Programm ta' sorveljanza (AOR.GEN.305) Ċertifikazzjoni inizjali (ARO.GEN.310 & 315) Bidliet – organizzazzjonijiet (ARO.GEN.330) Sejbiet – organizzazzjonijiet (ARO.GEN.350) Sejbiet u infurzar - persuni (ARO.GEN.355)
Artikolu 7 Bdoti (ATOs, AeMCs, FSTDs)	
Artikolu 8 Operazzjonijiet ta' l-ajru	
Artikolu 8(4) Operazzjonijiet ta' l-ajru - L-Ekwipaġġ tal-Kabina	
Artikolu 10 Sorveljanza u infurzar	Sorveljanza (ARO.GEN.300) Programm ta' sorveljanza (ARO.GEN.305) Sejbiet (ARO.GEN.350) Infurzar - persuni (ARO.GEN.355)
Artikolu 13 + Anness V – Entitajiet kwalifikati	Allokazzjoni ta' kompiti (ARO.GEN.205)
Artikolu 15 Netwerk ta' informazzjoni	Informazzjoni għall-Aġenzija (ARO.GEN.125) Programm ta' sorveljanza (ARO.GEN.305) Sistema ta' ġestjoni (ARO.GEN.200)
Artikolu 14 Dispożizzjonijiet ta' flessibiltà Artikolu 15 Netwerk ta' informazzjoni Artikolu 22(1) Ċertifikazzjoni ta' Operazzjoni fl-Ajru	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza (ARO.GEN.135)
Artikolu 24 Monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tar-regoli	Sistema ta' ġestjoni (ARO.GEN.200) Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni (ARO.GEN.210)
Artikolu 54 Spezzjonijiet ta' Stati Membri	Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni (ARO.GEN.210) Żamma ta' rekords (ARO.GEN.220)

Tabella 2: Artikoli tar-Regolament Bażiku u l-AR korrispondenti

63. B'konformità mal-approċċ tas-sistema totali, ir-rekwiżiti fis-Subparti GEN ġew abbozzati bil-għan li tiġi żgurata konsistenza u kompatibilità f'dak sa fejn dan ikun prattiku mar-regoli relevanti fil-qasam ta' ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, kif ukoll tal-ajrunavigabbilità. Meta wieħed iqis il-karattru ġenerali tagħhom, ir-Regoli ta' Implimentazzjoni proposti jieħdu f'kunsiderazzjoni xierqa l-elementi kritiċi (CE - Critical Elements) ta' sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza definita mill-ICAO[10], b'mod partikolari fir-rigward ta':

- CE-3: Sistema tal-avjazzjoni ċivili nazzjonali u l-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-sikurezza

[10] Ara d-Dokument tal-ICAO Nru 9735 Manwal għall-Verifika tas-Sorveljanza tas-Sikurezza, it-Tieni Edizzjoni - 2006, Appendiċi C - permezz tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-elementi kritiċi ta' sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza, il-kapaċità tal-Istat għas-sorveljanza tas-sikurezza tiġi dereminata bħala parti mill-Programm ta' Verifika tas-Sorveljanza tas-Sikurezza Universali tal-ICAO.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- CE-4: Kwalifiki u taħriġ tal-persunal tekniku
- CE-5: Gwida teknika, għodod u l-għoti ta' informazzjoni kritika għas-sikurezza
- CE-6: Liċenzjar, ċertifikazzjoni, awtorizzazzjoni u/jew obbligi ta' approvazzjoni
- CE-7: Obbligi ta' sorveljanza
- CE-8: Soluzzjoni għall-problemi ta' sikurezza.

64. L-istandards tal-ICAO dwar l-implimentazzjoni ta' Programm ta' Sigurtà tal-Istat (SSP) jeħtieġu li l-Istat jistabbilixxi mekkaniżmi sabiex jiżgura l-monitoraġġ effettiv ta' dawn l-elementi kritiċi11. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti proposti fis-Subparti GEN se jappoġġjaw lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom sabiex jimplimentaw l-SSPs.

65. Ir-regoli proposti jkopri wkoll id-dispożizzjonijiet relevanti fis-Subparti C "Operatur Ċertifikazzjoni and Supervision" tal-EU-OPS[12] u d-dispożizzjonijiet li eżistew fil-JIPs tal-JAA. L-IRs u l-AMCs relatati fis-Subparti GEN għall-Parti-ARO huma kompletament konsistenti mal-istandards relevanti dwar is-sorveljanza tas-sikurezza li jinsabu fl-Appendiċi 5 tal-Parti 1 u fl-Appendiċi 1 tal-Parti 3 tal-Anness 6 tal-ICAO.

Parti 1 tal-Anness 6 tal-ICAO - Appendiċi 5 Parti 3 tal-Anness 6 tal-ICAO - Appendiċi 1	**Regoli tal-EASA Rules u l-AMCs/GM relatati**
1. Leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni primarja	Regolament Bażiku ORO.GEN.140
2. Regolamenti operattivi speċifiċi	Regolament (KE) Nru 216/2008; Rekwiżiti Essenzjali, Regolament (KE) Nru 2042/2003[13] Subparti OPS tal-Parti-ARO
3.L-istruttura tas-CAA u l-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-sikurezza	ARO.GEN.200(a)(2) numru suffiċjenti ta' persunal Artikolu 4 tar-Regolament ta' Kopertura
4. Gwida teknika	ARO.GEN.115 ARO.GEN.200(a)(1)
5. Persunal tekniku kwalifikat	ARO.GEN.200(a)(2) GM1 u 2-ARO.GEN.200(a)(2)
6. Obbligi ta' liċenzjar u ċertifikazzjoni	ARO.GEN.200(a)(1) - AMC1-ARO.GEN.305(b)-OPS ARO.GEN.310 - AMC1-ARO.GEN.310(a)-OPS
7. Obbligi ta' sorveljanza mkomplija	ARO.GEN.200(a)(1); ARO.GEN.300 ARO.GEN.305; AMC1-ARO.GEN.305(b)

11 Ara d-Dokument Mehmuż C tal-Anness 1 tal-ICAO u d-Dokument Mehmuż J tal-Anness 6 tal-ICAO "Kwadru għall-programm ta' Sigurtà tal-Istat" § 3.1.

12 Tabelli ta' tqabbil tar-regoli tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3 ġew ipprovduti mas-CRDs dwar il-Parti-AR u l-Parti-OR, ara http://easa.europa.eu/rulemaking/docs/crd/part-ar/CRD%20c.4%20-%20Rule%20comparison%20EU-OPS+JAR-OPS3.pdf.

13 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol. *ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1.*

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Parti 1 tal-Anness 6 tal-ICAO - Appendiċi 5 Parti 3 tal-Anness 6 tal-ICAO - Appendiċi 1	Regoli tal-EASA Rules u l-AMCs/GM relatati
8. Riżoluzzjoni ta' problemi ta' sikurezza	ARO.GEN.200(a)(1) u ARO.GEN.350 ARO.GEN.350

Tabella 3: Korrispondenza bejn l-istandards relevanti tal-ICAO dwar is-sorveljanza u l-Parti-ARO / il-Parti-ORO

66. Is-Subparti GEN tal-Parti-ARO, billi tipproponi rekwiżiti komuni li jistgħu jiġu applikati għat-tipi kollha ta' ċertifikati u approvazzjonijiet, timplimenta l-konklużjonijiet tar-rapport COrA (Consistency of Organisation Approval) tal-JAA (Joint Aviation Authorities) f'termini ta' sorvejlanza relatata mal-prestazzjoni, proċessi ta' approvazzjoni simplifikati li jipprovdu konsistenza fl-approvazzjonijiet tal-organizzazzjoni, fejn din il-konsistenza tkun essenzjali sabiex l-organizzazzjonijiet jimplimentaw sistemi ta' ġestjoni (tas-sikurezza) effettivi. Essenzjalment, l-għan tal-ICAO li tintroduċi SMS (Safety Management Systems) fl-oqsma kollha tal-avjazzjoni jwassal għall-istess prinċipji bażiċi ta' ġestjoni u approvazzjoni tal-organizzazzjoni.

67. Meta wieħed iqis li l-Parti-ARO tibni fuq materjal tar-regoli eżistenti u tipproponi rekwiżiti li huma kompletament allinjati mal-istandards relevanti tal-ICAO għas-sistemi ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-Istati, il-kompiti ewlenin tal-awtorità definiti fl-IRs proposti f'din l-Opinjoni mhumiex fundamentalment differenti minn dawk li l-awtoritajiet kompetenti qed iwettqu llum. Kull kompitu addizzjonali huwa ġustifikat jew b'mod dirett fir-Regolament Bażiku (jiġifieri l-implimentazzjoni ta' dawk l-Artikoli li jappartjenu għall-ewwel estensjoni, il-kisba tal-għan ewlieni tar-Regolament Bażiku f'termini ta' sikurezza, standardizzazzjoni u armonizzazzjoni) jew f'dawk l-istandards tal-ICAO relatati mat-twaqqif ta' SSP (State Safety Programme).

ARO.GEN Sezzjoni 1 - Ġenerali

68. Is-Sezzjoni 1 tikkomplimenta mar-rekwiżiti għall-Istati Membri definiti fil-livell tar-Regolament ta' Kopertura (Artikolu 4 – Il-kapaċitajiet ta' sorveljanza) mar-rekwiżiti ġenerali applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti. Għandha l-għan ewlieni li tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-Aġenzija, kif ukoll bejn l-awtoritajiet stess. Dawn id-dispożizzjonijiet ġejjin mir-rekwiżiti ta' livell għoli stipulati fir-Regolament Bażiku (b'mod partikolari fl-Artikoli 5(5); 7(6); 8(5); 10; 15; 22(1) u 24). Is-Sezzjoni 1 tinkludi wkoll obbligi relatati mad-dokumentazzjoni ta' sorveljanza li kkomplimentat id-dispożizzjonijiet relevanti dwar il-kapaċitajiet ta' sorveljanza inklużi fir-Regolament ta' Kopertura, b'referenza għall-Element Kritiku CE-5 tal-ICAO intitolat "Gwida teknika, għodod u l-għoti ta' informazzjoni kritika għas-sikurezza".

69. Barra minn hekk, is-Sezzjoni 1 tobbliga lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jipprovdu informazzjoni ta' relevanza għas-sikurezza lill-Aġenzija (ARO.GEN.125(b)). Minkejja li d-Direttiva 2003/42/KE[14] tistabbilixxi l-kunċett ta' rapporti ta' sikurezza mandatorji fil-każ ta' inċidenti serji, inħass li l-miżuri ta'

[14] Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili *(ĠU L 167, 4.7.2003, p. 23).*

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

implimentazzjoni relatati[15] ma kinux jipprovdu għal rekwiżiti espliċiti dwar il-ħtieġa li tingħata l-informazzjoni dwar is-sikurezza kollha disponibbli lill-Aġenzija f'format xieraq. Ġeneralment, l-Aġenzija għandha tiġi informata bi kwistjonijiet relatati mad-disinn, id-dejta dwar l-adegwatezza operazzjonali (OSD - Operational Suitability Data) u s-sikurezza operattiva kif inhuma identifikati fil-Programm Ewropew ta' Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASP - European Aviation Safety Programme) jew oqsma speċifikament identifikati mill-Aġenzija li huma ta' tħassib għas-sikurezza. Il-materjal tal-AMC se jiġi inkluż għal AR.GEN.125(b) bħala eżitu tax-xogħol li bħalissa għaddej fil-qafas tas-Sistema ta' Rapportar tal-Okkorrenzi Interni tal-Aġenzija (IORS - Internal Occurrence Reporting System). Min-naħa tiegħu, dan se jipprovdi lill-Aġenzija b'għodda essenzjali sabiex din tiżviluppa l-analiżi annwali tas-sikurezza mituba mil-Leġiżlatur[16].

70. Is-Sezzjoni 1 tinkludi rekwiżiti għall-ipproċessar ta' mezzi ta' konformità alternattivi għall-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità maħruġa mill-Aġenzija. It-terminu "Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità" (AMC) kif imsemmi fl-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament Bażiku jintuża l-aktar sabiex jikkwalifika materjal tekniku/proċedurali li għandu jintuża mill-Istati Membri u mill-industrija meta jimplimentaw ir-Regolament Bażiku u l-IRs tiegħu. F'dan ir-rigward, AMC juri mezz ta' konformità mar-regola. Peress li l-materjal relatat maħruġ mill-Aġenzija mhuwiex ta' natura leġiżlattiva, dan ma jistax joħoloq obbligi fuq il-persuni rregolati u dawn jistgħu jagħżlu li juru l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli billi jħaddmu mezzi oħrajn. Madanakollu, il-Leġiżlatur kellu l-ħsieb li dan il-materjal jipprovdi għal ċertezza legali għall-applikanti u sabiex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni uniformi, u għaldaqstant, tah suppożizzjoni ta' konformità mar-regola. L-AMC jobbliga lill-awtoritajiet kompetenti sabiex persuni rregolati li jikkonformaw miegħu jiġu rikonoxxuti bħala konformi mal-liġi. Madanakollu, hija pprovduta flessibilità hekk kif il-partijiet interessati jistgħu jipproponu mezz alternattiv ta' konformità lill-awtorità kompetenti tagħhom u mbagħad, jekk dawn ikunu jistgħu juru li jista' jiġi garantit livell ekwivalenti ta' sikurezza, dan il-mezz alternattiv ta' konformità jkun jista' jiġi approvat u implimentat.

71. Il-proposta li saret fis-CRD kellha l-għan li tiżgura l-ipproċessar uniformi ta' dawn l-alternattivi mill-awtoritajiet kompetenti u li tipprovdi għal trasparenza sħiħa, li hija nieqsa fis-sistema attwali. Il-bażi legali għall-mekkaniżmu ta' mezzi alternattivi ta' konformità u l-obbligi għall-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinstabu fl-Artikoli 5(5), 7(6) u 8(5) tar-Regolament Bażiku, fost l-oħrajn, li jistabbilixxu li l-IRs għandhom jiġu adottati dwar kif għandhom jinħarġu, jiġu aġġornati, u emendati ċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet. Peress li l-mezzi alternattivi ta' konformità huma prinċipalment mezzi użati minn applikanti sabiex jistabbilixxu konformità mal-IRs, l-Aġenzija qieset li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit proċess kemm għall-applikanti kif ukoll għall-awtoritajiet sabiex dawn ikunu jistgħu jittrattaw dawn il-mezzi alternattivi ta' konformità. Rigward ir-rwol u l-obbligi inklużi għall-Aġenzija, dawn għandhom il-bażi legali tagħhom fis-setgħat mogħtija lill-Aġenzija sabiex tissorvelja l-implimentazzjoni tar-regoli mill-awtoritajiet

---

15 L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 tat- 12 ta' Novembru 2007 li jistipula r-regoli ta' implimentazzjoni għall-integrazzjoni ta' tagħrif dwar okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili skambjat skond id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'depożitu ċentrali ta' tagħrif Test b'relevanza għaż-ŻEE *(ĠU L 294, 13.11.2007, p. 3).*

16 L-Artikolu 15(4) tar-Regolament Bażiku.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

kompetenti u sabiex tistandaradizza l-prestazzjoni tagħhom (ara l-Artikoli 10 u 24 tar-Regolament Bażiku).

72. Għall-finijiet ta' standardizzazzjoni u armonizzazzjoni, ġie stabbilit obbligu għall-awtorità kompetenti sabiex tinnotifika lill-Aġenzija b'kull mezz alternattiv ta' konformità li tkun approvat jew li tkun qed tuża, kif ukoll sabiex tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-organizzazzjonijiet u l-persuni kollha li qed tossorvelja dawk il-mezzi alternattivi ta' konformità li l-awtorità kompetenti stess tuża sabiex tkun konformi mar-regoli applikabbli. Dan jintroduċi kompitu ġdid għall-awtoritajiet kompetenti, li madanakollu, jista' jiġi implimentat fuq il-bażi ta' mekkaniżmi u proċeduri eżistenti; għaldaqstant, huwa mistenni li l-piż addizzjonali jkun limitat.

73. Permezz tal-kummenti tal-NPA u tas-CRD, deher biċ-ċar li parti kbira mill-partijiet interessati kienu favur verifika ex ante sistematika mill-Aġenzija tal-mezzi alternattivi ta' konformità kollha qabel l-approvazzjoni u/jew l-implimentazzjoni tagħhom mill-awtorità kompetenti. L-argument ċentrali huwa li jinżammu kundizzjonijiet ekwi u li tiġi eliminata l-inċertezza li ġejja mill-fatt li wara, il-mezzi alternattivi ta' konformità approvati mill-awtorità kompetenti mingħajr intervent tal-Aġenzija jistgħu jiġu appellati, pereżempju matul spezzjoni ta' standardizzazzjoni. Ir-Regolament Bażiku ma jinkludix mandat għal approvazzjoni ex ante bħal din mill-Aġenzija hekk kif dan iħalli l-implimentazzjoni tar-regoli f'idejn l-Istati Membri. Konsegwentement, dan it-tħassib ma jistax jiġi indirizzat fis-sistema legali attwali. Madanakollu, sabiex jittieħed f'kunsiderazzjoni t-tħassib tal-partijiet interessati, huwa previst element ta' mitigazzjoni billi jitrenda espliċitu r-rekwiżit li l-awtorità kompetenti twaqqaf sistema sabiex kostantement tevalwa u tikkontrolla l-mezzi alternattivi kollha ta' konformità użati minnha jew mill-organizzazzjonijiet li qed tissorvelja. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi osservat li l-użu ta' mezzi alternattivi ta' konformità approvati minn awtorità kompetenti huwa limitat għal organizzazzjoni partikolari. Organizzazzjonijiet oħrajn li beħsiebhom jużaw l-istess mezzi alternattivi ta' konformità jridu jipproċessawhom mill-ġdid mal-awtorità kompetenti tagħhom.

74. Finalment, bħala tweġiba għall-kummenti fis-CRD, l-Aġenzija ssimplifikat id-definizzjonijiet billi neħħiet it-terminu "mezzi addizzjonali ta' konformità" u billi estendiet id-definizzjoni ta' "mezzi alternattivi ta' konformità" sabiex din tkopri mezzi li jipprovdu alternattiva għall-AMC eżistenti u mezzi ġodda sabiex tiġi stabbilita konformità mar-Regolament Bażiku u l-IRs tiegħu fejn ma ġie adottat l-ebda AMC assoċjat mill-Aġenzija.

ARO.GEN Sezzjoni 2 - Ġestjoni

75. Ir-regoli fis-Sezzjoni 2 jobbligaw lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jistabbilixxu u jaġġornaw sistema ta' ġestjoni sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom u sabiex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom kif stipulat fil-Parti-ARO. L-elementi ewlenin ta' sistema ta' ġestjoni bħal din jimitaw ir-rekwiżiti tipiċi ta' sistema ta' ġestjoni applikabbli għall-organizzazzjonijiet:

- politiki u proċeduri dokumentati;
- persunal suffiċjenti u adegwatement kwalifikat, inkluż l-obbligu li tiġi ppjanata d-disponibilità tal-persunal;
- nomina tal-persunal ta' ġestjoni għall-oqsma differenti tal-attività;

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- faċilitajiet u akkomodazzjoni adegwati;
- funzjoni sabiex tiġi sorveljata l-konformità tas-sistema ta' ġestjoni, inkluża n-nomina ta' persuna jew grupp ta' persuni responsabbli mill-funzjoni ta' monitoraġġ tal-konformità;
- il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kompiti ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza mwettqa f'isem l-awtorità kompetenti jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli;
- sistema sabiex jiġu identifikati bidliet li jaffettwaw is-sistema ta' ġestjoni u sabiex tittieħed azzjoni sabiex jiġi żgurat li din tibqa' effettiva; u
- sistema ta' żamma ta' rekords sabiex tiġi żgurata t-traċċabilità tal-attivitajiet imwettqa.

76. Dawn ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni huma komplimentati minn rekwiżit speċifiku sabiex jiġu stabbiliti proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni effettiv u l-assistenza ta' awtoritajiet oħrajn, li jagħtu dettalji ulterjuri dwar ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Bażiku. Is-sett ta' rekwiżiti komuni għas-sistemi ta' ġestjoni tal-awtorità kompetenti proposti fis-Sezzjoni 2 huma direttament relatati mal-elementi kritiċi tal-ICAO dwar is-sistemi ta' sorveljanza tas-sikurezza CE-4 "Kwalifiki u taħriġ tal-persunal tekniku" u CE-5 "Gwida teknika, għodod u l-forniment ta' informazzjoni kritika dwar is-sikurezza". Dawn ir-rekwiżiti jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-SSPs u għandhom jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' sistema ta' sorveljanza effettiva sabiex l-organizzazzjonijiet irregolati jiġu mħeġġa jimplimentaw sistemi ta' ġestjoni konformi mal-Parti-ORO.

77. Bil-għan li jiġi appoġġjat il-proċess ta' standardizzazzjoni u sabiex tiġi faċilitata l-mixja ta' dak il-proċess lejn monitoraġġ kontinwu[17], is-Sezzjoni 2 teħtieġ ukoll li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lil-Aġenzija bid-dokumentazzjoni relevanti dwar is-sistema ta' ġestjoni tagħhom u bil-bidliet fiha.

78. Rigward ARO.GEN.205, xi Stati Membri opponew l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Parti-ARO, billi saħqu li l-Artikolu 13 u l-Anness V tar-Regolament Bażiku kienu qed jindirizzaw il-kwistjoni biżżejjed. Min-naħa l-oħra, l-Aġenzija tqis li r-Regolament Bażiku ma jipprovdix kif l-obbligi speċifiċi għandhom jiġu żgurati u għalhekk, iżżomm id-dispożizzjonijiet, f'verżjoni emendata: Ir-regola issa tinridizza l-allokazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza lil persuni ġuridiċi u fiżiċi u tiffoka fuq il-kriterji li jridu jintlaħqu. Dawn ir-regoli speċifiċi għandhom l-għan li jiggarantixxu li kwalunkwe kompitu ta' ċertifikazzjoni jew sorveljanza mwettaq f'isem l-awtorità kompetenti jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli, b'mod simili għal dak li huwa meħtieġ mill-organizzazzjonijiet meta jagħtu kuntratti għal attivitajiet ġewwa l-kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni tagħhom. Din ir-regola ta' implimentazzjoni l-ġdida hija direttament relevanti sabiex tiżgura livell għoli ta' sikurezza fl-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza tal-awtorità kompetenti, kif ukoll implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament Bażiku. Din ir-regola l-

[17] L-Approċċ ta' Monitoraġġ Kontinwu (CMA - Continuous Monitoring Approach) se jinvolvi t-twaqqif ta' sistema sabiex din kontinwament tissorvelja l-Istati Membri skont approċċ armonizzat u konsistenti. Il-monitoraġġ tal-kapaċità ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-Istati Membri se jkun ibbażat fuq l-erba' stadji ewlenin li ġejjin: (1) il-ġbir u l-validazzjoni tad-dejta ta' sikurezza, (2) l-analiżi u t-tkejjil tal-livell tal-kapaċità ta' sorveljanza tas-sikurezza, (3) l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet u l-valutazzjoni tar-riskji relatati, (4) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-mitigazzjoni tar-riskji.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

ġdida mhijiex ta' xkiel għall-flessibilità mogħtija lil-Istati Membri rigward il-ħatra ta' entità waħda jew aktar kif stipulat fl-Artikolu 4.1 tar-Regolament ta' Kopertura; hija applikabbli fi ħdan kull awtorità kompetenti maħtura minn Stat Membru.

79. Filwaqt li d-dispożizzjonijiet fis-Sezzjoni 2 ġejjin minn rekwiżiti eżistenti, bħal dawk li jinstabu fis-Sezzjonijiet B għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 fil-qasam tal-organizzazzjoni, kwalifika u taħriġ, proċeduri, faċilitajiet, żamma ta' rekords u aktar ta' awtorità kompetenti, dawn jeħtieġu ftit kompiti ġodda għall-awtoritajiet kompetenti:

a. it-trażmissjoni lill-Aġenzija ta' proċeduri u emendi fihom, l-informazzjoni għall-Aġenzija rigward bidliet li jaffettwaw is-sistema ta' ġestjoni (ARO.GEN.200(d) u ARO.GEN.210(c));

b. id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-parteċipazzjoni fi skambju ta' informazzjoni reċiproku u assistenza lil awtoritajiet kompetenti oħrajn ARO.GEN.200(c); u

c. l-implimentazzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ ta' konformità li tkopri l-awditjar intern u l-proċessi ta' ġestjoni tar-riskji għas-sikurezza (ARO.GEN.200 (a)(4);(5)), inkluża l-implimentazzjoni ta' sistema sabiex tivvaluta inizjalment u kontinwament il-persuni ġuridiċi jew fiżiċi li jwettqu kompiti ta' ċertifikazzjoni jew sorveljanza f'isem l-awtorità kompetenti (ARO.GEN.205).

80. Filwaqt li għall-kompiti a. u b. jista' jiġi supponut li l-awtoritajiet jistgħu jiddependu fuq riżorsi eżistenti u kanali ta' komunikazzjoni, huwa rikonoxxut li l-kompitu ta' implimentazzjoni c. jista' jeħtieġ riżorsi addizzjonali. Fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament ta' Kopertura hemm stabbiliti b'mod ċar dawk ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-forniment tal-kapaċitajiet u r-riżorsi ta' sorveljanza meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom b'konformità mar-rekwiżiti applikabbli. Dan għandu jifforma l-bażi legali għall-iżgurar li l-kompiti addizzjonali kollha jistgħu jiġu ffinanzjati. F'dan il-kuntest, huwa tajjeb li jiġi osservat li sistema ta' ġestjoni effettiva, inklużi l-monitoraġġ tal-konformità u l-ġestjoni tar-riskju għas-sikuerzza, għandha tikkontribwixxi wkoll sabiex tiġi żgurata l-kosteffiċjenza fil-proċessi ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza u sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-SSPs.

81. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet fis-Sezzjoni 2 issa jippreżentaw l-obbligi:

a. li l-awtoritajiet kompetenti jżommu aġġornata l-lista ta' ċertifikati tal-organizzazzjoni, ċertifikati ta' kwalifika tal-FSTD u liċenzji, klassifikazzjonijiet, ċertifikati jew attestazzjonijiet maħruġa tal-persunal (ARO.GEN.220(b));

b. li l-awtoritajiet kompetenti jżommu rekords tal-evalwazzjoni ta' mezzi alternattivi ta' konformità proposti minn organizzazzjonijiet soġġetti għal ċertifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' mezzi alternattivi ta' konformità użati mill-awtorità kompetenti nnifisha (ARO.GEN.220(a)(11)); u

c. li tiġi implimentata sistema sabiex tiġi ppjanata d-disponibilità tal-persnal (ARO.GEN.200(a)(2)).

82. Minkejja li r-regoli attwali ma jinkludux rekwiżiti espliċiti bħal dawn, jista' jiġi supponut li l-awtoritajiet kompetenti għandhom is-sistemi meħtieġa fis-seħħ sabiex jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti l-ġodda bħala parti mill-amministrazzjoni tagħhom ta' ċertifikati u approvazzjonijiet u l-ġestjoni tal-persunal tagħhom.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

ARO.GEN Sezzjoni 3 – Sorveljanza, ċertifikazzjoni u infurzar

83. Din is-Sezzjoni ġewwa s-Subparti GEN tal-Parti-ARO tipprovdi l-elementi meħtieġa għall-awtorità kompetenti dwar kif tinteraġixxi mal-organizzazzjonijiet u l-persuni rregolati. Tiddeskrivi l-prinċipji ta' sorveljanza ġenerali, tindirizza l-elementi tal-programm ta' sorveljanza u tagħti d-dettalji dwar l-azzjonijiet, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet speċifiċi tal-awtoritajiet kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni, it-tkomplija tal-proċessi ta' sorveljanza u infurzar. Hija bbażata fuq proċeduri stabbiliti fir-Regolamenti eżistenti. Ir-regoli dwar is-sorveljanza jieħdu f'kunsiderazzjoni r-rekwiżiti ta' livell għoli li jinstabu fir-Regolament Bażiku sabiex tiġi żgurata sorevljanza mhumiex limitati għal organizzazzjonijiet u persuni ċertifikati mill-awtorità kompetenti.

84. Id-dispożizzjonijiet relevanti ġejjin mill-JIPs tal-JAA għall-JAR-OPS u l-JAR-FCL, kif ukoll minn rekwiżiti eżistenti tas-sezzjoni B fir-Regolamenti (KE) Nri 1702/200318 u 2042/2003. L-Artikoli relevanti tar-Regolament Bażiku huma għall-OPS: 8(5); għall-FCL: 7(6); għas-sorveljanza ta' kooperazzjoni: l-Artikoli 10, 11, u 15. Bħala tweġiba għall-kummenti tal-partijiet interessati, struzzjonijiet aktar speċifiċi dwar ċertifikazzjoni u sorveljanza inizjali, il-proċessi speċifiċi ta' indirizzar, il-kwalifiki ta' persunal u l-adegwatezza tan-numru, il-validità tal-liċenzji u l-klassifikazzjonijiet għall-għalliema tat-titjir eċċ… se jiġu inklużi mal-AMCs u l-GM.

85. Il-proposta li saret fl-NPA inkludiet elementi li jirriżultaw mir-rakkomandazzjonijiet tal-COrA għall-ħruġ ta' ċertifikat uniku tal-organizzazzjoni għal dawk l-organizzazzjonijiet li għandhom approvazzjonijiet b'konformità ma' aktar minn Parti waħda. L-analiżi tal-kummenti tal-NPA indikaw b'mod ċar li l-kunċett ta' "ċertifikat uniku" mhuwiex appoġġjat: it-tħassib tal-industrija huwa relatat mal-fatt li l-ICAO ma teħtieġx approvazzjoni ta' "kopertura" tal-organizzazzjoni minbarra l-AOC, u għalhekk, iċ-ċertifikat uniku jkun joħloq speċifiċità Ewropea mingħajr rikonoxximent internazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti kkummentaw li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ taċ-ċertifikat uniku u r-rabta bejn ċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni waħdu u ċ-ċertifikati speċifiċi għall-qasam (AOC, ATO, AeMC) ma kinux stabbiliti b'mod ċar. Barra minn hekk, stipulaw li ċertifikat uniku tal-organizzazzjoni jkun joħloq volumi ta' xogħol notevolment akbar għall-awtoritajiet li ma kinux ġustifikati f'termini ta' sikurezza. Peress li l-għanijiet ewlenin wara l-kunċett ta' ċertifikat uniku tal-organizzazzjoni jistgħu jinkisbu mingħajr ma jiġi impost il-ħruġ ta' ċertifikat uniku, l-Aġenzija qablet li ma żżommx il-kunċett ta' ċertifikat uniku. Tabliħaqq, f'termini ta' sorveljanza effettiva, huwa ferm aktar relevanti li jiġi razzjonalizzat il-programm ta' sorveljanza għal organizzazzjonijiet li għandhom approvazzjonijiet b'konformità ma' aktar minn Parti waħda milli kieku jinħareġ ċertifikat tal-organizzazzjoni waħdu. Jista' jkun hemm kreditar tal-elementi tal-awditjar għal organizzazzjonijiet ċertifikati b'konformità ma' aktar minn Parti waħda, kif spjegat fl-AMCs għall-ARO.GEN.305.

86. L-NPA inkluda wkoll proposta għal sorveljanza ta' kooperazzjoni[19] bil-għan li tinħoloq il-bażi għall-iżgurar tal-aktar sorveljanza effiċjenti ta' dawk l-attivitajiet li

---

18 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom. *ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.*

19 It-terminu "sorveljanza kollettiva" użat fin-Nota ta' Spjegazzjoni għall-NPA 2008-22 issa huwa sostitwit minn "soreljanza ta' kooperazzjoni", li jolqot aħjar il-ħsieb tad-dispożizzjonijiet relevanti.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

mhumiex ġeografikament marbuta ma' dawk l-attivitjaiet li mhumiex ġeografikament limitati għall-Istati Membri fejn inħareġ iċ-ċertifikat. L-għan ewlieni tad-dispożizzjonijiet ta' sorveljanza ta' kooperazzjoni huwa li jagħtu dimensjoni Ewropea lis-sorveljanza, billi jħeġġu l-aqwa użu tar-riżorsi ta' sorveljanza b'mod lokali, filwaqt li jiġi żgurat li l-persuni, l-organizzazzjonijiet jew l-inġenji tal-ajru huma soġġetti għal sorveljanza regolari. Dan ikun jimplimenta uħud mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-Konferenza tad-Direttura Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili dwar Strateġija Globali għas-Sorveljanza tas-Sikurezza (li saret fil-bini tal-ICAO fl-1997) li matula ġie enfasizzat il-bżonn ta' koordinazzjoni u armonizzazzjoni tal-prinċipji u l-proċeduri għall-valutazzjoni tas-sorveljanza tas-sikurezza f'livell globali u ġew rikonoxxuti l-vantaġġi tal-adozzjoni ta' enfasi reġjonali. Saru ħafna kummenti dwar il-proposta tal-Aġenzija. Il-maġġoranza tal-kummenti saru mill-awtoritajiet kompetenti, fejn esprimew tħassib dwar nuqqas ta' ċarezza possibbli tar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza u dwar l-aspetti prattiċi tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, fejn sistemi legali differenti jew ostakli għal-lingwa jkunu jikkostitwixxu potenzjal ta' xkiel. It-tħassib tal-industrija kien jikkonċerna l-aktar il-piż addizzjonali u x-xogħol doppju possibbli tas-sorveljanza fuq organizzazzjonijiet li joperaw f'diversi Stati Membri.

87. B'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-grupp ta' reviżjoni tal-AR/OR u wara laqgħa ddedikata ma' rappreżentanti tal-Grupp Konsultattiv tal-Awtoritajiet Nazzjonali (AGNA - Advisory Group of National Authorities), id-dispożizzjonijiet relevanti tas-Sezzjoni 3 tal-ARO.GEN ġew irfinati ulterjorment sabiex jindirizzaw it-tħassib ewlieni espress mill-partijiet interessati. Sabiex jiġi determinat il-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza għal attivitajiet imwettqa fit-territorju tal-Istat Membru minn persuni jew organizzazzjonijiet mhux ċertifikati mill-awtorità kompetenti għandu jintuża approċċ ibbażat fuq ir-riskji li primarjament jikkunsidra l-prijoritajiet tas-sikurezza identifikati fil-Pjan ta' Sikurezza Nazzjonali msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Kopertura. Ir-responsabilità primarja tal-awtorità kompetenti li ħarġet iċ-ċertifikat tibqa' l-istess. Il-proposta hija komplimentata b'dispożizzjonijiet għal kooperazzjoni fuq bażi volontarja fil-forma ta' ftehimiet bejn awtoritajiet sabiex xi kompiti ta' sorveljanza jkunu jistgħu jitwettqu mill-awtorità li fit-territorju tagħha ssir l-attività, u b'hekk tikber il-viżibilità ta' dawk l-attivitajiet. Dan għandu jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jagħmlu l-aqwa użu tar-riżorsi tal-awtorità b'mod lokali. L-IRs relatati mas-sejbiet u l-infurzar (ARO.GEN.350 u ARO.GEN.355) ġew emendati f'dan il-kuntest. ARO.GEN.350 ġiet emendata ulterjorment għall-konsistenza mal-ARA.CC sabiex jiġu indirizzati l-falsifikazzjoni u l-frodi. Subparagrafu ARO.GEN.300(f) ġdid huwa miżjud sabiex jinkludi dispożizzjoni għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġbru u jipproċessaw kwalunkwe informazzjoni meqjusa bħala utli għas-sorveljanza, li hija bbażata fuq dik preċedentement definita f'AR.GEN.425(a), peress li l-ġbir ta' informazzjoni bħal din mhuwiex biss relevanti għal spezzjonijiet fir-rampa. Din id-dispożizzjoni se tappoġġja d-determinazzjoni tal-prijoritajiet ta' sikurezza bil-għan li jiġu implimentati sorveljanza fuq il-bażi tar-riskju u monitoraġġ kontinwu.

88. Filwaqt li l-Aġenzija emendat il-proposta tagħha dwar is-sorveljanza ta' kooperazzjoni sabiex tindirizza t-tħassib ewlieni espress mill-Istati Membri, din tinsisti fuq l-importanza li testendi s-sorveljanza tal-attivitajiet kollha fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru u tal-kooperazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, sabiex tlaħħaq mal-isfidi tas-suq komuni: Numru

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

akbar ta' bdoti u operaturi jistgħu jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom fi Stat differenti tal-UE minn dak l-Istat primarjament responsabbli mis-sorveljanza tagħhom. Għaldaqstant, l-Aġenzija tissuġġerixxi reviżjoni tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' sorveljanza ta' kooperazzjoni u l-funzjonament xieraq tas-sistema ta' sorveljanza fil-ġejjieni, mhux biss sabiex tidentifika lakuni possibbli fis-sorveljanza fl-aktar stadju bikri possibbli, iżda anki sabiex tiddetermina l-ħtieġa għal dispożizzjonijiet aktar speċifiċi, bil-għan li trawwem il-kapaċitajiet ta' sorveljanza fil-livell Ewropew, kemm f'termini ta' sikurezza kif ukoll fl-użu effiċjenti tar-riżorsi.

89. Element importanti ieħor propost fl-NPA kien il-mixja lejn sorveljanza bbażata fuq ir-riskji u fuq il-prestazzjoni, li huma wkoll ġejjin mill-inizjattiva COrA. Wara valutazzjoni tal-kummenti tal-NPA, l-intervall ta' 24 xahar tas-sorveljanza inizjalment definit fil-livell ta' regola ta' implimentazzjoni tmexxa għall-AMC għall-AR.GEN.305 għas-CRD, sabiex ikun hemm lok għall-flessibilità. Minn din il-bidla fil-livell tal-AMC nibtu reazzjonijiet minn partijiet interessati li wrew tħassib dwar l-implimentazzjoni ta' sistema purament ibbażata fuq ir-riskji fl-istadju preżenti: Dawn iddikkjaraw li sistema bħal din ma għandhiex tiġi adottata qabel ma l-organizzazzjonijiet irregolati jkunu kisbu biżżejjed esperjenza fis-sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza tagħhom u qabel ma l-awtoritajiet kompetenti jkunu kisbu viżibilità tal-prestazzjoni ta' sikurezza tagħhom, permezz ta' ġbir u analiżi tad-dejta relevanti. Uħud mill-partijiet interessati kkummentaw ulterjorment li l-flessibilità pprovduta tista' tintuża sabiex jiġi ġustifikat tnaqqis ulterjuri fir-riżorsi tal-awtorità kompetenti. Sabiex tindirizza dan it-tħassib, l-Aġenzija qablet li ddaħħal l-intervall ta' 24 xahar mill-ġdid fil-livell ta' regola ta' implimentazzjoni u issa tipproponi numru ta' kriterji għall-estensjoni jew għat-tnaqqis ta' dan l-interval standard ta' sorveljanza. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għal organizzazzjonijiet ċertifikati mill-awtorità kompetenti.

90. Ġew reveduti d-dispożizzjonijiet ta' "approvazzjoni indiretta" ta' ċerti tipi ta' bidliet ta' organizzazzjoni proposti fl-NPA. Issa l-kwistjoni hija indirizzata f'ARO.GEN.330 "Bidliet – organizzazzjonijiet" u l-bidliet huma kklassifikati jew bħala li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel jew li ma jeħtiġux approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet huma inklużi għal dawk l-organizzazzjonijiet li jixtiequ jimplimentaw bidliet mingħajr l-approvazzjoni minn qabel ta' awtorità kompetenti: l-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura li tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' bidliet bħal dawn u tispjega kif dawn se jiġu ġestiti u tissottometti din il-proċedura lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni (ara ARO.GEN.310(c)). Id-dispożizzjonijiet emendati jissodisfaw bis-sħiħ il-ħsieb tal-"approvazzjoni indiretta" jew bidliet "aċċettabbli għall-awtorità".

91. L-IRs proposti dwar is-sejbiet u l-azzjonijiet ta' infurzar ġew emendati sabiex jinkludu d-deskrizzjonijiet tas-sejbiet li qabel kienu pprovduti mal-Parti-OR u sabiex jallinjaw mal-bidliet li saru f'ARO.GEN.300 u ARO.GEN.305 relatati mas-sorveljanza ta' kooperazzjoni. Barra minn hekk, tħassru r-referenzi kollha għal penali, peress li dawn huma soġġetti għar-regoli nazzjonali applikabbli li jimplimentaw l-Artikolu 68 tar-Regolament Bażiku. Finalment, il-perjodu ta' implimentazzjoni għall-azzjonijiet korrettivi ġie stabbilit mill-ġdid sabiex jallinja mar-rekwiżiti eżistenti fir-regoli dwar l-ajrunavigabbilità kontinwa. It-titlu tal-ARO.GEN.355 ġie emendat sabiex jallinja aħjar mat-titlu tal-ARO.GEN.350.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

92. Meta wieħed iqis li sehem kbir mill-IRs proposti fis-Sezzjoni 3 tal-ARO.GEN huwa bbażat fuq rekwiżiti eżistenti, u meta wieħed iqis l-obbligi tal-Istati Membri skont l-ICAO sabiex jimplimentaw sistemi ta' sorveljanza effettivi bħala parti mill-SSP tagħhom, il-kompiti li huma ġenwinament ġodda jew li mhumiex parti minn dawk li jkunu ġejjin mill-obbligi fil-Konvenzjoni ta' Chicago jew il-JIPs huma limitati għall-obbligi li:

   a. jgħarrfu lill-persuni u l-organizzazzjonijiet li huma soġġetti għal ftehim ta' sorveljanza bejn l-awtoritajiet kompetenti (ARO.GEN.300(e));

   b. japprovaw il-proċedura tal-organizzazzjoni relatata mal-bidliet li ma jeħtiġux approvazzjoni minn qabel (ARO.GEN.310(c));

   c. jgħarrfu lill-awtorità kompetenti li ħarġet iċ-ċertifikat fil-każ li jiġi identifikat nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli minn organizzazzjoni ċertifikati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew mill-Aġenzija, kif ukoll sabiex jipprovdu indikazzjoni tal-livell tas-sejba (ARO.GEN.350(e)); u

   d. jgħarrfu lill-awtorità kompetenti li ħarġet il-liċenzja, iċ-ċertifikat, il-klassifikazzjoni jew l-attestazzjoni fil-każ li jiġi identifikat xi nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli minn persuna ċertifikata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor (ARO.GEN.355(e)).

93. Jista' jiġi supponut li l-awtoritajiet jistgħu jiddependu fuq ir-riżorsi, il-proċessi ta' sorveljanza u ċertifikazzjoni eżistenti, kif ukoll fuq il-kanali ta' komunikazzjoni sabiex iwettqu dawn il-kompiti addizzjonali.

ARO.OPS – Operazzjonijiet bl-ajru

94. Is-Subparti OPS tal-Parti-ARO hija applikabbli għall-operaturi kummerċjali u għal dawk mhux kummerċjali. Tiddefinixxi l-proċess ta' applikazzjoni għal Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru, l-approvazzjoni ta' kiri u ftehimiet ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, il-proċedura ta' approvazzjoni ta' operazzjonijiet speċifiċi, l-approvazzjoni tal-lista ta' tagħmir minimu (MEL), id-determinazzjoni ta' żona lokali, l-approvazzjoni ta' operazzjonijiet bil-ħelikopter f'ambjent ostili li jinstabu barra żona ta' konġestjoni, l-approvazzjoni ta' operazzjonijiet bil-ħelikopter lejn jew minn sit ta' interess pubbliku u l-approvazzjoni għal operazzjonijiet lejn ajrudrom iżolat.

95. ARO.OPS tikkonsisti f'żewġ Sezzjonijiet:

   - ARO.OPS Sezzjoni 1: Ċertifikazzjoni ta' operaturi tal-ajru kummerċjali

   - ARO.OPS Sezzjoni 2: Approvazzjonijiet

96. Din is-Subparti hija bbażata fuq il-Proċeduri ta' Implimentazzjoni Konġunti (JIPs - Joint Implementing Procedures) tal-JAA għall-JAR-OPS.

97. Il-kwistjonijiet ewlenin imqajma bħala reazzjoni għas-CRD kienu relatati mal-approvazzjoni ta' kondiviżjoni tal-kodiċi (**ARO.OPS.105**) u mal-ftehimiet ta' kiri (**ARO.OPS.110**). Saru bidliet sinifikanti f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni, b'mod partikolari fid-dispożizzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi u l-kiri.

98. **ARO.OPS.020** "Żamma ta' rekords - Reġistru ta' ċertifikati u dikjarazzjonijiet ta' operaturi" tneħħiet peress li ż-żamma ta' rekords tal-proċess ta' ċertifikazzjoni u dikjarazzjoni process hija koperta mill-ARO.GEN.220.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

99. F'**ARO.OPS.100** "Ħruġ ta' ċertifikat tal-operatur tal-ajru" ma saru l-ebda bidliet sinifikanti fit-test. Mill-kummenti deher li mhuwiex ċar x'jiġifieri "u kundizzjonijiet ġenerali". Il-frażi "u kundizzjonijiet ġenerali" diġà hija koperta mill-frażi "speċifikazjonijiet tal-operazzjonijiet assoċjati" u għaldaqstant, din tħassret.

100. **ARO.OPS.230** "Bidliet" tħassret peress li din hija koperta biżżejjed f'ARO.GEN.310(c) u (d) u f'ARO.GEN.330.

101. **ARO.OPS.105** "Ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-kodiċi": il-kummenti li saru dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi u l-kiri kienu simili għal dawk li saru fid-dispożizzjoni rispettiva fl-ORO.AOC. Spjegazzjoni dettaljata tal-bidliet u l-ġustifikazzjonijiet hija offruta fin-Nota ta' Spjega għall-Parti-ORO, ara s-Subparti ORO.AOC.

102. Saru xi bidliet editorjali u d-dispożizzjoni saret konformi mal-ORO.AOC.115. Tħassru r-referenza għar-Regolament (KE) Nru 2111/200520(lista ta' Sikurezza tal-UE) u l-Parti-TCO sabiex din tiġi konformi mal-modifika li saret f'ORO.AOC.115. Il-modifika li saret f'ORO.AOC.115 ipprojbixxiet lil operatur tal-UE milli jbigħ jew joħriġ biljetti għal titjiriet operati minn operatur li huwa soġġett għal projbizzjoni milli jopera b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

103. **ARO.OPS.110** "Ftehimiet ta' kiri": id-dispożizzjoni ġarrbet bidla kbira fit-test. Id-dispożizzjoni dwar il-kiri mingħajr l-ekwipaġġ se tiġi valutata mill-ġdid matul l-emendar tar-Regolament 2042/2003 (NPA 2010-10 "Parti-T"). Barra minn hekk, ġew introditti rekwiżiti speċifiċi għas-sospensjoni u r-revoka tal-approvazzjoni ta' ftehimiet ta' kiri bl-ekwipaġġ, inkluża referenza għar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

104. Fir-rigward ta' kiri mingħajr l-ekwipaġġ, ġie miżjud paragrafu sabiex jiġi żgurat li l-awtorità kompetenti li tapprova l-ftehim se tkun qed tikkoordina mal-awtorità kompetenti responsabbli mis-sorveljanza tal-inġenju tal-ajru b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 jew mit-tħaddim tal-inġenju tal-ajru, jekk mhijiex l-istess awtorità u li l-inġenju tal-ajru mikri mingħajr ekwipaġġ jitneħħa mill-AOC tal-operatur b'mod tempestiv.

105. Il-kiri għal terminu qasir f'każ ta' ċirkostanzi operattivi urġenti jew ħtiġijiet operattivi għal dewmien limitat huwa soġġett għall-Artikolu 14.4 tar-Regolament Bażiku. L-ACJ OPS1.165 jipprovdi gwida għall-awtorità kompetenti u l-kerrej għal kiri għal perjodu qasir. F'għadd ta' kummenti ġie propost li jiġi inkluż dan l-ACJ (Advisory Circular Joint). Madanakollu, wara li ġie valutat l-ACJ, dan tqies bħala mhux xieraq fil-qafas legali attwali. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-ACJ OPS1.165 jiġi indirizzat f'kompitu ta' tfassil tar-regoli separat.

106. AR.OPS.300 "Proċedura ta' ċertifikazzjoni", li issa hija **ARO.OPS.200** "Proċedura ta' approvazzjoni speċifika", ġiet emendata sabiex taqdi għall-mudell tal-lista ta' approvazzjonijiet speċifiċi introdott għal operazzjonijiet mhux kummerċjali (ara l-Appendiċi III – il-Formola 140 tal-EASA).

107. AR.OPS.305, li issa hija **ARO.OPS.205** "Approvazzjoni tal-lista ta' tagħmir minimu": id-dispożizzjoni ġiet modifikata sabiex titjieb iċ-ċarezza. Tħassret il-frażi "...u t-twettqi kienu relevanti, spezzjoni tal-organizzazzjoni" għax il-MEL u l-l-

[20] Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji ta' l-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija ta' l-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

approvazzjoni relatata ta' proċeduri ta' manutenzjoni u operazzjonijiet hija unikament proċess dokumentarju.

108. Ġiet miżjuda regola ġdida **ARO.OPS.210** "Żona lokali". It-terminu "żona lokali" jintuża f'xi dispożizzjonijiet sabiex jipprovdi ċerti mitigazzjonijiet, eż. rigward l-applikabilità tar-rekwiżiti ta' taħriġ tal-ekwipaġġ tat-titjira.

109. Ir-radju ta' din iż-żona lokali għandu jiġi determinat mill-awtorità kompetenti, skont l-ambjent lokali u l-kundizzjonijiet operattivi. Se tiġi pprovduta gwida ulterjuri f'GM għal dan il-paragrafu.

110. **ARO.OPS.215** "Approvazzjoni ta' operazzjonijiet bil-ħelikopter f'ambjent ostili li jinstabu barra żona ta' konġestjoni" hija introdotta sabiex tobbliga li dawk iż-żoni muntanjużi jew remoti li għalihom jistgħu jiġu approvati operazzjonijiet li għandhom jitwettqu mingħajr kapaċità sigura u garantita ta' nżul furzat, jingħażlu mill-Istat Membru u sabiex tobbliga lill-awtorità kompetenti ħalli tirrevedi l-valutazzjoni tar-riskju u tikkunsidra l-ġustifikazzjoni teknika u ekonomika għat-twettiq ta' operazzjoni bħal din qabel ma tapprovaha.

111. **ARO.OPS.220** "Approvazzjoni ta' operazzjonijiet bil-ħelikopter lejn jew minn sit ta' interess pubbliku u **ARO.OPS.225** "Approvazzjoni għal operazzjonijiet lejn ajrudrom iżolat" huma introdotti sabiex jiġi żgurat li hemm lista disponibbli li għaliha tapplika l-approvazzjoni, peress li l-proċeduri speċifiċi għas-sit/ajrudrom iridu jiġu valutati minn awtoritŕ kompetenti qabel ma tingħata l-approvazzjoni. Approvazzjoni mingħajr ma jiġi definit għal liema siti jew ajrudrom din tapplika ma tkunx tiżgura li l-proċeduri speċifiċi għas-sit jew ajrudrom ġew valutati jew żviluppati kif inhu xieraq.

ARO.OPS – AOC u speċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet

112. Il-mudell tal-AOC, li issa huwa **Appendiċi I għall-Parti-ARO**, **il-Formola 138 tal-EASA**, huwa bbażat fuq il-mudell tal-AOC żviluppat mill-ICAO.

113. Il-mudell ġie modifikat ftit. Id-data ta' skadenza tneħħiet peress li l-AOC jinħareġ għal dewmien indefinit Ir-referenza għal CAT jew għall mhux CAT fil-mudell ta' speċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet tpoġġa fil-mudell tal-AOC. Dan ifisser li l-AOC se jindika jekk l-operazzjonijiet imwettqa taħt l-AOC humiex CAT jew le.

114. Anki l-mudell ta' speċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet fl-**Appendiċi II għall-Parti-ARO**, **il-Formola 139 tal-EASA** huwa bbażat fuq il-mudell żviluppat mill-ICAO. Dan ġarrab xi bidliet. F'parti minnu minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni huwa usa' (l-operaturi kummerċjali kollha tal-UE jrid ikollhom AOC), iżda anki minħabba l-bidliet fit-terminoloġija, għal approvazzjonijiet speċifiċi pereżempju għat-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-kabina (CC - Cabin Crew) u l-ħruġ tal-attestazzjonijiet u l-bidliet li jirriżultaw mill-kummenti rċivuti. Ġiet inkluża sezzjoni dwar il-marki ta' reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru. Fin-nota f'qiegħ il-paġna 6 ġiet miżjuda sentenza sabiex jiġi ċċarat li l-marka ta' reġistrazjoni tista' tiddaħħal ukoll fli-kolonna tar-rimarki għall-approvazzjoni speċifika relatata f'każ li mhux l-approvazzjonijiet speċifiċi kollha japplikaw għall-istess mudell ta' inġenju tal-ajru. Fin-nota f'qiegħ il-paġna 20 ġiet miżjuda sentenza sabiex jiġi żgurat li inġenju tal-ajru użat għal operazzjonijiet mhux kummerċjali b'konformità ma' ORO.AOC.125 jiġi speċifikat fl-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

115. Ġie miżjud l-**Appendiċi III ġħall-Parti-ARO** sabiex jiddokumenta approvazzjonijiet speċifiċi maħruġa għal operaturi mhux kummerċjali b'mod koerenti. Dan il-mudell huwa simili għall-mudell ta' speċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet għal operazzjonijiet kummerċjali. Huwa identifikat b'numru tal-Formola tal-EASA (il-Formola 140 tal-EASA).

ARO.RAMP – Spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenju tal-ajru ta' operaturi taħt is-sorveljanza regolatorja ta' Stat ieħor

116. Is-Subparti RAMP hija applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti meta jwettqu spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenju tal-ajru użat minn operaturi minn pajjiżi terzi u operaturi tal-UE li jaqgħu taħt is-sorveljanza regolatorja ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor. Tiddefinixxi l-kwota annwali ta' spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenji tal-ajru li jinżlu fl-ajrudromi tal-Istat Membru, il-kundizzjonijiet għall-Aġenzija fit-twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa, il-kriterji għall-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa, il-kwalifika ta' spetturi fir-rampa, l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ, it-twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa, il-klassifikazzjoni tas-sejbiet u l-azzjonijiet ta' segwitu, iż-żamma fl-art ta' inġenji tal-ajru u l-kompiti ta' koordinazzjoni tal-Aġenzija.

117. Din is-Subparti hija bbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, id-Direttiva 2004/36/KE ("id-Direttiva SAFA")[21], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2008[22], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006[23] u d-Direttiva 2008/49/KE[24].

118. Il-kwistjonijiet ewlenin imqajma f'din is-Subparti kienu dwar il-kamp ta' applikazzjoni (ARO.RAMP.005), il-kriterji ta' prijoritizzazzjoni (ARO.RAMP.105), it-twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa (ARO.RAMP.125), il-kategorizzazzjoni tas-sejbiet (ARO.RAMP.130), iż-żamma fl-art ta' inġenju tal-ajru (ARO.RAMP.140) u l-kwota annwali minima (ARO.RAMP.100 (c)(1) u l-AMC relatati).

119. **ARO.RAMP.005** "Kamp ta' applikazzjoni": għadd ta' Istati Membri japplikaw il-metodoloġija stabbilita fid-Direttiva SAFA meta jwettqu spezzjonijiet fir-rampa fuq inġenji tal-ajru użati minn operaturi li jissorveljaw: dawk imsejħa "operaturi domestiċi". Stati Membri oħrajn indikaw li jużaw approċċ differenti fir-rigward tas-sorveljanza ta' operaturi domestiċi jew li japplikaw biss il-metodoloġija SAFA b'mod parzjali. Dawn l-Istati Membri jikkunsidraw li l-applikazzjoni tal-ARO.RAMP għall-operaturi domestiċi la hija meħtieġa u lanqas proporzjonata u se jkollha effett ħażin fuq ir-riżorsi. Jemmnu li l-ispezzjonijiet għandhom jiffokaw fuq "verifiki tas-sistema" minflok fuq "verifiki tal-output", li huma meqjusa inqas

---

21 Id-Direttiva 2004/36/EK tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sigurta ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità. *ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76.*

22 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2008 tas-16 ta' April 2008 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenji ta' l-ajru li jużaw ajruporti tal-Komunità. *ĠU L 109, 19.4.2008, p. 7*.

23 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad- 19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u dwar il-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni. *ĠU L 134, 20.5.2006, p. 16.*

24 Direttiva tal-Kummissjoni 2008/49/KE tas- 16 ta' April 2008 li temenda l-Anness II għad-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kriterji għat-twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa fuq ajruplani li jużaw l-ajruporti. *ĠU L 109, 19.4.2008, p. 17.*

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

effettivi. Xi kummenti indikaw li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-Subparti għandu jiġi limitat għas-SAFA biss.

120. Id-Direttiva SAFA tobbliga lill-Istati Membri sabiex jispezzjonaw inġenji tal-ajru minn pajjiżi terzi suspettati b'nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali dwar is-sikurezza. Tippermetti t-twettiq ta' verifiki fuq il-post (jiġifieri spezzjonijiet imwettqa fin-nuqqas ta' kwalunkwe suspett) u tafferma mill-ġdid id-dritt li l-Istati Membri jwettqu spezzjonijiet fir-rampa oħrajn (jiġifieri fuq inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stat Membru). Il-kunċett ta' spezzjonijiet fir-rampa fuq inġenju tal-ajru barrani ġie approvat mis-36 Assemblea tal-ICAO u sussegwentement l-Anness 6 ġie emendat sabiex jobbliga lill-Istati kontraenti sabiex "jistabbilixxu programm bi proċeduri għas-sorveljanza ta' operazzjonijiet fit-territorju tagħhom minn operatur barrani u sabiex jieħdu l-azzjoni xierqa meta din tkun neċessarja sabiex tiġi ppreservata s-sikurezza". Il-Manwal ta' Proċeduri għall-Ispezzjoni ta' Operazzjonijiet, għaċ-Ċertifikazzjoni u s-Sorveljanza Kontinwa tal-ICAO (Dok 8335 - The ICAO Manual of Procedures for Operations Inspection, Certification and Continued Surveillance) fih gwida dwar it-twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa fuq operaturi barranin, li fil-parti l-kbira minnhom jixbħu l-proċeduri applikati fil-Programm SAFA tal-UE.

121. Attwalment, ftit aktar minn 50 % tal-ispezzjonijiet fir-rampa jitwettqu fuq inġenji tal-ajru operati minn operaturi tal-UE (għad li meta wieħed iqis li l-maġġoranza tat-traffiku huwa traffiku intra-UE, ir-rata ta' spezzjoni (spezzjonijiet/nru ta' nżul) huwa ferm ogħla għal operaturi minn pajjiżi terzi). L-ispezzjonijiet huma mwettqa skont l-istandards tal-ICAO għal inġenji tal-ajru tal-UE u ta' pajjiżi terzi. L-ispezzjonijiet fuq operaturi tal-UE, filwaqt li b'mod ġenerali jipproduċu inqas sejbiet meta mqabbla ma' reġjuni oħra madwar id-dinja, xorta waħda jidentifikaw nuqqasijiet serji ta' konformità ta' għadd ta' operaturi tal-UE. Wara analiżi regolari mill-EASA, din l-informazzjoni tintbagħat lill-NAAs li jiżguraw is-sorveljanza, li f'diversi każijiet għażlu li jwettqu investigazzjonijiet u veriifki ulterjuri u aktar fid-dettall, li f'diversi każijiet wasslu għall-limitazzjoni, is-sospensjoni u r-revoka ta' AOC.

122. Id-dejta miġbura permezz ta' spezzjonijiet fir-rampa, li hija programm minn isfel għal fuq ta' kampjunar ta' prodotti, tikkomplimenta u tartikola tajjeb ma' programmi minn fuq għal isfel oħrajn, bħal programmi regolari ta' sorveljanza jew il-programm ta' standardizzazzjoni tal-EASA. Meta wieħed jikkunsidra l-inizjattiva għal bidla gradwali fl-attivitajiet ta' sorveljanza minn "f'diffikultà" għal "skont il-kundizzjoni" billi jiġi introdott approċċ ibbażat fuq ir-riskju, għalhekk huwa ferm importanti li jkun hemm mezzi disponibbli għat-tkejjil u l-monitoraġġ tar-riskju. Intwera li l-ispezzjonijiet fir-rampa huma għodda tajba għall-ġbir ta' dejta dwar is-sikurezza u indikaturi ta' riskju li jirriżultaw u għaldaqstant, qed jikkontribwixxu għal sorveljanza xieraq bbażata fuq ir-riskju.

123. Il-prinċipji ta' sorveljanza ta' kooperazzjoni huma stabbiliti b'mod ċar fl-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku li jistipula li:

- l-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw sabiex jinfurzaw konformità mar-Regolamenti tal-UE applikabbli dwar is-sikurezza
- l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet fir-rampa, minbarra r-responsabbiltajiet nazzjonali ta' sorveljanza tagħhom

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti billi jispeċifikaw "il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa, inklużi dawk sistematiċi".

124. Meta wieħed iqis dak li ntqal sa issa u li ħafna mis-SARPs tal-ICAO ġew implimentati fil-leġiżlazzjoni tal-UE, ikun ovvju li l-ispezzjonijiet fuq inġenji tal-ajru użati minn operaturi tal-UE għandhom ikomplu jsiru u li dawn l-ispezzjonijiet għandhom isiru skont l-istandards tal-UE. L-Aġenzija temmen li l-programm ta' Valutazzjoni tas-Sikurezza ta' Inġenji tal-Ajru tal-Komunità (SACA - Safety Assessment of Community Aircraft), ladarba jiġi implimentat sew, jista' jservi ta' għodda għas-sorveljanza ta' operaturi domestiċi. Għaldaqstant, l-Aġenzija ddeċidiet li ma tibdilx il-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-Sezzjoni.

125. **ARO.RAMP.100** "Ġenerali": (a) saret konformi ma' ARO.GEN.305 "Programm ta' sorveljanza". Għaldaqstant, tħassret ir-referenza għall-"proċedura ta' verifika fuq il-post". L-ARO.GEN.305 jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu programm ta' sorveljanza li għandu jkun ibbażat fuq attivitajiet ta' sorveljanza fl-imgħoddi u fuq valutazzjoni tar-riskji. Għaldaqstant, l-Aġenzija tqis li l-għan tal-parti mħassra ta' dan il-paragrafu huwa adegwatament kopert f'ARO.GEN.305.

126. Il-paragrafu (b) tħassar għax SANA hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-Subparti. Il-paragrafu (b) il-ġdid ġie allinjat mal-paragrafu (a). Il-programm annwali se jiġi parti mill-programm ta' sorveljanza msemmi fl-ARO.GEN.305.

127. **"Kwota annwali minima":** In-numru ta' spezzjonijiet tas-SAFA mwettqa mill-Istati Membri fuq bażi annwali jvarja drammatikament, mhux biss f'numru assoluti iżda anki meta wieħed iqis in-numru ta' operaturi barranin (mill-UE u pajjiżi terzi) li jinżlu fit-territorju tagħhom u l-volum tal-operazzjonijiet tagħhom.

128. L-effett immedjat ta' dan l-"iżbilanċ" huwa ġbir ta' dejta limitata dwar dawn l-operaturi li ma joperawx fl-aktar Stati attivi, u dan jaffettwa r-relevanza ta' kwalunkwe analiżi sussegwenti.

129. Il-kunċett ta' kwota nazzjonali minima ġie introdott sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri billi tiġi garantita kontribuzzjoni komparabbli minn kull wieħed minnhom. Il-formula għall-kalkolu tal-kwota nazzjonali tieħu f'kunsiderazzjoni żewġ komponenti: (1) id-diversità tat-traffiku barrani (numru ta' operaturi) u (2) il-volum ta' operazzjonijiet (numru ta' nżul). Fuq il-bażi tal-kummenti li daħlu matul il-perjodu għall-kummenti, il-formula ġiet reveduta sabiex talloka piż differenti għal dawk l-operaturi li għandhom numru limitat ta' nżul (inqas minn 12) fi Stat partikolari fi żmien sena. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-kummenti li daħlu, il-formula ġiet reveduta sabiex tagħti valur differenti lill-ispezzjonijiet li jqisu fatturi ta' riskju (eż. suġġetti mogħtija prijorità, rata ta' kampjunar imnaqqsa) u fatturi ta' spejjeż (postijiet remoti, sigħat mhux tas-soltu). Minkejja li mhijiex espressa b'mod kwantitattiv, l-implimentazzjoni tal-formula għandha tqis żewġ kunsiderazzjonijiet: (1) il-kisba tal-usa' bażi ta' kampjunar u (2) l-evitar ta' spezzjonijiet repetuti fuq operaturi li l-ispezzjonijiet preċedenti ma sabulhom l-ebda tħassib dwar is-sikurezza. L-għan tal-kwota minima mhuwiex li żżid in-numru ġenerali ta' spezzjonijiet, iżda sabiex tippermetti tqassim aħjar fost l-Istati Membri. Fil-fatt, meta tiġi applikata l-formula għat-traffiku tal-2009 u l-2010, il-kwota ġenerali li tirriżulta kienet tkun aktar baxxa min-numru attwali ta' spezzjonijiet imwettqa f'dawk is-snin.

130. Id-dejta miġbura permezz ta' spezzjonijiet fir-rampa se tappoġġja żewġ proċessi ġodda: l-awtorizzazzjoni ta' operaturi minn pajjiżi terzi u s-sorveljanza ta'

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

kooperazzjoni ta' operaturi tal-UE. Għaldaqstant, huwa importanti li d-dejta tinġabar b'mod konsistenti u uniformi, filwaqt li tipprovdi informazzjoni affidabbli biżżejjed sabiex tappoġġja sorveljanza bbażata fuq ir-riskju ta' dawn l-attivitajiet.

131. B'mod perjodiku, l-Aġenzija se tevalwa l-AMC li fih il-formula għall-kalkolu tal-kwota annwali. It-test fil-paragrafu (d) ġie modifikat sabiex jiġi żgurat li l-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Aġenzija jitwettqu b'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Saru xi modifiki għall-paragrafu (d)(2) u (3) sabiex jiġi ċċarat aktar meta l-Aġenzija tista' twettaq spezzjoni fir-rampa hi stess.

132. **ARO.RAMP.105** "Kriterji ta' prijoritizzazzjoni": f'paragrafu (c) ġdid, ġiet inkluża referenza għal-lista ta' Sikurezza tal-UE sabiex tkun tista' tibda titħejja lista ta' prijoritizzazzjoni wara laqgħa tal-kumitat tas-sikurezza fl-ajru fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. L-aħħar sentenza tal-paragrafu (b)(3)(i) ġiet trasferita għall-GM. ARO.RAMP.105(b)(5) ġiet modifikata sabiex jiġi żgurat li l-inġenji tal-ajru ta' operaturi minn pajjiżi terzi li l-awtorizzazzjoni li nħarġitilhom mill-Aġenzija hija limitata jew reġgħet inħarġet wara sospensjoni jew revoka se jkunu soġġetti għal spezzjonijiet prijoritizzati. Il-paragrafu (c) ġie modifikat sabiex ikopri l-kwistjonijiet li ħarġu mill-kummenti li indikaw li għandha tiġi stabbilita proċedura għall-ħolqien ta' lista ta' prijorità.

133. F'**ARO.RAMP.115** "Kwalifika ta' spetturi fir-rampa", it-titlu nbidel u ddaħħlet il-kelma "rampa". Fil-paragrafu (d), ġie miżjud rekwiżit għall-Aġenzija sabiex din iżżomm is-sillabi ta' taħriġ stabbiliti aġġornati.

134. Is-CRDs **AMC1-AR.GEN.430(c)(2) u (3)** ġew imtejba u saru **ARO.RAMP.120**. Id-Direttiva 2008/49/KE tirregola, fost l-oħrajn, l-evalwazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ ta' partijiet terzi li jipprovdu taħriġ dwar spezzjonijiet fir-rampa (jiġifieri organizzazzjonijiet li mhumiex parti minn awtorità kompetenti). L-Istati Membri li jagħmlu użu mis-servizzi ta' organizzazzjoni bħl din għandhom l-obbligu li jevalwawha. Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija sabiex din twettaq valutazzjoni teknika tal-organizzazzjoni ta' taħriġ f'isimhom.

135. L-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ dwar spezzjoni fir-rampa ta' partijiet terzi indikaw li l-approċċ attwali mhuwiex effiċjenti u dan jirriżulta f'piżijiet amministrattivi u regolatorji sproporzjonati. Meta wieħed iqis in-numru żgħir ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ ta' partijiet terzi li huma operattivi, iċ-ċentralizzazzjoni tal-evalwazzjoni teknika fil-livell tal-Aġenzija se tkun qed tgħin tissimplifika l-proċess ta' evalwazzjoni filwaqt li żżomm l-għan ta' garanzija ta' għoti ta' taħriġ ta' kwalità għolja. Għaldaqstant, il-Grupp ta' Tmexxija Ewropew tas-SAFA (ESSG - European SAFA Steering Group) u l-Kummissjoni Ewropea talbu lill-Aġenzija sabiex ittejjeb l-AMC1-AR.GEN.430(c)(2) u (3) tibdilhom f'IR, hekk kif ġie implimentat f'din l-Opinjoni. Din id-dispożizzjoni toħloq bażi legali għall-approvazzjoni minn qabel ta' organizzazzjoni ta' taħriġ u tirreferi għall-kundizzjonijiet li jridu jintlaħqu mill-organizzazzjoni qabel ma tingħata approvazzjoni bħal din. Dawn il-kundizzjonijiet diġà huma definiti fil-materjal ta' gwida żviluppat u ppubblikat mill-Aġenzija skont id-Direttiva 2008/49/KE u se jerġgħu jiġu valutati f'kompitu ta' tfassil tar-regoli seperat sabiex l-IR jiġi komplimentat.

136. **ARO.RAMP.125** "Twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa": il-paragrafu (a) dwar il-kunflitt ta' interess ġie trasferit fl-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Kopertura (ara 4(4)), għax l-Aġenzija kkunsidrat li għandu jkun applikabbli għall-ispetturi fl-

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

oqsma kollha koperti mill-Parti-ARO. Tħassret ir-referenza għall-Appendiċi III (li issa sar l-Appendiċi VI għall-Parti-ARO), peress li din il-Formola se tintuża biss mill-Aġenzija. L-awtorità kompetenti għandha tuża l-Formola modifikata tal-Appendiċi V (Prova ta' spezzjoni) li issa tinkludi anki l-kategorija tas-sejba.

137. F'**ARO.RAMP.130** "Kategorizzazzjoni tas-sejbiet": is-sejbiet ta' livell 1 u 2 inbidlu f'sejbiet ta' kategoriji 1, 2 u 3. Qam ħafna tħassib fir-rigward tal-bidla tas-sejbiet ta' kategoriji 1 sa 3 kif stabbiliti fid-Direttiva SAFA f'sejbiet ta' livell 1 sa 3, li huma dawk definiti f'ARO.GEN.350. Dan it-tħassib reġa' qam fil-laqgħa tal-grupp ad hoc dwar l-"ispezzjonijiet fir-rampa", li saret f'Cologne f'Ġunju 2010. Il-ġustifikazzjonijiet ewlenin proposti mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tinżamm is-sistema ta' klassifikazzjoni attwali huma li l-klassifikazzjoni tas-sejbiet kif stabbilta fid-Direttiva SAFA hija aktar xierqa fil-każ ta' awditjar ta' prodotti, li jagħtu "stampa" ta' mument fi żmien partikolari, u li għaldaqstant, din il-klassifikazzjoni taqdi aħjar l-intenzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa. Madanakollu, il-klassifikazzjoni ġenerali (livell 1 u 2) hija applikabbli fil-każ ta' awditjar ta' sistema jew proċess. L-awtoritajiet kompetenti esprimew anki t-tħassib tagħhom dwar il-bidla ta' sistema ta' klassifikazzjoni stabbilita sew li wriet li hija ferm adegwata.

138. L-Aġenzija temmen li għall-finijiet tal-ispezzjonijiet tas-SAFA attwali, l-użu ta' tliet kategoriji ta' sejbiet huwa xieraq. Madanakollu, peress li l-kamp ta' applikazzjoni ta' ARO.RAMP huwa usa' minn dak tad-Direttiva SAFA (japplika anki għal inġenji tal-ajru użati minn operaturi tal-UE), f'ċerti każijiet jeħtieġ li tiġi stabbilita rabta bejn l-operatur u l-inġenju tal-ajru. Min-naħa, l-applikazzjoni ta' skemi ta' klassifikazzjoni f'żewġ sejbiet differenti (livell 1 u 2 għall-operatur u kategorija 1, 2 u 3 għal inġenju tal-ajru) tista' toħloq diffikultajiet għall-awtoritajiet kompetenti u min-naħa l-oħra, konfużjoni possibbli għall-operaturi.

139. Minkejja dan, huwa mifhum li ntwera li s-sistema SAFA, inkluża l-kategorizzazzjoni tas-sejbiet, taħdem. Barra minn hekk, l-Aġenzija tqis ukoll li ħafna bidliet f'daqqa fis-sistema jistgħu joħolqu piż kbir kemm fuq ir-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti kif ukoll fuq dawk tal-operaturi. Għaldaqstant, l-Aġenzija ddeċidiet li tintroduċi l-kategorizzazzjoni tas-sejbiet diġà eżistenti f'din is-Subparti.

140. **ARO.RAMP.140** "Żamma fl-art ta' inġenju tal-ajru": ġie miżjud il-paragrafu (d) sabiex ikun ċar liema azzjonijiet iridu jittieħdu sabiex titwaqqaf iż-żamma ta' inġenju tal-ajru jekk in-nuqqas ta' konformità taffettwa l-validità taċ-ċertifikat ta' ajrunavigabbilità, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-awtoritajiet differenti responsabbli mit-tkomplija tas-sorveljanza tal-inġenju tal-ajru. Il-paragrafu (d)(4) tħassar għax bħalissa, il-Parti-TCO tal-ġejjieni ma tindirizzax inġenji tal-ajru "sub-ICAO" (inklużi inġenji tal-ajru li temporanjament mhumiex ajrunavigabbli). L-awtorizzazzjoni ta' inġenju tal-ajru bħal dan se tkun soġġetta għal kompitu ta' tfassil tar-regoli separat.

141. **ARO.RAMP.145** "Rapportar": il-paragrafu (a) sar konformi mal-paragrafu (a) ta' ARO.RAMP.120. Fil-paragrafu (b) tħassret ir-referenza għall-Aġenzija għax l-informazzjoni msemmija trid tinġabar mill-awtoritajiet kompetenti. Il-paragrafu (c) ġie allinjat ma' ARO.RAMP.110 (b). It-terminu "*volontarju*" tħassar mill-paragrafu (d) sabiex tkun imħarsa l-persuna li tkun qed tipprovdi l-informazzjoni u għaldaqstant, tiġi mħeġġa d-divulgazzjoni ta' informazzjoni relevanti għas-sikurezza.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

142. Fl-**Appendiċi IV għall-Parti-ARO "Formola ta' rapportar standard**" tħassru l-isem u l-firma tal-Koordinatur Nazzjonali għax l-informazzjoni se tiddaħħal fil-bażi ta' dejta ċentralizzata msemmija f'ARO.RAMP.150 (b)(2).

143. L-**Appendiċi V "Formola ta' prova ta' spezzjoni fir-rampa"** u l-**Appendiċi VI "Rapportar ta' spezzjoni fir-rampa":** il-mudelli ġew modifikati ftit għal finijiet ta' ċarezza u konsistenza ma' bidliet li saru fit-terminologġija jew fil-Partijiet rispettivi ta' din l-Opinjoni. Ġew allokati n-numri tal-formoli tal-EASA għal kull formola.

IV. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi

144. It-tabella li ġejja telenka d-differenzi bejn il-Parti-ARO u EU-OPS / JAR-OPS 3. Id-differenzi relevanti bejn il-Parti-ORO u EU-OPS / JAR-OPS 3 huma pprovduti fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-Parti-ORO.

Differenzi mill-EU-OPS/JAR-OPS 3

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	Referenza għall-EASA-EU	Deskrizzjoni tad-differenza	Ġustifikazzjoni
1./3.035 Sistema ta' kwalità, paragrafu (c)	ARO.GEN.310	Maniġer tal-Kwalità: Taħt il-Parti-ORO, il-kunċett ta' "aċċettabbli għall-awtorità kompetenti" għal kandidati nominati (issa msejħa bħala "persuni nominati") huwa kopert fl-approvazzjoni tal-operatur u l-ġestjoni tal-bidliet fil-persuni nominati kif spjegat f'AMC1-ARO.GEN.330 "Bidliet-organizzazzjonijiet"	Dan jidher bħala mod kif jiġi pprovdut livell ekwivalenti ta' kontroll.
1.165, il-paragrafu (b) (2)(i) u l-paragrafu (c)(1)(i) Kiri	Mhux applikabbli	L-ebda rekwiżit sabiex jiġu imponuti kundizzjonijiet fil-ftehim ta' kiri li huma parti minn din l-approvazzjoni	Ir-referenza għal "kwalunkwe kundizzjoni li hija parti minn din l-approvazzjoni trid tiġi inkluża fil-ftehim ta' kiri" mhijiex meqjusa neċessarja għax l-Istati Membri ma jistgħux jimponu kundizzjonijiet addizzjonali relatati mas-sikurezza mal-ftehim ta' kiri

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Differenzi mill-Anness 6 għall-Parti-ARO tal-ICAO

145. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istandards tal-Anness 6 tal-ICAO fis-Sezzjoni 1 u s-Sezzjoni 2 tal-Parti 1 u tal-Parti 2 fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Opinjoni[25] li huma meqjusa jew bħala mhux trasposti jew inkella trasposti b'mod li ma jikkonformax mal-istandards tal-Anness 6 għall-ICAO.

Referenza għall-Parti I/III tal-Anness 6	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**
Parti I - 3.3.1 Parti III – 1.3.1 L-Istati għandhom jistabbilixxu Programm ta' Sigurtà tal-Istat sabiex jiksbu livell aċċettabbli ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili	Mhux applikabbli	Din mhijiex speċifika għal operazzjonijiet bl-ajru. Ma tistax tiġi trasposta fir-Regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru.
Parti I – 1.3.1 Parti III – 1.3.2 Il-livell aċċettabbli ta' sikurezza li għandu jinkiseb għandu jiġi stabbilit mill-Istat.	Mhux applikabbli	

V. Lista ta' kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli

146. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kompiti ta' tfassil tar-regoli proposti li huma relevanti għall-Parti-ARO. Fir-rigward tas-Subparti GEN, dawn jiffokaw l-aktar fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

a. Wara konsultazzjoni mal-gruppi ta' reviżjoni tal-OPS, ġie suġġerit li l-materjal tal-AMC jiġi komplimentat fis-Sezzjonijiet 2 u 3 tal-Parti-ARO b'dispożizzjonijiet addizzjonali għall-persunal tal-awtorità kompetenti involut fis-sorveljanza tad-detenturi ta' AOC kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni inizjali u s-sorveljanza tad-detenturi ta' AOC billi jiġu inkorporati s-sezzjonijiet relevanti mill-JIPs u mill-Manwal ta' Proċeduri għall-Ispezzjoni ta' Operazzjonijiet, għaċ-Ċertifikazzjoni u s-Sorveljanza Kontinwa tal-ICAO (Dok. 8335);

b. Id-dispożizzjonijiet tal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet li jindirizzaw li-valutazzjoni tar-riskju, il-ġestjoni tas-sikurezza u l-SSP se jiġu elaborati ulterjorment b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-EASP u l-pubblikazzjoni li ġejja tal-Anness 19 il-ġdid tal-ICAO rigward l-Istandards ta' Ġestjoni tas-Sikurezza u l-Prattiki Rakkomandati.

[25] B'mod partikolari, hawnhekk mhumiex meħuda f'kunsiderazzjoni dawk l-istandards tal-ICAO dwar il-manutenzjoni u l-kontroll tal-manutenzjoni tal-operatur.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Parti, referenzi tar-regoli	**Kamp ta' applikazzjoni**	**Referenza għall-RMP**
ARO.GEN.125(b)	Il-ħolqien ta' AMC sabiex jiġi speċifikat it-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Aġenzija. Tipikament, din għandha tinkludi l-kwistjonijiet kollha ta' sikurezza relatati mad-disinn, il-kwistjonijiet relatati mad-dejta dwar l-adegwatezza operazzjonali, kif ukoll il-kwistjonijiet relatati ma' oqsma speċifiċi identifikati mill-Aġenzija li jikkostitwixxu tħassib għas-sikurezza.	MDM.095 a + b
ARO.GEN.200(a)(2)	L-inklużjoni ta' AMC u GM addizzjonali dwar il-kwalifika u t-taħriġ ta' spetturi għas-sorveljanza ta' detenturi ta' AOC.	OPS.005 a, b
ARO.GEN.200(a)(4)	L-inklużjoni ta' gwida addizzjonali dwar kif għandu jiġi stabbilit proċess ta' ġestjoni tar-riskji għas-sikurezza, inklużi d-determinazzjoni u l-użu ta' elementi ta' riskju ewlenin, filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni t-twaqqif tal-Programm Ewropew ta' Sikurezza tal-Avjazzjoni u r-rekwiżit għal Pjan ta' Sikurezza (L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Kopertura).	MDM.095 a + b
ARO.GEN.300 ARO.GEN.305 ARO.GEN.310	L-inklużjoni ta' AMC u GM addizzjonali dwar il-verifika tal-konformità għad-detenturi ta' AOC wara ċertifikazzjoni inizjali, kif ukoll għat-tkomplija tas-sorveljanza tagħhom.	OPS.005 a, b
ARO.OPS	L-indirizzar ta' ACJ OPS.1.165 dwar il-gwida għall-awtorità kompetenti u l-kerrej għal kiri għal perjodu qasir f'kompitu ta' tfassil tar-regoli separat.	OPS.005 a, b
ARO.RAMP	L-iżvilupp ta' sistema komprensiva ta' proċeduri li jiżguraw mod armonizzat ta' twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa b'konformità mal-Parti-ARO.RAMP billi jiġi trasferit GM eżistenti tas-SAFA tal-EASA li jittratta l-kwalifika ta' spetturi fir-rampa, il-kundizzjonijiet għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u l-proċeduri tal-ispezzjoni fir-rampa u billi din is-sistema tiġi komplimentata bil-partijiet meħtieġa minħabba l-introduzzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda, l-aktar dawk li jikkonċernaw l-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa fuq operaturi ċertifikati f'pajjiż tal-EASA.	OPS.087

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Anness III – Parti-ORO

I. Ġenerali

147. Il-Parti-ORO kif proposti f'din l-Opinjoni hija ffurmata minn tmien Subpartijiet, li huma maqsumin ulterjorment f'Sezzjonijiet, li fihom rekwiżiti ġenerali u rekwiżiti speċifiċi għall-operazzjonijiet bl-ajru:

148. Is-Subparti GEN tal-Parti-ORO, rekwiżiti ġenerali, hija komplimentata minn:

- Is-Subparti AOC tal-Parti-ORO, rekwiżiti speċifiċi relatati maċ-ċertifikazzjoni tal-operatur tal-ajru;
- Is-Subparti DEC tal-Parti-ORO, rekwiżiti speċifiċi għall-operaturi meħtieġa li jiddikkjaraw l-attività tagħhom;
- Is-Subparti MLR tal-Parti-ORO, rekwiżiti speċifiċi relatati ma' manwali, logs u rekords;
- Is-Subparti SEC tal-Parti-ORO, rekwiżiti speċifiċi dwar is-sikurezza;
- Is-Subparti FC tal-Parti-ORO, rekwiżiti speċifiċi dwar l-ekwipaġġ tat-titjira;
- Is-Subparti CC tal-Parti-ORO, rekwiżiti speċifiċi għall-ekwipaġġ tal-kabina; u
- Is-Subparti TC tal-Parti-ORO, rekwiżiti speċifiċi għall-ekwipaġġ tekniku fl-operazzjonijiet ta' HEMS, HHO jew NVIS;

149. Is-Subparti GEN tal-Parti-ORO kif proposta f'din l-Opinjoni tinkludi żewġ Sezzjonijiet:

- Sezzjoni 1 Ġenerali
- Sezzjoni 2 Sistema ta' ġestjoni.

150. Ir-rekwiżiti fis-Subparti GEN tal-Parti-ORO tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-COrA u l-istandards tal-ICAO relatati mal-SMS. Jikkomplimentaw mal-awtorità rekwiżiti dwar il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, l-aġġornar, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni u r-revoka ta' ċertifikati u approvazzjonijiet.

151. It-test propost fl-Opinjoni jirrefletti l-bidliet li saru fil-proposta inizjali tal-Aġenzija (kif ippubblikata fl-NPAs 2008-22c u 2009-02c), kif ukoll bidliet ulterjuri li jsiru wara l-analiżi u l-valutazzjoni tal-kummenti li saru għas-CRD.

II. Konsultazzjoni

152. Il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Parti-ARO fih informazzjoni ġenerali dwar il-kummenti għas-CRDs għall-Parti-AR u l-Parti-OR. It-tabella ta' hawn taħt turi t-tqassim tal-490 kumment li daħlu għall-Parti-OR (CRD 2008-22c u 2009-02c), li terz minnhom saru dwar l-AMCs u l-GMs u żewġ terzi dwar l-IRs.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.



Tabella 6: Kummenti dwar il-Parti-OR – tqassim

153. Hawn taħt hija pprovduta indikazzjoni tal-oriġini tal-kummenti. Meta wieħed iqis li ġeneralment il-kummenti li ġejjin minn assoċjazzjonijiet rappreżentanti tal-industrija jintbagħtu f'isem il-membri individwali tagħhom, jista' jiġi supponut li s-sehem globali tal-industrija mhuwiex rappeżentat kollu kemm hu f'dan il-graff.



Tabella 7: Kummenti għall-Parti-OR – oriġini

154. Il-kwistjonijiet ewlenin imqajma fil-kummenti għas-CRD huma indirizzati fil-paragrafu sussegwenti.

III. Kamp ta' applikazzjoni u applikabilità

155. Il-Parti-ORO kif proposta ma' din l-Opinjoni hija applikabbli għall-approvazzjoni u/jew it-tkomplija tas-sorveljanza ta' operaturi tal-ajru li jwettqu operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur jew operazzjonijiet kummerċjali. L-istruttura reveduta għar-Regolament dwar l-operazzjonijiet bl-ajru tqiegħed ir-rekwiżiti tal-organizzazzjoni relevanti għall-operazzjonijiet bl-ajru (Parti-ORO) bħala Anness speċifiku li fih ir-regoli kollha applikabbli għall-operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur jew operazzjonijiet kummerċjali. Dan għandu jiżgura li, fi tmiem il-proċess ta' adozzjoni, ir-regoli se jkunu preċiżi u konsistenti għat-tipi kollha ta' operazzjonijiet bl-ajru (operazzjonijiet ta' CAT u operazzjonijiet mhux kummerċjali). Għaldaqstant, inżammet is-sottostruttura tal-Parti-ORO, minkejja li, għall-ewwel, dan jista' jidher bħala mhux neċessarju mill-perspettiva tal-CAT biss.

156. Huwa enfasizzat li kull rekwiżit tal-organizzazzjoni fil-Parti-ORO huwa maħsub sabiex japplika għal operazzjonijiet li mhumiex ta' CAT se jibqa' pendenti sakemm jiġu adottati l-Opinjonijiet li fihom ir-rekwiżiti tekniċi relevanti (eż. il-Parti-NCC, il-Parti-NCO).

157. Is-Subparti GEN tal-Parti-ORO hija allinjata mas-Subparti GEN tar-rekwiżiti tal-organizzazzjoni għall-ekwipaġġ tal-ajru (Parti-ORA), b'żewġ eċċezzjonijiet:

- id-dispożizzjonijiet dwar id-dikjarazzjoni huma inklużi biss fir-regoli għall-operazzjonijiet bl-ajru; u
- sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-Parti-CAT u l-Parti-SPA, it-terminu "organizzazzjoni" huwa sostitwit minn "operatur" fil-Parti-ORO.

158. Is-Sezzjoni 1 tas-Subparti GEN tal-Parti-ORO tkompli mar-rekwiżiti tal-Parti-ARO dwar il-ħruġ, l-aġġornar, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni u r-revoka ta' ċertifikati u approvazzjonijiet. Is-Sezzjoni 2 tas-Subparti GEN tal-Parti-ORO tiddefinixxi rekwiżiti komuni ta' sistema ta' ġestjoni li jkopri l-monitoraġġ tal-konformità u l-ġestjoni tas-sikurezza.

159. Barra minn hekk, is-Subparti GEN tal-Parti-ORO issa tinkludi d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet tal-operatur li preċedentement kienu inklużi fis-Sezzjoni GEN tas-Subparti OPS tal-Parti-OR (OR.OPS.GEN). Is-Sezzjonijiet li jifdal mis-Subparti OPS tal-Parti-OR preċedenti issa huma inklużi bħala Subpartijiet separati. Fil-ġejjieni, dawn se jiġi komplimentati b'Subparti ġdida dwar il-limitazzjonijiet tal-ħinijiet tat-titjiriet (is-Subparti FTL).

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Tabella 8: Anness III tal-Parti-ORO



160. Ħlief għal ftit eċċezzjonijiet, in-numri (l-aħħar tliet figuri) tad-dispożizzjonijiet tal-Parti-OR ta' qabel jibqgħu l-istess. It-tabella ta' kontroreferenza ta' hawn taħt turi r-referenzi għar-regoli tas-CRD u din l-Opinjoni, fl-ordni tal-Opinjoni:

Referenza għar-regola tas-CRD	**It-titlu tar-regola tas-CRD**	**Referenza għar-regola tal-Opinjoni**	**Titlu tar-regola tal-Opinjoni**
OR.GEN	**Rekwiżiti ġenerali**	**ORO.GEN**	**Is-Subparti Rekwiżiti ġenerali tal-Parti-ORO**
---	---	ORO.GEN.100	Kamp ta' applikazzjoni
OR.GEN.105	Awtorità kompetenti	ORO.GEN.105	Awtorità kompetenti
---	---	ORO.GEN.110	Responsabilitajiet tal-operatur
OR.GEN.115	Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni	ORO.GEN.115	Applikazzjoni għal ċertifikat tal-operatur

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għar-regola tas-CRD	**It-titlu tar-regola tas-CRD**	**Referenza għar-regola tal-Opinjoni**	**Titlu tar-regola tal-Opinjoni**
OR.GEN.120	Mezzi ta' Konformità	ORO.GEN.120	Mezzi ta' Konformità
OR.GEN.125	Termini ta' approvazzjoni u privileġġi ta' organizzazzjoni	ORO.GEN.125	Termini ta' approvazzjoni u privileġġi ta' operatur
OR.GEN.130	Bidliet fl-organizzazzjonijiet soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni	ORO.GEN.130	Bidliet
OR.GEN.135	Validità kontinwata	ORO.GEN.135	Validità kontinwata
OR.GEN.140	Aċċess	ORO.GEN.140	Aċċess
OR.GEN.145	Dikjarazzjoni	---	(issa f'Subparti ORO.DEC separata)
OR.GEN.150	Sejbiet	ORO.GEN.150	Sejbiet
OR.GEN.155	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza	ORO.GEN.155	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza
OR.GEN.160	Rapportar ta' okkorrenzi	ORO.GEN.160	Rapportar ta' okkorrenzi
OR.GEN.200	Sistema ta' ġestjoni	ORO.GEN.200	Sistema ta' ġestjoni
OR.GEN.205	Kuntrattar u xiri	ORO.GEN.205	Attivitajiet kontraenti
OR.GEN.210	Rekwiżiti tal-persunal	ORO.GEN.210	Rekwiżiti tal-persunal
OR.GEN.215	Rekwiżiti tal-faċilità	ORO.GEN.215	Rekwiżiti tal-faċilità
OR.GEN.220	Żamma ta' rekords	ORO.GEN.220	Żamma ta' rekords
OR.OPS	**Is-Subparti OPS Operazzjonijiet bl-ajru tal-Parti-OR**	**---**	**(is-sezzjonijiet kollha inklużi bħala Subpartijiet)**
OR.OPS.GEN	Sezzjoni: Rekwiżiti ġenerali	---	---
OR.OPS.GEN.100	Kamp ta' applikazzjoni	---	(inkorporata f'ORO.GEN bħala 005)
OR.OPS.GEN.105	Responsabblitajiet tal-operatur	---	(inkorporata f'ORO.GEN bħala 110)
OR.OPS.AOC	**Sezzjoni: Ċertifikazzjoni tal-Operatur tal-Ajru**	**ORO.AOC**	**Is-Subparti Ċertifikazzjoni tal-Operatur tal-Ajru tal-Parti-ORO**
OR.OPS.AOC.100	Applikazzjoni għal Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru	ORO.AOC.100	Applikazzjoni għal Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru
OR.OPS.AOC.105	Speċifikazzjonijiet u privileġġi tal-operazzjonijiet ta' detentur ta' Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru	ORO.AOC.105	Speċifikazzjonijiet u privileġġi tal-operazzjonijiet ta' detentur ta' Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru
OR.OPS.AOC.110	Kiri	ORO.AOC.110	Kiri
OR.OPS.AOC.115	Ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-kodiċi	ORO.AOC.115	Ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-kodiċi
OR.OPS.AOC.120	Approvazzjonijiet ta' AOC sabiex jiġi pprovdut taħriġ tal-Parti-CC u sabiex jinħarġu attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina	ORO.AOC.120	Approvazzjonijiet ta' AOC sabiex jiġi pprovdut taħriġ tal-Parti-CC u sabiex jinħarġu attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina
OR.OPS.AOC.125	Operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru soġġetti għal AOC	ORO.AOC.125	Operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru soġġetti għal AOC
OR.OPS.AOC.130	Monitoraġġ tad-dejta dwar it-titjiriet - ajruplani	ORO.AOC.130	Monitoraġġ tad-dejta dwar it-titjiriet - ajruplani
OR.OPS.AOC.135	Rekwiżiti tal-persunal	ORO.AOC.135	Rekwiżiti tal-persunal
OR.OPS.AOC.140	Rekwiżiti tal-faċilità	ORO.AOC.140	Rekwiżiti tal-faċilità
OR.OPS.AOC.150	Rekwiżiti tad-dokumentazzjoni	ORO.AOC.150	Rekwiżiti tad-dokumentazzjoni
OR.OPS.DEC	**Sezzjoni: Dikjarazzjoni tal-Operatur tal-Ajru**	**ORO.DEC**	**Is-Subparti Dikjarazzjoni tal-Parti-ORO**

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għar-regola tas-CRD	It-titlu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola tal-Opinjoni	Titlu tar-regola tal-Opinjoni
OR.OPS.DEC.100	Dikjarazzjoni	ORO.DEC.100	Dikjarazzjoni
OR.OPS.DEC.105	Kontenut tad-dikjarazzjoni	---	---
OR.OPS.MLR	**Sezzjoni: Manwali Logs u Rekords**	**ORO.MLR**	**Is-Subparti Manwali Logs u Rekords tal-Parti-ORO**
OR.OPS.MLR.100	Manwal ta' operazzjonijiet - Ġenerali	ORO.MLR.100	Manwal ta' operazzjonijiet - Ġenerali
OR.OPS.MLR.101	Manwal tal-operazzjonijiet - Struttura għal operazzjonijiet kummerċjali u SPO NC bis-CMPA	ORO.MLR.101	Manwal tal-operazzjonijiet - Struttura għal operazzjonijiet kummerċjali u SPO NC bis-CMPA
OR.OPS.MLR.105	Il-lista ta' tagħmir minimu (MEL)	ORO.MLR.105	Il-lista ta' tagħmir minimu (MEL)
OR.OPS.MLR.110	Log tal-vjaġġ	ORO.MLR.110	Log tal-vjaġġ
OR.OPS.MLR.115	Żamma ta' rekords	ORO.MLR.115	Żamma ta' rekords
OR.OPS.SEC	**Sezzjoni: Sigurtà**	**ORO.SEC**	**Is-Subparti Sigurtà tal-Parti-ORO**
OR.OPS.SEC.100.A	Sigurtà tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira	ORO.SEC.100.A	Sigurtà tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira
OR.OPS.SEC.100.H	Sigurtà tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira	ORO.SEC.100.H	Sigurtà tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira
OR.OPS.FC	**Sezzjoni: Ekwipaġġ tat-Titjira**	**ORO.FC**	**Is-Subparti Ekwipaġġ tat-Titjira tal-Parti-ORO**
OR.OPS.FC.005	Kamp ta' applikazzjoni	ORO.FC.005	Kamp ta' applikazzjoni
OR.OPS.FC.100	Konfigurazzjoni tal-persunal tat-titjiriet	ORO.FC.100	Konfigurazzjoni tal-persunal tat-titjiriet
OR.OPS.FC.105	Għażla ta' bdot kmandant/kmandant	ORO.FC.105	Għażla ta' bdot kmandant/kmandant
OR.OPS.FC.110	Inġinier tat-titjira	ORO.FC.110	Inġinier tat-titjira
OR.OPS.FC.115	Taħriġ tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-Ekwipaġġ (CRM)	ORO.FC.115	Taħriġ tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-Ekwipaġġ (CRM)
OR.OPS.FC.120	Taħriġ ta' konverżjoni tal-operatur	ORO.FC.120	Taħriġ ta' konverżjoni tal-operatur
OR.OPS.FC.125	Taħriġ tad-differenzi u taħriġ ta' familjarizzazzjoni	ORO.FC.125	Taħriġ tad-differenzi u taħriġ ta' familjarizzazzjoni
OR.OPS.FC.130	Taħriġ rikorrenti	ORO.FC.130	Taħriġ rikorrenti
OR.OPS.FC.135	Kwalifika ta' bdot sabiex jopera fiż-żewġ sits tal-piloti	ORO.FC.135	Kwalifika ta' bdot sabiex jopera fiż-żewġ sits tal-piloti
OR.OPS.FC.140	Operazzjonijiet b'aktar minn tip jew varjant wieħed	ORO.FC.140	Operazzjonijiet b'aktar minn tip jew varjant wieħed
OR.OPS.FC.145	Għoti ta' taħriġ	ORO.FC.145	Għoti ta' taħriġ
OR.OPS.FC.200	Konfigurazzjoni tal-Ekwipaġġ tat-Titjira	ORO.FC.200	Konfigurazzjoni tal-Ekwipaġġ tat-Titjira
OR.OPS.FC.205	Kors ta' kmandant	ORO.FC.205	Kors ta' kmandant
OR.OPS.FC.215	Taħriġ inizjali ta' Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ekwipaġġ (CRM) tal-Operatur	ORO.FC.215	Taħriġ inizjali ta' Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ekwipaġġ (CRM) tal-Operatur
OR.OPS.FC.220	Taħriġ u verifika ta' konverżjoni tal-operatur	ORO.FC.220	Taħriġ u verifika ta' konverżjoni tal-operatur
OR.OPS.FC.230	Taħriġ u verifika rikorrenti	ORO.FC.230	Taħriġ u verifika rikorrenti
OR.OPS.FC.240	Operazzjonijiet b'aktar minn tip jew varjant wieħed	ORO.FC.240	Operazzjonijiet b'aktar minn tip jew varjant wieħed
OR.OPS.FC.235	Kwalifika ta' bdot sabiex jopera fiż-żewġ sits tal-piloti	ORO.FC.235	Kwalifika ta' bdot sabiex jopera fiż-żewġ sits tal-piloti
OR.OPS.FC.245.A	Programm ta' taħriġ u kwalifika alternattiv	ORO.FC.245.A	Programm ta' taħriġ u kwalifika alternattiv
OR.OPS.FC.255.A	Kmandanti li għandhom Liċenzja ta' Bdot	ORO.FC.255.A	Kmandanti li għandhom Liċenzja ta' Bdot Kummerċjali (Ajruplan)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għar-regola tas-CRD	It-titlu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola tal-Opinjoni	Titlu tar-regola tal-Opinjoni
	Kummerċjali (Ajruplan) (CPL(A))		(CPL(A))
OR.OPS.FC.255.H	Kmandanti li għandhom Liċenzja ta' Bdot Kummerċjali (Ajruplan) (CPL(A))	ORO.FC.255.H	Kmandanti li għandhom Liċenzja ta' Bdot Kummerċjali (Ajruplan) (CPL(A))
OR.OPS.FC.330	Taħriġ u verifika rikorrenti - Verifika tal-Għarfien tal-Operatur	ORO.FC.330	Taħriġ u verifika rikorrenti - Verifika tal-Għarfien tal-Operatur
OR.OPS.FC.201.A	Sostituzzjoni matul it-titjira ta' membri tal-ekwipaġġ tat-titjira	ORO.FC.201.A	Sostituzzjoni matul it-titjira ta' membri tal-ekwipaġġ tat-titjira
OR.OPS.CC	**Sezzjoni: Ekwipaġġ tal-Kabina**	**ORO.CC**	**Is-Subparti Ekwipaġġ tal-Kabina tal-Parti-ORO**
OR.OPS.CC.005	Kamp ta' applikazzjoni	ORO.CC.005	Kamp ta' applikazzjoni
OR.OPS.CC.100	Numru u konfigurazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina	ORO.CC.100	Numru u konfigurazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina
OR.OPS.CC.110	Kundizzjonijiet għall-assenjament ta' kompiti	ORO.CC.110	Kundizzjonijiet għall-assenjament ta' kompiti
OR.OPS.CC.115	Twettiq ta' korsijiet ta' taħriġ u verifiki assoċjati	ORO.CC.115	Twettiq ta' korsijiet ta' taħriġ u verifiki assoċjati
OR.OPS.CC.120	Kors ta' taħriġ inizjali	ORO.CC.120	Kors ta' taħriġ inizjali
OR.OPS.CC.125	Taħriġ speċifiku għat-tip ta' inġenju tal-ajru u Taħriġ ta' konverżjoni ta' operatur	ORO.CC.125	Taħriġ speċifiku għat-tip ta' inġenju tal-ajru u Taħriġ ta' konverżjoni ta' operatur
OR.OPS.CC.130	Taħriġ ta' differenzi	ORO.CC.130	Taħriġ ta' differenzi
OR.OPS.CC.135	Familjarizzazzjoni	ORO.CC.135	Familjarizzazzjoni
OR.OPS.CC.140	Taħriġ rikorrenti	ORO.CC.140	Taħriġ rikorrenti
OR.OPS.CC.145	Taħriġ ta' tiġdid	ORO.CC.145	Taħriġ ta' tiġdid
OR.OPS.CC.200	Numru u konfigurazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina	ORO.CC.200	Numru u konfigurazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina
OR.OPS.CC.205	Numru minimu ta' ekwipaġġ tal-kabina f'ċirkostanzi mhux imbassra u waqt operazzjonijiet fuq l-art	ORO.CC.205	Operazzjonijiet fuq l-art normali u ċirkostanzi mhux imbassra
OR.OPS.CC.210	Kundizzjonijiet għall-assenjament ta' kompiti	ORO.CC.210	Kundizzjonijiet għall-assenjament ta' kompiti
OR.OPS.CC.215	It-twettiq ta' korsijiet ta' taħriġ u l-verifiki assoċjati	ORO.CC.215	It-twettiq ta' korsijiet ta' taħriġ u l-verifiki assoċjati
OR.OPS.CC.250	Operazzjoni fuq aktar minn tip jew varjant wieħed ta' inġenju tal-ajru	ORO.CC.250	Operazzjoni fuq aktar minn tip jew varjant wieħed ta' inġenju tal-ajru
OR.OPS.CC.255	Operazzjonijiet ta' membru tal-ekwipaġġ tal-kabina wieħed	ORO.CC.255	Operazzjonijiet ta' membru tal-ekwipaġġ tal-kabina wieħed
OR.OPS.CC.260	Membru anzjan tal-ekwipaġġ tal-kabina	ORO.CC.260	Membru anzjan tal-ekwipaġġ tal-kabina
OR.OPS.TC	**Sezzjoni: Membri tal-ekwipaġġ tekniċi f'operazzjonijiet ta' HEMS, HHO jew NVIS**	**ORO.TC**	**Is-Subparti Ekwipaġġ tekniku f'operazzjonijiet ta' HEMS, HHO jew NVIS tal-Parti-ORO**
OR.OPS.TC.100	Kamp ta' applikazzjoni	ORO.TC.100	Kamp ta' applikazzjoni
OR.OPS.TC.105	Kundizzjonijiet għall-assenjament ta' kompiti	ORO.TC.105	Kundizzjonijiet għall-assenjament ta' kompiti
OR.OPS.TC.110	Taħriġ u Verifiki	ORO.TC.110	Taħriġ u Verifiki
OR.OPS.TC.115	Taħriġ inizjali	ORO.TC.115	Taħriġ inizjali
OR.OPS.TC.120	Taħriġ ta' konverżjoni ta' operatur	ORO.TC.120	Taħriġ ta' konverżjoni ta' operatur

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għar-regola tas-CRD	It-titlu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola tal-Opinjoni	Titlu tar-regola tal-Opinjoni
OR.OPS.TC.125	Taħriġ ta' differenzi	ORO.TC.125	Taħriġ ta' differenzi
OR.OPS.TC.130	Titjiriet ta' familjarizzazzjoni	ORO.TC.130	Titjiriet ta' familjarizzazzjoni
OR.OPS.TC.135	Taħriġ rikorrenti	ORO.TC.135	Taħriġ rikorrenti
OR.OPS.TC.140	Taħriġ ta' tiġdid	ORO.TC.140	Taħriġ ta' tiġdid
Parti-OR	**Appendiċi**	**Parti-ORO**	**Appendiċi**
Parti-OR Appendiċi I	Formola ta' dikajrazzjoni	Parti-ORO Appendiċi I	Formola ta' dikajrazzjoni

Tabella 4: Kontroreferenza tas-CRD-Opinion għall-Parti-ORO

Sezzjoni 1 tal-ORO.GEN – Ġenerali

161. L-IRs fis-Sezzjoni 1 fihom rekwiżiti ġenerali għal organizzazzjonijiet, b'mod partikolari relatati maċ-ċertifikazzjoni inizjali u s-sorveljanza. Dawn jifformaw il-kontraparti għar-rekwiżiti korrispondenti tal-awtorità fis-Sezzjonijiet 1 u 3 tas-Subparti GEN tal-Parti-ARO. Huma bbażati fuq rekwiżiti ta' livell għoli speċifikati fir-Regolament Bażiku. B'konformità mal-bidliet li saru f'ARO.GEN, ġew miżjuda żewġ paragrafi b'regoli ġodda sabiex jintroduċu rekwiżiti tal-organizzazzjoni relatati mal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu bħala reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza (ORO.GEN.155), kif ukoll relatati mar-rapportar ta' okkorrenzi (ORO.GEN.160). L-ORO.GEN.155 il-ġdida tintroduċi r-rekwiżit li l-organizzazzjonijiet jikkomformaw mad-Direttivi ta' Titjib fl-Ajrunavigabbilità u s-Sikurezza maħruġa mill-Aġenzija, b'din tal-aħħar li ġejja mill-kompitu ta' tfassil tar-regoli 21.039 "Dejta dwar l-adegwatezza operazzjonali"[26].

Ref. Parti-ORO	Titlu	ARO korrispondenti
ORO.GEN.105	Awtorità kompetenti	mhux applikabbli
ORO.GEN.115	Applikazzjoni għal ċertifikat tal-organizzazzjoni	ARO.GEN.310(a)
ORO.GEN.120	Mezzi ta' konformità	ARO.GEN.120
ORO.GEN.125	Termini ta' approvazzjoni u privileġġi ta' organizzazzjoni	ARO.GEN.310(b)
ORO.GEN.130	Bidliet fl-organizzazzjonijiet	ARO.GEN.330
ORO.GEN.135	Validità mkomplija	ARO.GEN.310(b)
ORO.GEN.140	Aċċess	Ir-Regolament ta' Kopertura Artikolu 4(5)
ORO.GEN.150	Sejbiet	ARO.GEN.350
ORO.GEN.155	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza	ARO.GEN.135
ORO.GEN.160	Rapportar ta' okkorrenzi	ARO.GEN.135

[26] CRD 2009-01, ara http://easa.europa.eu/rulemaking/docs/crd/2009/CRD%202009-01%20(EN,%20comment%20response%20summary%20and%20resulting%20text).pdf.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Tabella 5: Korrispondenza bejn ARO.GEN u ORO.GEN

162. Wara l-bidliet fl-istruttura tar-regola, iż-żewġ IRs preċedentement inklużi fl-OR.OPS (OR.OPS.GEN.100 u OR.OPS.GEN.105) issa huma inklużi f'ORO.GEN. L-**ORO.GEN.110** tiddefinixxi r-responsabblitajiet tal-operatur għall-operazzjoni sikura ta' inġenju tal-ajru, inkluż ir-rekwiżit għat-twaqqif u l-manutenzjoni ta' sistema għall-eżerċitar ta' kontroll operattiv fuq kull titjira operata skont it-termini tad-dikjarazzjoni jew iċ-ċertifikat tagħha, li huma bbażati fuq rekwiżiti eżistenti, jiġifieri EU-OPS u JAR-OPS 3, bid-differenzi notevoli li ġejjin:

- Is-sistema ta' lista ta' kontroll se tkun meħtieġa sabiex tosserva l-prinċipji ta' fattur uman, kif speċifikati fil-Partijiet I, II u III tal-Anness 6 tal-ICAO. Barra minn hekk, din għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-aħħar dokumentazzjoni mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru; dan it-test addizzjonali ġie miżjud bħala reazzjoni għall-kummenti tal-partijiet interessati.
- L-operatur se jkun meħtieġ jispeċifika l-proċeduri ta' ppjanar tat-titjira fil-manwal tal-operazzjonijiet, b'konformità mas-Sezzjoni 3 tal-Parti II tal-Anness 6 tal-ICAO.

163. Diversi assoċjazzjonijiet ta' dispaċers talbu sabiex jiġu introdotti regoli ta' liċenzjar tad-dispaċers, iżda dan jista' ma jsirx peress li jaqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-NPA. L-NPA ittraspona rekwiżiti eżistenti; la EU-OPS, la JAR-OPS 3 u lanqas ir-Regolament Bażiku ma fihom rekwiżit bħal dan. It-test propost huwa konformi mal-Anness 6 tal-ICAO, li jiddikkjara li l-operatur jista' jagħżel li jkollu metodu ta' kontroll li jeħtieġ l-użu ta' uffiċjali tal-operazzjonijiet tat-titjir jew dispaċers tat-titjiriet, iżda din mhijiex xi ħaġa mandatorju. Skont l-Anness 6 tal-ICAO, jekk jintużaw l-uffiċjali tal-operazzjonijiet/id-dispaċers tat-titjiriet, l-Istat tal-operatur jista' (jew jevita li) jeħtieġ li l-uffiċjali tal-operazzjonijiet ta' titjir jew id-dispaċers tat-titjiriet ikunu liċenzjati.

164. Id-definizzjoni ta' "sede prinċipali" għad-determinazzjoni tal-awtorità kompetenti b'konformità mal-**ORO.GEN.105** issa hija allinjata mad-definizzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni)[27], li hija dak adottata wkoll għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 bir-Regolament (KE) Nru 127/2010 li jemenda[28]. Din isservi għall-fatt li t-trasportaturi tal-ajru liċenzjati jridu jkunu approvati b'konformità mas-Subparti G tal-Anness 1 għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 "Parti-M" bħala parti mill-AOC tagħhom. Id-definizzjoni tassumi li l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operattiv ta' organizzazzjoni jinstabu fl-istess Stat Membru. Filwaqt li tirrikonoxxi l-benefiċċji minn definizzjonijiet komuni għal Regolamenti differenti, l-Aġenzija hija tal-fehma li d-definizzjoni magħżula mir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 se toħloq problemi ta' implimentazzjoni. Għaldaqstant,

---

27 Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) *ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3–20.*

28 Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 127/2010 tal- 5 ta' Frar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [navigabbiltà] ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (Test b'relevanza għaż-ŻEE); ĠU L 40, 13.2.2010, p. 4–50.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

tirrakkomanda li reviżjoni ta' din id-definizzjoni għar-Regolamenti kollha tal-EASA kkonċernati, inklużi r-Regolament dwar l-ajrunavigabbilità. Din ir-reviżjoni għandha tqis il-post tal-maniġment tekniku tal-organizzazzjoni fir-rigward tal-attività approvata skont ir-Regolament Bażiku u l-IRs tiegħu bħala l-kriterju ewlieni għad-determinazzjoni tas-sede prinċipali ta' organizzazzjoni, għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-awtorità kompetenti.

165. L-**ORO.GEN.115** tiddefinixxi l-proċess ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni. Meta wieħed iqis il-kummenti għall-NPA mill-partijiet interessati, il-proposta għal ċertifikat wieħed tal-organizzazzjoni li saret mal-NPA 2008-22c ma ġietx segwita, u fl-istess waqt, l-ebda Formola standard ta' applikazzjoni ma hija proposta mal-Parti-ORO. Dwar dan l-aħħar punt, l-Istati Membri wrew tħassib dwar l-impatti ta' impożizzjoni ta' Formola ta' applikazzjoni standard dwar sistemi amministrattivi differenti diġà fis-seħħ skont ir-regoli applikabbli attwali. Dwar il-kwistjoni ta' kunċett ta' "ċertifikat wieħed", l-Aġenzija tikkunsidra li l-għanijiet tagħha jistgħu jinkisbu mingħajr ma jiġi imponut il-ħruġ ta' ċertifikat wieħed tal-organizzazzjoni: iċ-ċertifikat, li huwa sempliċiment l-"attestazzjoni" tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, jista' jiġi fil-forma ta' dokument wieħed jew fil-forma ta' dokumenti differenti. L-aspett ewlieni huwa li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu sorveljanza bl-aktar mod effiċjenti għal organizzazzjonijiet li għandhom aktar minn approvazzjoni waħda[29]. F'dak ir-rigward, huma meħtieġa rekwiżiti komuni ta' sistema ta' ġestjoni applikabbli għat-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet.

166. L-**ORO.GEN.120** tiddefinixxi l-proċess għall-approvazzjoni ta' mezzi alternattivi ta' konformità, li japplika għal organizzazzjonijiet li għandhom ċertifikat skont il-Parti-ORO. Matul il-proċess ta' konsultazzjoni qam tħassib dwar il-mezzi alternattivi ta' konformità użati mill-organizzazzjonijiet soġġetti għal obbligu ta' dikjarazzjoni biss. L-Aġenzija tosserva li ma hemm l-ebda bażi legali fir-Regolament Bażiku għall-impożizzjoni fuq dawn l-organizzazzjonijiet sabiex isegwu l-istess proċess ta' approvazzjoni għal mezzi alternattivi ta' konformità bħal dak tal-organizzazzjonijiet ċertifikati. Approvazzjoni ta' mezzi alternattivi ta' konformità tista' teżisti biss meta tkun mehmuża ma' ċertifikat jew approvazzjoni, fejn imbagħad, dawn il-mezzi ta' konformità jitqiesu parti mill-bażi għall-għoti tal-approvazzjoni. Madanakollu, għall-organizzazzjonijiet soġġetti għall-obbligu ta' dikjarazzjoni, il-proċess ta' applikazzjoni japplika fil-każ ta' mezzi alternattivi ta' konformità għal AMC direttament relatat ma' xi approvazzjoni speċifika li dawn l-organizzazzjonijiet jista' jkollhom skont il-Parti-SPA. Fir-rigward tal-possibilità għall-organizzazzjonijiet professjonali jew għall-korpi ta' rappreżentanza tal-partijiet interessati li ma għandhomx ċertifikat tal-organizzazzjoni skont ir-Regolament Bażiku u l-IRs tiegħu sabiex jużaw mezzi alternattivi ta' konformità, ma hemm l-ebda bżonn li dawn l-organizzazzjonijiet sabiex jitolbu approvazzjoni ta' mezzi alternattivi bħal dawn, sakemm ma jkunux soġġetti għal xi obbligu ta' konformità skont ir-Regolament Bażiku u l-IRs tiegħu.

167. Bħala reazzjoni għall-kummenti mill-partijiet interessati tal-industrija, l-Aġenzija se tniedi kompitu addizzjonali ta' tfassil tar-regoli sabiex tipprovdi metodoloġija

[29] Kriterji għall-"ikkreditar" ta' elementi tal-awditjar għas-sorveljanza ta' organizzazzjonijiet li għandhom aktar minn approvazzjoni waħda se jiġu pprovdui mal-AMCs għal ARO.GEN.305.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

dwar kif turi li l-għan ta' sikurezza tar-regola ta' implimentazzjoni jintlaħaq meta ssir applikabbli għall-approvazzjoni ta' mezz alternattiv ta' konformità.

168. Fl-**ORO.GEN.130** "Bidliet fl-organizzazzjonijiet soġġetti għal ċertifikazzjoni", it-tip ta' bidliet li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel fir-rigward tas-sistema ta' organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni huwa speċifikat ulterjorment, sabiex jonqos li-piż fuq l-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet: f'termini ta' sistema ta' ġestjoni, il-bidliet li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel issa huma definiti b'mod aktar speċifiku bħal dawk li jaffettwaw il-linji ta' responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont u/jew il-politika ta' sikurezza. Sostanzjalment, il-proposta tal-Aġenzija għall-ORO.GEN.130, flimkien mad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ARO mhumiex differenti mill-kunċetti ta' "approvazzjoni indiretta" jew "bidliet aċċettabbli għall-awtorità kompetenti": Wara ċertifikazzjoni inizjali, l-awtorità kompetenti tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli u tapprova s-sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni, inkluż is-sistema ta' kontroll operattiv tagħha, kif ukoll il-proċedura tagħha għall-ġestjoni ta' bidliet li ma jiħtiġux approvazzjoni minn qabel. Sussegwentement, il-bidliet jew huma dawk li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel jew dawk li jistgħu jiġu amministrati kif miftiehem mal-awtorità kompetenti. Ir-regoli proposti huma wkoll aktar adegwati fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' sorveljanza bbażata fuq il-prestazzjoni: Wara ċertifikazzjoni inizjali, organizzazzjoni tista' taqbel mal-awtorità kompetenti tagħha dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-bidliet li ma jeħtiġux approvazzjoni minn qabel, fi ħdan il-limiti stabbiliti mill-ORO.GEN.130. Hekk kif l-organizza "tevolvi", il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-bidliet jista' jiġi estiż, dejjem jekk dawn jibqgħu fi ħdan il-limiti stabbiliti fil-livell tar-regoli.

169. Diversi awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkummentaw dwar il-kunċett ta' validità illimitata ta' ċertifikati, li jesprimu tħassib dwar nuqqas possibbli ta' kontroll effettiv b'ċertifikati li ma jiskadux. L-Aġenzija tosserva li issa, il-validità illimitata taċ-ċertifikati hija ferm aċċettata fil-qasam tal-ajrunavigabbilità. Il-validità kontinwa taċ-ċertifikati tal-organizzazzjoni hija soġġetta għat-tkomplija tas-sorveljanza mill-awtorità kompetenti. Il-proposta tal-Aġenzija tippromwovi proċess ta' monitoraġġ kontinwu permezz ta' awditjar, reviżjonijiet u spezzjonijiet f'intervalli determinati fuq il-bażi tar-riżultati tas-sorveljanza fl-imgħoddi u billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni elementi. Li kieku ċ-ċertifikati kienu ta' validità limitata, jista' jkun li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom it-tendenza li jipposponu l-awditjar u l-ispezzjonijiet għal ftit qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat. Il-Parti-ARO tipprovdi l-elementi meħtieġa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jieħdu azzjoni dwar ċertifikat fi kwalunkwe żmien, jekk dan ikun meħtieġ, f'każ ta' sejbiet li jipperikolaw is-sikurezza b'mod serju. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jieħdu azzjoni ta' infurzar billi japplikaw penali, kif stipulat fir-regoli nazzjonali tagħhom li jimplimentaw l-Artikolu 68 tar-Regolament Bażiku.

170. Huwa inkluż IR ġdid ORO.GEN.160 "Rapportar ta' Okkorrenzi" sabiex jagħmel referenza għal-leġiżlazzjoni applikabbli u sabiex jiddefinixxi r-rekwiżiti ta' rapportar, inkluż ir-rapportar lill-organizzazzjoni responsabbli mid-disinn tal-inġenju tal-ajru, għall-organizzazzjonijiet kollha soġġetti għall-Parti-ORO. It-test huwa bbażat fuq rekwiżiti eżistenti fir-regoli dwar l-ajrunavigabbilità. L-okkorrenzi li għandhom jiġu rraportati huma dawk li effettivament jipperikolaw it-tħaddim sigur tal-inġenju tal-ajru, għall-kuntrarju tal-perikli tas-sikurezza tal-avjazzjoni li għandhom jiġu ġestiti bħala parti mill-iskema ta' rapportar tal-okkorrenza interna,

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

koperta mill-ORO.GEN.200(a)(3). Sabiex jikkunsidraw il-kummenti tas-CRD, ir-rekwiżiti ġew reveduti: rapporti inizjali, li għandhom jiġu sottomessi fi żmien 72 siegħa minn meta l-organizzazzjoni tidentifika l-okkorrenza, ma għandux għalfejn ikun fihom dettalji dwar l-azzjonijiet li l-organizzazzjoni beħsiebha tieħu sabiex tipprevjeni repetizzjoni, peress li d-determinazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet tista' tkun teħtieġ aktar żmien.

Sezzjoni 2 tal-ORO.GEN – Sistema ta' ġestjoni

171. L-Aġenzija tipproponi li tiddedika Sezzjoni speċifika tar-rekwiżiti ġenerali tal-organizzazzjoni għal dawk relatati mas-sistemi ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet. Dawn ir-rekwiżiti ġejjin l-aktar minn dawk li diġà jeżistu fl-istandards applikabbli, bħall-JARs. Ikopri l-ħtieġa ta' persunal kwalifikat u b'mod partikolari, persuni speċifiċi inkarigati milli jiżguraw li l-organizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli. Ir-rekwiżiti eżistenti jkopru wkoll il-ħtieġa li jkun hemm faċilitajiet xierqa sabiex jitwettqu l-kompiti meħtieġa u l-ħtieġa li jinżammu rekords tal-attivitajiet kollha mwettaq b'konformità mar-regoli applikabbli.

172. Is-sezzjoni speċifika hija wkoll il-post it-tajjeb għall-implimentazzjoni tal-istandards tal-ICAO dwar is-sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza (SMS)[30]. L-Aġenzija temmen li dawn ma għandhomx ikunu implimentati permezz ta' rekwiżit ta' sistema addizzjonali ta' ġestjoni sovrappost fuq ir-regoli eżistenti, kemm jekk huma relatati mal-finanzi, il-kwalità jew xi tħassib ieħor ta' maniġer ta' organizzazzjoni. L-impożizzjoni ta' sistema ta' ġestjoni ta' sikurezza separata mill-oħrajn tista' tidher sempliċiment bħala rekwiżit preskrittiv addizzjonali, bir-riskju li l-organizzazzjonijiet jkunu qed ifittxu li jissodisfaw l-awtorità kompetenti tagħhom billi jintwera li fl-organizzazzjoni tagħhom żiedu l-elementi preskrittivi meħtieġa kollha. Dan ma jkunx qed jappoġja l-implimentazzjoni ta' regoli bbażati fuq il-prestazzjoni, kif imrawma mill-ICAO sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-SMS.

173. Minflok, l-Aġenzija tipproponi li telenka l-elementi li l-organizzazzjonijiet iridu jindirizzaw. Għalhekk, ir-rekwiżiti proposti huma bbażati fuq l-idea li s-sikurezza, kif ukoll il-konformità mar-regoli, għandha tkun raġuni ta' tħassib għall-persunal kollu u għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti huma ppreżentati b'tali mod li jippermetti lill-organizzazzjoni sabiex tapplikahom bil-mod li tqis xieraq, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-mudell tan-negozju tagħha stess. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti jkunu jippermettu l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni integrata fejn is-sikurezza hija parametru li jrid jittieħed f'kunsiderazzjoni għal kull deċiżjoni, minflok sistemi ta' ġestjoni simultanji. Ġestjoni integrata tippermetti lill-maniġers sabiex jirrikonoxxu u jieħdu f'kunsiderazzjoni l-influwenzi notevoli kollha dwar l-organizzazzjoni tagħhom, bħad-direzzjoni strateġika tan-negozju tagħhom, il-leġiżlazzjoni u l-istandards relevanti, il-politiki interni u l-kultura, ir-riskji u l-perikli, ir-rekwiżiti ta' riżorsi u l-ħtiġijiet ta' dawk li jistgħu jkunu affettwati minn kwalunkwe aspett tal-operazzjoni tal-organizzazzjoni.

174. F'termini ta' sistemi ta' kwalità, l-Aġenzija tipproponi li żżomm dak li huwa verament interessat fih ir-regolatur meta tobbliga lill-organizzazzjonijiet sabiex

[30] L-Appendiċi 4 tal-Anness 1 tal-ICAO / L-Appendiċi 7 tal-Anness 6 tal-ICAO "Qafas għas-Sistemi ta' Ġestjoni tas-Sikurezza".

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

jimplimentaw sistema ta' kwalità: konformità mar-regoli. Tabliħaqq, sistema ta' kwalità tista' tintuża sabiex tissodisfa settijiet differenti ta' rekwiżiti. L-Aġenzija temmen li huwa neċessarju li dawn sempliċiment jeħtieġu monitoraġġ tal-konformità bħala parti mir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni. Għalhekk, ir-rekwiżiti proposti joffru l-abilità li jiġu implimentati l-istandards tal-SMS tal-ICAO, mingħajr ma l-organizzazzjoni tiġi obbligata li tibdel il-mudell tan-negozju tagħha.

175. Ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni, kif propost, jixirqu lil diversi organizzazzjonijiet, huma x'inhuma d-daqs, in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom u jkun xi jkun il-mudell tan-negozju li jixtiequ japplikaw, u b'hekk, jiżguraw l-applikazzjoni proporzjonata tagħhom. L-Aġenzija tipproponi wkoll li, f'każ li organizzazzjoni tagħti b'kuntratt parti mill-attivitajiet tagħha soġġetta għal dawn ir-rekwiżiti proposti, din għandha tkompli bir-responsabbiltajiet ta' konformità mar-regoli applikabbli. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet jibqgħu kompletament responsabbli għal dawk l-attivitajiet li huma soġġetti għal ċertifikazzjoni.

176. Ir-rekwiżiti ta' sistema ta' ġestjoni huma proposti sabiex japplikaw għall-organizzazzjonijiet kollha koperti minn dawn ir-Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni proposti. Meta tabbozza r-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni, l-Aġenzija vverifikat x'kien diġà applikabbli għall-organizzazzjonijiet inizjali u l-ajrunavigabbilità kontinwa sabiex tivverifika l-kompatibilità magħhom, billi żżomm l-istess kliem ta' dawk ir-regoli diġà applikabbli, meta dan ikun possibbli. L-Aġenzija beħsiebha tipproponi regoli li fil-ġejjieni jimplimentaw l-istandards tal-SMS tal-ICAO għal tipi oħra ta' organizzazzjonijiet. Sa fejn ikun possibbli, l-Aġenzija se tistinka sabiex iżżomm ir-rekwiżiti simili kemm hu possibbli għal dawk proposti f'dawn ir-Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni. Dan se jiffaċilita implimentazzjoni simplifikata tal-istandards tal-ICAO, b'mod partikolari għal dawk l-organizzazzjonijiet li l-attivitajiet tagħhom ikopru diversi setturi tal-ajrunawtika.

177. Meta tabbozza dawk ir-rekwiżiti proposti, l-Aġenzija stinkat sabiex tiżgura konsistenza bejn ir-rekwiżiti applikabbli għat-tipi varji ta' organizzazzjonijiet. Għaldaqstant, l-Aġenzija studjat ir-rekwiżiti stabbiliti fil-JAR-FCL 1, 2 u 3, fl-EU-OPS, fl-AMCs u l-GMs għall-JAR-OPS 1 u fil-JAR-OPS 3. Dawn l-istandards li jinstabu fir-rekwiżiti li għandhom jiġu segwiti mill-organizzazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Rewiżiti tal-Organizzazzjoni proposti. Imbagħad, sabiex tiġi żgurata konsistenza globali, l-Aġenzija studjat ir-rekwiżiti relevanti stipulati fl-IRs li diġà huma applikabbli għall-organizzazzjonijiet tal-ajrunavigabbilità. Imbagħad, fl-NPA tagħha l-Aġenzija pproponiet it-tqegħid tal-kliem li deher xieraq għall-organizzazzjonijiet, u meta dan ikun meħtieġ, dan jiġi komplimentat minn rekwiżiti għal tipi speċifiċi ta' organizzazzjonijiet.

178. L-Aġenzija ssupplimentat dawn ir-regoli proposti ma' regoli oħra bbażati fuq l-istandards tal-ICAO li ma ġewx introdotti fl-istandards elenkati fil-paragrafu preċedenti. Dan huwa l-każ għar-rekwiżiti tal-SMS tal-ICAO, pereżemju.

179. Matul il-fażi ta' konsultazzjoni, l-Aġenzija spjegat b'mod estensiv il-proċess segwit sabiex waslet għar-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni proposta. Il-kummenti inizjali tal-partijiet interessati wrew li r-regoli proposti ma kinux kompletament mifhuma. Għaldaqstant, l-Aġenzija, assistita mill-grupp ta' reviżjoni, irrevediet it-test propost bli-għan li ttejjeb iċ-ċarezza tiegħu.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

180. L-Aġenzija sabet ukoll li huwa fatt interessanti li uħud mill-partijiet interessati talbu li jmorru lil hinn fid-direzzjoni tar-regoli bbażati fuq il-prestazzjoni. Madanakollu, l-Aġenzija tikkunsidra li f'dan l-istadju ma jkunx għaqli li jiġu proposti regoli sħaħ ibbażati fuq il-prestazzjoni u li t-titjib kontinwu tar-regoli, b'mod konsistenti mal-progress li sar fil-livell tal-organizzazzjonijiet, se jiffaċilita t-triq lejn regoli bbażati fuq il-prestazzjoni.

181. Minkejja differenzi fil-kliem li jużaw, ir-rekwiżiti proposti huma kompletament konformi mal-ICAO. Tabella ta' korrispondenza bir-rekwiżiti proposti u l-AMCs u l-GM relevanti fil-Parti-OR(O) u l-istandards relevanti tal-ICAO ġiet ipprovduta mal-Anness II tan-Nota ta' Spjega għas-CRD "Rekwiżiti tal-organizzazzjoni" (2008-22C u 2009-02C)[31]. Is-37 Assemblea tal-ICAO, organizzata f'Settembru/Ottubru 2010, ikkonfermat il-ħolqien ta' Anness ġdid li jindirizza l-ġestjoni tas-sikurezza, l-Anness 19, li huwa mistenni jkun fih l-istandards tal-SMS ġenerali applikabbli għall-organizzazzjonijiet kollha, u għalhekk, isegwi l-approċċ tas-sistema totali propost mill-EASA fl-NPA tagħha dwar ir-Rekwiżiti tal-Awtorità u tal-Organizzazzjoni. Wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-Anness il-ġdid, ir-rekwiżiti tal-organizzazzjoni dwar l-SMS se jiġu reveduti, anki sabiex dawn jikkunsidraw il-ħidma li qed issir fil-qafas tal-Grupp ta' Kollaborazzjoni Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sikurezza (SM-ICG - Safety Management International Collaboration Group), il-progress fl-implimentazzjoni tal-EASP, u b'mod partikolari sabiex jindirizzaw il-ġestjoni tar-riskji għas-sikurezza li jirriżultaw minn interazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet oħrajn. Dwar dan l-aħħar punt, l-Aġenzija taqbel mal-partijiet interessati li l-organizzazzjonijiet ma għandhomx jamministraw is-sikurezza waħedhom, iżda għandhom jagħmlu dan b'koordinazzjoni mal-organizzazzjonijiet l-oħrajn li huma marbutin magħhom. Pereżempju, ġestjoni effettiva tas-sikurezza peremzz ta' operatur ta' ajdurom timplika koordinazzjoni xierqa mal-operaturi tal-ajru u l-forituri tas-servizz ta' navigazzjoni tal-ajru li jużaw is-servizzi tal-ajrudrom. Għaldaqstant, l-Aġenzija beħsiebha tirrevedi r-Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni kif spjegat aktar 'il fuq permezz ta' kompitu ġdid ta' tfassil tar-regoli.

ORO.AOC - Ċertifikazzjoni tal-operatur tal-ajru

182. Din is-Subparti hija applikabbli għal operaturi kummerċjali. Tiddefinixxi l-proċess ta' applikazzjoni għal Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru, il-kundizzjonijiet għall-kiri u l-ftehimiet ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, il-proċess ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' għoti ta' taħriġ lill-ekwipaġġ tal-kabina u għall-ħruġ ta' attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina u r-rekwiżiti għal operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru operati skont AOC. Ir-rekwiżiti tal-aħħar huma marbutin ma' monitoraġġ tad-dejta dwar it-titjiriet, il-persunal, il-faċilitajiet u l-produzzjoni ta' manwali u dokumentazzjoni.

183. Din is-Subparti hija bbażata fuq ir-rekwiżiti relevanti tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3 stabbiliti fis-Subparti B u C. L-ORO.AOC fiha rekwiżit ġdid dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi, aspett mhux kopert mill-EU-OPS. Dan ġie inkluż sabiex jirrefletti l-kamp ta' applikazzjoni usa' tar-Regolament Bażiku meta mqabbel mal-EU-OPS. Il-proposta inizjali fl-NPA 2009-2c ġiet emendata wara l-kummenti tal-partijiet interessati.

[31] http://easa.europa.eu/rulemaking/docs/crd/part-or/CRD%20a.%20-%20Explanatory%20Note%20Part-OR.pdf.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

184. Il-kwistjonijiet ewlenin imqajma mill-partijiet interessati rigward din is-Subparti kienu dwar l-applikabilità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-AOC (ORO.AOC.100), ir-rekwiżiti għal kiri mingħajr l-ekwipaġġ u bl-ekwipaġġ ta' inġenju tal-ajru ta' pajjiż terz (ORO.AOC.110), il-kondiviżjoni tal-kodiċi (ORO.AOC.115) u r-relazzjoni bejn detenturi ta' inkarigi differenti u s-sistema ta' detenturi ta' inkarigi (ORO.AOC.135).

185. Saru bidliet notevoli f'uħud mid-dispożizzjonijiet wara l-kummenti li daħlu. Uħud mill-modifiki huma ta' natura aktar editorjali jew għandhom l-għan li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet.

186. L-**ORO.AOC.025** "bidliet" tħassret minħabba li din hija adegwatement koperta f'ORO.GEN. Hija introdotta lista preliminari ta' bidliet li huma soġġetti għal approvazzjoni minn qabel bħala GM f'ORO.GEN, li se tkun ippubblikata fid-Deċiżjoni.

187. **ORO.AOC.110 (b)** "Kiri": qam ħafna tħassib dwar il-kiri ta' inġenji tal-ajru minn operaturi minn pajjiżi terzi. L-Aġenzija tivvaluta bir-reqqa l-kummenti li daħlu. Il-kiri huwa għodda tan-negozju importanti għal-linji tal-ajru kummerċjali u għaldaqstant, ir-regoli relatati mas-sikurezza għandhom ikunu proporzjonati. Madanakollu, huwa ċar ukoll li l-kiri ta' inġenji tal-ajru, b'mod partikolari l-kiri ta' inġenji tal-ajru minn operaturi minn pajjiżi terzi, irid iseħħ f'ambjent ikkontrollat li jiżgura livell aċċettabbli ta' sikurezza. Il-leġiżlatur Ewropew irrikonoxxa dan u indirizza l-kiri fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u fl-EU-OPS. Iż-żewġ siltiet tal-leġiżlazzjoni ġew meqjusa meta ġie emendat it-test tar-regoli tal-NPA. L-Aġenzija temmen li t-test modifikat ippreżentat f'din l-Opinjoni jipprovdi l-flessibilità meħtieġa għal-linji tal-ajru kummerċjali u fl-istess waqt jipprovdi livell ta' sikurezza li huwa mistenni mill-pubbliku u mill-leġiżlatur.

188. Id-dispożizzjoni dwar li-kiri għaddiet minn bidla kbira fit-test. Il-bidliet ewlenin jikkonċernaw il-kiri bl-ekwipaġġ ta' inġenji tal-ajru minn operaturi minn pajjiżi terzi. Ħafna kummenti indikaw li r-rekwiżiti għall-kiri bl-ekwipaġġ ta' dawn l-inġenji tal-ajru kif ippreżentati fl-NPA/CRD tqiesu diffiċli sabiex wieħed jikkonforma magħhom. L-EU-OPS jippermetti sabiex il-kiri bl-ekwipaġġ japplika l-istandards ta' sikurezza li huma "ekwivalenti" għal dawk stabbiliti fl-EU-OPS. Meta wieħed iqis il-kummenti li daħlu u sabiex ikun hemm konformità mal-EU-OPS, ġie introdott il-kliem "standards ta' sikurezza ekwivalenti". Konsegwentement, l-operatur tal-UE li issa ngħata l-possibilità li juri lill-awtorità kompetenti li l-inġenju tal-ajru mikri bl-ekwipaġġ huwa soġġett għal standards ekwivalenti għar-regoli tal-UE dwar is-sikurezza. Qam ukoll tħassib dwar l-applikabilità tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 u l-Anness III tal-Parti-FCL. Il-kummenti relatati mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 se jiġu indirizzati fis-CRD għall-NPA 2010-10. Il-kummenti relatati mal-Anness III tal-Parti-FCL se jiġu valutati f'kompitu ġdid ta' tfassil tar-regoli (FCL.002).

189. Uħud mill-kummenti indikaw li l-ORO.AOC għandha tirrefletti l-prattika eżistenti tal-kiri mingħajr l-ekwipaġġ ta' inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiżi terzi fil-każ ta' ħtiġijiet operattivi għal dewmien limitat. Saru kummenti simili għall-NPA 2010-10. Peress li l-kiri mingħajr l-ekwipaġġ huwa prinċipalment kwistjoni ta' ajrunavigabbilità kontinwa, il-kundizzjonijiet li skonthom il-kiri mingħajr l-ekwipaġġ ta' inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiżi terzi jista' jsir possibbli, se jiġu valutati matul is-CRD għall-NPA 2010-10. Fil-ġejjieni, dan il-kompitu ta' tfassil tar-

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

regoli jista' jeħtieġ valutazzjoni mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet f'ORO.AOC dwar il-kiri mingħajr l-ekwipaġġ.

190. Fir-rigward tal-kiri mingħajr l-ekwipaġġ, ir-referenza għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ġiet trasferita fl-ARO.OPS.110. Anki r-rekwiżit għat-tneħħija tal-inġenju tal-ajru mill-AOC tas-sid ġie trasferit fl-ARO.OPS.110, għax hija r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti li tiżgura li l-inġenju tal-ajru jitneħħa mill-AOC tal-operatur fi żmien perjodu xieraq. It-test ġie modifikat sabiex ikun ċar li mhuwiex se jkun neċessarju li jiġu mehmuża l-ftehimiet finanzjarji tal-ftehim ta' kiri għal applikazzjoni għal aprovazzjoni.

191. Ġie introdott paragrafu ġdid dwar il-kiri bl-ekwipaġġ li jeħtieġ li l-operaturi tal-UE jonnotifikaw lill-awtorità kompetenti f'każ li jidħlu fi ftehim ta' kiri bl-ekwipaġġ.

192. F'**ORO.AOC.115** "Ftehimiet ta' kondiviżjoni ta' kodiċi": id-diskussjoni dwar il-kiri tapplika wkoll għall-kondiviżjoni ta' kodoċi. Ħafna kummenti indikaw li l-Parti-TCO ma għandhiex tiġi applikata għal ftehimiet ta' kondiviżjoni ta' kodiċi mal-operaturi minn pajjiżi terzi peress li uħud mill-imsieħba tal-kondiviżjoni tal-kodiċi qatt ma jtiru lejn l-Ewropa. Uħud mill-kummenti xeħtu dubju dwar il-bażi legali għar-regolamentazzjoni tal-kondiviżjoni tal-kodiċi u pproponew li s-sorveljanza tal-imsieħba tal-kondiviżjoni ta' kodiċi diġà ddelegata lill-operatur tal-UE. Barra minn hekk, ġiet ikkontestata l-konformità mar-Rekwiżiti Essenzjali (l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008), għax konformità sħiħa ma setgħetx tiġi żgurata minn operaturi minn pajjiżi terzi. Kummenti oħra indikaw li l-kondiviżjoni ta' kodiċi għandha tiġi indirizzata f'kompitu ieħor ta' tfassil tar-regoli. L-ewwel nett, irid jiġi enfasizzat li l-Aġenzija tqis li l-kondiviżjoni ta' kodiċi taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4.1.(c) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Wara li jiġu valutati l-kummenti, ġiet modifikata d-dispożizzjoni dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi. Fil-proposta l-ġdida għall-Opinjoni, tħassret referenza għall-Parti-TCO. Is-sorveljanza tal-imsieħba ta' kondiviżjoni ta' kodiċi issa taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-operatur tal-UE filwaqt li tiżgura konformità kontinwa mar-Rekwiżiti Essenzjali. Għan dan il-għan, l-operatur irid jistabbilixxi programm ta' awditjar ta' kondiviżjoni ta' kodiċi. Dan japplika wkoll għall-imsieħba ta' kondiviżjoni ta' kodiċi li ma joperawx fl-UE. Il-materjal ta' gwida se jiġi żviluppat ma' tabella ta' dispożizzjonijiet li għandu jsir tqabbil magħha. Il-konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet se tiżgura aderenza mar-Rekwiżiti Essenzjali fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Id-dispożizzjonijiet fit-tabella għandhom ikunu l-istess għal dawk applikati għal operaturi minn pajjiżi terzi meta dawn japplikaw għal awtorizzazzjoni b'konformità mal-Parti-TCO. Finalment, id-dispożizzjoni ġiet modifikata b'tali mod li jiġi żgurat li operatur tal-UE ma jkunx jista' jbigħ jew joħroġ biljetti għal titjira operata minn operatur minn pajjiż terz li huwa soġġett għal projbizzjoni milli jopera b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005[32] (lista ta' Sikurezza tal-UE). Għadu possibbli għal operatur minn pajjiż terz fuq il-lista ta' Sikurezza tal-UE li jbigħ jew joħroġ biljetti għal titjira operata minn sieħeb tiegħu ta' kondiviżjoni tal-kodiċi mill-UE. Fil-parti l-kbira minnu, l-approċċ meħud fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-kodiċi konformi mal-"Linji gwida tal-Programm

[32] Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji ta' l-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija ta' l-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE. *ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15*.

għas-Sikurezza tal-Kondiviżjoni ta' Kodiċi" tad-Department of Transportation (Dipartiment tat-Trasport) u l-Federal Aviation Administration (Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Federali) tal-Istati Uniti.

193. L-**ORO.AOC.120** "L-approvazzjonijiet tal-AOC għall-għoti ta' taħriġ tal-Parti-CC u għall-ħruġ ta' attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina" tittrasponi r-rekwiżiti tal-UE-OPS li ma kinux kompletament koperti fl-NPA.

194. **ORO.AOC.125** "Operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru soġġetti għal AOC": saru tliet bidliet għal din id-dispożizzjoni. L-ewwel nett, OR.OPS.GEN.105 tmexxiet għal ORO.AOC.125. It-tieni nett, sabiex is-suġġett ikun aktar ċar, it-titlu nbidel għal "Operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru soġġetti għal AOC". It-tielet, l-Aġenzija tipproponi test ġdid li jiddefinixxi x'għandu jagħmel operatur li għandu AOC jekk ikun beħsiebu jopera wkoll inġenju tal-ajru b'mod mhux kummerċjali. Il-prinċipju jibqa': il-proċeduri għall-operazzjoni mhux kummerċjali jridu jkunu speċifikati fil-manwal tal-operazzjonijiet fejn trid issir identifikazzjoni ċara tad-differenzi tal-proċeduri operattivi (bejn operazzjonijiet kummerċjali u operazzjonijiet mhux kummerċjali). Barra minn hekk, l-operatur irid jiżgura li l-persunal involut ikun aġġornat dwar li-proċeduri assoċjati. Barra minn hekk, din l-approvazzjoni trid tingħata mill-awtorità kompetenti. Madanakollu, ma hija meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni meta operatur kummerċjali iwettaq titjiriet mhux kummerċjali. Id-dispożizzjoni ġiet emendata ftit sabiex itejjeb iċ-ċarezza wara l-kummenti li daħlu dwar is-CRD.

195. L-**ORO.AOC.130 (a)** "Monitoraġġ tad-dejta dwar it-titjiriet": il-kunċett ta' "*sakemm ma jiġux operati b'mod temporanju u għal titjiriet ferry jew titjiriet ta' ttestjar biss*" ġie introdott fit-test tas-CRD wara kumment dwar l-NPA-2009-2c għax mhux faċli għall-operaturi li jipprovdu servizz ta' titjiriet mingħajr qligħ sabiex jimplimentaw programm FDM. Madanakollu, wara analiżi interna, ġie konkluż li dan il-kunċett ma jkoprix b'mod adegwat u preċiż il-ħsieb tal-bidla u li hemm riskju ta' effetti negattivi mhux intenzjonati u mhux imbassra fuq is-sikurezza. Barra minn hekk, l-ORO.AOC.130 hija kompletament konformi mal-EU-OPS 1.037 u mal-Parti I 3.3.6 tal-Anness 6 tal-ICAO. Għaldaqstant, ġie deċiż li titneħħa l-frażi "*sakemm ma jiġux operati b'mod temporanju u għal titjiriet ferry jew titjiriet ta' ttestjar biss*".

ORO.DEC –Dikjarazzjoni

196. Din is-Subparti fiha r-rekwiżit għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni. Il-kontenut tal-Formola ta' dikjarazzjoni definita fl-Appendiċi I għall-Parti-ORO. Huwa applikabbli għal operaturi mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur (operaturi ta' NCC). Ir-rekwiżiti jimplimentaw l-Artikolu 8.5 (d) tar-Regolament Bażiku. Din is-Subparti tikkomplimenta l-ARO.GEN.345.

197. B'konformità mar-Regolament Bażiku u kif diġà ġie propost fl-NPA/CRD, kull operatur ta' NCC għandu jkun meħtieġ jipprovdi dikjarazzjoni lill-Istat tal-operatur. Din tinkludi operazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru amministrati li huma mwettqa bħala operazzjonijiet mhux kummerċjali.

198. Il-ħsieb tad-dikjarazzjoni huwa li:

- l-operatur jirrikonxxi r-responsabbiltajiet tiegħu skont ir-Regolamenti dwar is-Sikurezza applikabbli u li għandu l-approvazzjonijiet meħtieġa kollha;

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- tgħarraf lill-awtorità kompetenti bl-eżistenza ta' operatur; u
- tippermetti lill-awtorità kompetenti sabiex tissodisfa r-responsabblitajiet ta' sorveljanza tagħha

199. Il-kontenut tad-dikjarazzjoni ġie revedut fuq il-bażi tal-kummenti rċivuti. It-termini ġew allinjati ma' dawk użati f'Subpartijiet u Partijiet oħrajn.

ORO.MLR – Manwali, logs u rekords

200. L-IRs proposti f'ORO.MLR, li jimplimentaw il-paragrafi 8.a.3 u 8.b tal-Anness IV għar-Regolament Bażiku, fihom dispożizzjonijiet dwar il-manwal tal-operazzjoni tal-operatur, il-lista ta' tagħmir minimu, il-log tal-vjaġġ u ż-żamma ta' rekords.

201. Għal operazzjonijiet ta' CAT b'ħelikopters u ajruplani, l-IRs proposti huma bbażati fuq ir-rekwiżiti eżistenti, jiġifieri l-EU-OPS, il-JAR-OPS 3 u l-JAR-MMEL/MEL, bid-differenzi importanti li ġejjin:

- Filwaqt li d-dispożizzjonijiet dwar l-istruttura tal-manwal tal-operazzjonijiet (partijiet A sa D), ikkupati mill-Appendiċi tal-EU-OPS/JAR-OPS 3, huma ppreżentati bħala IRs, il-lista ta' kontenuti għall-manwal ta' operazzjonijiet se jiġi ppreżentat bħala AMC, sabiex jipprovdi flessibilità u proporzjonalità.
- It-tħejjija tal-manwal tal-operazzjonijiet bil-lingwa Ingliża mhijiex mandatorja skont l-EU-OPS/JAR-OPS 3, iżda d-dispożizzjonijiet trasposti tal-EU-OPS/JAR-OPS 3 jagħmluha ċar li l-operatur huwa responsabbli li jiżgura li l-persunal ikun jista' jifhem il-lingwa tal-manwal ta' operazzjonijiet. Kif ikkummentat minn diversi partijiet interssati, hija kwistjoni ta' sikurezza li l-persunal tal-operazzjoni jkun jista' jifhem il-lingwa tal-manwal tal-operazzjonijiet.
- Id-dispożizzjonijiet fil-lista ta' tagħmir minimu fih referenza addizzjonali għad-dejta li ġejja dwar l-adegwatezza operazzjonali stabbilita b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003.

202. Għal operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur, l-IRs proposti huma bbażati fuq is-Sezzjoni 2 u 3 tal-Parti II tal-Anness 6, u fuq is-Sezzjoni 3 tal-Parti III tal-Anness 6 tal-ICAO, mingħajr differenzi importanti.

203. Għal operazzjonijiet speċjalizzati mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur u għal operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati, l-IRs proposti huma bbażati fuq is-Sezzjoni 2 tal-Parti II tal-Anness 6 u fuq is-Sezzjoni 3 tal-Parti III tal-Anness 6 tal-ICAO, mingħajr differenzi importanti.

ORO.SEC – Sigurtà

204. L-IRs proposti f'OR.OPS.SEC fihom ir-rekwiżiti li jistipulaw li l-operaturi jridu jimplimentaw proċeduri protettivi u tagħmir għall-protezzjoni tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira kontra ksur ta' sigurtà. Għall-ajruplani, ir-rekwiżiti japplikaw għal dawk kollha mgħammra b'bieb tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira u għall-ajruplani ta' trasport kummerċjali bl-ajru kollha b'massa ta' tluq massima ċertifikata ta' aktar minn 45 500 kg u b'konfigurazzjoni operazzjonali massima ta' sits għall-passiġġiera ta' aktar minn 60.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Irid ikun hemm konformità mar-rekwiżit għall-ħelikopters jekk ikun installat bieb tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira.

205. Ir-regoli proposti huma bbażati fuq is-Subparti S tal-EU-OPS u fuq is-Subparti S tal-JAR-OPS 3 u jirreflettu l-kontenut u l-intenzjoni tas-subpartijiet imsemmija. Ir-regoli proposti huma konformi wkoll mal-Parti I tal-Anness 6 tal-ICAO.

206. Il-kwistjoni ewlenija kienet it-tħassib tal-partijiet interessati ta' kunflitt tar-regoli potenzjali bejn ir-regoli proposti mill-Aġenzija dwar is-sigurtà matul it-titijra u r-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 [33]. Intlaħaq ftehim mal-Kummissjoni li fl-Opinjoni, l-Aġenzija żżomm biss dawk ir-regoli li għandhom dimensjoni soda ta' sikurezza u li mhumiex koperti mir-Regolament (KE) Nru 300/2008 jew mill-ICAO u li jiġu trasferiti r-regoli li jifdal lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppahom aktar tard.

ORO.FC – Ekwipaġġ tat-titjira

207. L-IRs proposti f'ORO.FC fihom ir-rekwiżiti ta' kwalifiki, taħriġ u verifika għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjiriet.

- Is-Sezzjoni 1 tispeċifika r-rekwiżiti komuni u hija applikabbli kemm għal operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur kif ukoll għal kwalunkwe operazzjoni kummerċjali.
- Is-Sezzjoni tispeċifika rekwiżiti addizzjonali applikabbli għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru ħlief għal operazzjonijiet bi gliders jew blalen tal-arja u operazzjonijiet ta' passiġġieri mwettqa skont ir-regoli tat-titjir viżiv (VFR - visual flight rules) matul il-ġurnata, li jibdew u jintemmu fl-istess ajrudrom jew sit operattiv u b'dewmien massimu ta' 30 minuta, jew fi ħdan żona lokali speċifikata mill-awtorità kompetenti, ta':
- ajruplani b'magna waħda li jaħdmu bl-iskrejjen li għandhom massa ta' tluq massima ċertifikata ta' 5 700 kg jew inqas u li jġorru massimu ta' sitt persuni inkluż il-bdot; jew
- ħelikopters b'magna waħda li jġorru massimu ta' sitt persuni inkluż il-bdot.
- is-Sezzjoni 3 tispeċifika rekwiżiti addizzjonali applikabbli għal operazzjonijiet kummerċjali li mhumiex ta' trasport kummerċjali bl-ajru u operazzjonijiet bi gliders jew blalen tal-arja u l-attivitajiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru minn A sa A imsemmija fil-paragrafu aktar 'il fuq.

208. Ir-regoli proposti huma bbażati fuq l-EU-OPS u l-JAR-OPS 3 għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru kif ukoll abbozz tal-JAR-OPS 0, 2 u 4 għal operazzjonijiet kummerċjali li mhumiex ta' trasport kummerċjali bl-ajru u operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur. Ir-rekwiżiti applikabbli għal operazzjonijiet mhux kummerċjali huma allinjati u kompletament konformi mal-Parti II tal-Anness 6 tal-ICAO għall-ajruplani u mas-Sezzjoni III tal-Parti III għall-ħelikopters.

---

[33] ĠU L 97, 9.4.2008, p.72.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

209. Fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru, meta mqabbla mal-EU-OPS/JAR-OPS 3 u flimkien mal-bidliet ġenerali deskritti fis-CRD 2009-02b, para 89ff[34], jinxteħet dawl fuq il-bidliet li ġejjin:

- Ir-rekwiżiti applikabbli għall-ajruplani u l-ħelikopters huma armonizzati kemm jista' jkun, filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni d-differenzi bejn il-karatteristiċi operattivi taż-żewġ kategoriji ta' inġenji tal-ajru.
- Filwaqt li l-eżenzjonijiet parzjali tal-Appendiċi 1 sa 1.005(a) tal-EU-OPS u l-Appendiċi 3.005(f) tal-JAR-OPS 3 ġew kompletament trasposti fl-IRs proposti, il-partijiet interessati talbu li tingħata kunsiderazzjoni ulterjuri għall-proporzjonalità tar-regoli. Konsegwentement, ċerti operazzjonijiet minn A sa A kif spjegati aktar 'il fuq ġew soġġetti għall-istess sett ta' regoli bħall-operazzjonijiet kummerċjali li mhumiex ta' trasport kummerċjali bl-ajru. Waqt li ġie stabbilit il-livell limitu, ittieħed f'kunsiderazzjoni l-livell ta' sikurezza mistenni minn operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru kif ukoll il-leġiżlazzoni tal-Istat Membru li hemm fis-seħħ bħalissa. Rigward il-ħelikopters, it-tabella ta' sitt persuni dehret bħala kompromess bejn ħelikopters żgħar u medji u għandha tkopri ħafna mill-attivitajiet turistiċi. Il-kriterju tal-magna huwa meqjus bħala aktar xieraq mil-limitu tal-piż ta' 3 175 kg hekk kif dan tal-aħħar ikun jinkludi ċerti ħelikopters kumplessi b'ħafna magni. Id-differenzi ewlenin fl-IRs proposti jirrigwardaw il-verifika annwali ta' għarfien tal-operaturi u r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kors ta' kmandanti, il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ekwipaġġ u t-taħriġ ta' konverżjoni – dawn tal-aħħar huma inqas preskrittivi.
- Ir-rekwiżiti reċenti ta' esperjenza għall-bdoti kollha huma trasferiti għall-Parti-FCL, l-aktar permezz tal-paragrafu FCL.060, peress li huma meqjusa bħala restrizzjoni fuq il-privileġġi tal-liċenzja.
- L-approvazzjoni tal-utent ta-FSTD ittejbet sabiex tinkludi rekwiżiti li jitolbu lill-operatur sabiex jimplimenta sistema sabiex jamministra kif inhu xieraq il-bidliet tal-FSTD li jistgħu jaffettwaw il-programmi ta' taħriġ tal-operaturi.
- Rigward ir-rotta/iż-żona u l-kompetenza tal-ajrudrom, l-espressjoni 'kwalifika' mhijiex trasposta peress li tintuża fir-rigward ta' liċenzji tal-bdoti biss. L-EU-OPS/JAR-OPS la jispjegaw u lanqas ma jiddeterminaw x'inhi kwalifika bħal din, min joħroġha u jekk hijiex relatata mal-liċenzja jew le. Konsegwentement, sabiex tiġi evitata konfużjoni fit-terminoloġija li tista' tiġġenera konfużjoni fir-reġim, tqies li jkun aħjar li ma tibqax tissemma' "kwalifika" filwaqt li r-rekwiżiti jinżammu l-istess fis-sustanza tagħhom.
- Meta jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-kummenti li daħlu, it-taħriġ tas-CRM ġie inkluż f'kull taħriġ ta' bdot wieħed. Ir-raġunijiet huma li s-CRM tindirizza mhux biss l-interazzjoni bejn żewġ bdoti tal-istess ekwipaġġ iżda anki, pereżempju, mal-ekwipaġġ fuq l-art. Barra minn hekk, tgħallem kif għandhom jiġu ġestiti b'mod effettiv il-volumi ta' xogħol fil-kokpit, li huwa aspett importanti għall-operazzjonijiet bi bdot wieħed.

[34] http://easa.europa.eu/rulemaking/docs/crd/part-ops/CRD%20a.1%20-%20Explanatory%20Note%20-%20OPS%20Parts.pdf

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- Rekwiżiti addizzjonali għal operazzjonijiet bi bdot wieħed skont l-IFR jew filgħaxija huma introdotti fuq il-bażi tal-OPS 65 tal-NPA tal-JAA, b'konformità mal-emenda 29 tal-Parti I tal-Anness 6 tal-ICAO.

210. B'mod ġenerali, il-konsistenza hija żgurata mal-Parti-FCL u l-kunċett reċentement żviluppat ta' dejta dwar l-adegwatezza operazzjonali. Dan tal-aħħar diġà kien inkorporat f'parti minnu fl-EU-OPS permezz ta' referenza għall-Bord ta' Evalwazzjoni Operazzjonali Konġunta (JOEB - Joint Operational Evaluation Board).

211. Huma identifikati d-differenzi li ġejjin mill-Anness 6 tal-ICAO:

- Sarbu bidliet rigward il-kamp ta' applikazzjoni sabiex jiġu stabbiliti regoli proporzjonati b'mod partikolari għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A. Barra minn hekk, ġie kkunsidrat l-Appendiċi 1 għal 1.005(a) tal-EU-OPS. Dan jirrappreżenta nuqqas ta' konformità mal-Anness 6, il-Part I 9.4.4.1 dwar in-numru ta' verifiki ta' għarfien tal-operatur fis-sena. L-istess ġara għall-Anness 6, Parti III, Sezzjoni II 7.4.3.1. minħabba traspożizzjoni tal-Appendiċi 3.005(f) tal-JAR-OPS 3 li jikkonċernaw operazzjonijiet skont il-VFR matul il-ġurnata b'referenza għall-postijiet familjari viżwali ta' ħelikopters li mhumiex kumplessi u mħaddma bil-mutur.

- Id-dispożizzjonijiet għall-operaturi tar-radju u n-navigaturi tat-titjiriet ma ġewx inklużi fl-EU-OPS u konsegwentement, mhumiex inklużi fit-test propost. Dan jirrappreżenta nuqqas ta' konformità mal-Anness 6, il-Parti I, 9.1.2 għall-operaturi tar-radju. Mhemmx operazzjonijiet li huma jitolbu navigaturi tat-titjiriet. Barra minn hekk, filwaqt li l-Aġenzija tista' tirregola l-funzjoni ta' dawn il-membri tal-ekwipapp, l-Istati Membri xorta għadnhom responsabbli milli jirregolaw il-kwalifika tagħhom. Dan ifisser ukoll li l-Anness 6, il-Parti I, 9.1.3 u l-Anness 6, il-Part II, 3.9.1.2 rigward l-inġiniera tat-titjiriet huma biss parzjalment implimentati minn dawn ir-regoli hemm kif il-liċenzjar xorta waħda jibqa' kompetenza tal-Istat Membru.

- Rigward l-għarfien tar-rotta/taż-żona u l-ajrudromi, permezz tat-traspożizzjoni ta' dispożizzjoni mill-Appendiċi 1 għal 1.005(a) tal-EU-OPS, huwa osservat nuqqas ta' konformità għal operazzjonijiet skont il-VFR matul il-ġurnata ta' ajruplani ta' klassi ta' prestazzjoni B bl-Anness 6, il-Parti I, 9.4.3.5 u 9.4.3.6 rigward il-perjodu ta' 12-il xahar.

- Rigward operazzjonijiet bi bdot wieħed skont l-IFR u filgħaxija, mhuwiex partikolarment imsemmi l-istandard tal-Anness 6, il-Parti I, 9.4.5.3 dwar il-verifika inizjali tar-rwol tal-bdot waħdu u f'ambjent li jirrappreżenta l-operazzjoni. Madanakollu, it-test li jirriżulta huwa l-istess bħal fl-EU-OPS u għaldaqstant, ma tbiddilx, b'konformità mal-linji gwida maqbula mill-Kummissjoni u l-Kumitat tal-EASA.

212. Dawn li ġejjin huma identifikati bħala suġġetti għat-tfassil tar-regoli fil-ġejjieni:

- ir-reviżjoni u l-aġġornar tad-dispożizzjonijiet ta' ġestjoni tar-riżorsi tal-ekwipaġġ billi tittieħed f'kunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba matul l-aħħar ftit snin;

- programm alternattiv ta' taħriġ u kwalifika għal operazzjonijiet bil-ħelikopter ta' trasport kummerċjali bl-ajru.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

213. Il-kummenti li daħlu juru wkoll li l-kunċett ta' taħriġ għal operazzjoni bi bdot wieħed huwa kontroversjali u jista' jeħtieġ reviżjoni ulterjuri. Madanakollu, ma sarux wisq proposti dettaljati għal titjib. L-Aġenzija tista' żżid kompitu ta' tfassil tar-regoli addizzjonali dwar din il-kwistjoni aktar tard, wara li l-partijiet interessati jibagħtu proposti ulterjuri dwar it-tfassil tar-regoli.

ORO.CC – Ekwipaġġ tal-kabina

214. L-IRs proposti f'ORO.CC fihom ir-rekwiżiti ta' taħriġ, verifika u validità li kull operatur li jopera inġenju tal-ajru b'ekwipaġġ tal-kabina għandu jikkonforma magħhom sabiex jiżgura l-kwalifika kontinwa tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina.

- Is-Sezzjoni 1 tispeċifika r-rekwiżiti komuni applikabbli għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru (CAT) kif ukoll għal operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur.
- Is-Sezzjoni 2 tispeċifika rekwiżiti addizzjonali li huma applikabbli biss għall-CAT.

215. Ir-regoli proposti huma bbażati fuq rekwiżiti eżistenti: jiġifieri, is-Subparti O tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3. It-TGL 44[35], li ġie ppubblikat mill-JAA u fih is-Sezzjoni 2 tal-JAR-OPS 1 (l-AMC u l-Materjal ta' Spjegazzjoni Interpretattiv - IEM - Interpretative Explanatory Material), ukoll ittieħed f'kunsiderazzjoni.

216. Ir-rekwiżiti huma konformi mal-Kapitolu 12 tal-Parti I tal-Anness 6 tal-ICAO għall-ajruplani u mal-Kapitolu 10 tal-Part III għall-ħelikopters. Ir-regoli proposti, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3, huma aktar dettaljati minn dawk speċifikati mill-istandards korrispondenti tal-ICAO. Madanakollu, ġew ikkunsidrati anki r-rakkomandazzjonijiet dettaljati tal-ICAO li jistgħu jinstabu fid-Dok 7192-AN/857 tal-ICAO intitolat "Training manual Part E-1 for Cabin Attendants' safety training (Second edition – 1996)" (Manwal ta' taħriġ Parti E-1 għat-taħriġ ta' sikurezza tal-Assistenti tal-Kabina - It-Tieni Edizzjoni -1996).

217. Meta jitqies li f'ħafna każijiet, ir-rekwiżiti tal-EU-OPS ġew ikkompliati fuq bażi volontarja għal operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur, id-differenzi ewlenin meta mqabbla mas-Subparti O tal-EU-OPS u l-JAR-OPS 3 huma dawn li ġejjin għaż-żewġ tipi ta' operazzjonijiet:

- Kamp ta' applikazzjoni (ORO.CC.005): ir-regoli proposti fis-Sezzjoni 1 'Rekwiżiti komuni' se japplikaw għal operazzjonijiet mhux kummerċjali b' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur u għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru.
- Determinazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina minimu meħtieġ (ORO.CC.100): ir-rekwiżit tal-EU-OPS (OPS 1.990(b)(2)) ġie ċċarat sabiex jiġi żgurat li r-regoli dwar l-ajrunavigabbilità u l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni relatati li huma relevanti għall-ekwipaġġ tal-kabina huma mifhuma minn kulħadd u meqjusa mill-operaturi. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni relatati

[35] JAA Administrative & Guidance Material - Section Four: Operations, Part Three: Temporary Guidance Leaflet (JAR-OPS) - LEAFLET No 44: JAR-OPS 1 AMT 13 SECTION 2 UPDATED TO INCORPORATE SECTION 2 TEXT PROPOSALS FROM SUSPENDED JAA NPAs. (Materjal Amministrattiv u ta' Gwida tal-JAA - Sezzjoni Erbgħa: Operazzjonijiet, Parti Tlieta: Fuljett ta' Gwida Temporanja (JAR-OPS) - Fuljett Nru 44: IS-SEZZJONI 2 TAL-AMT 13 TAL-JAR-OPS 1 AĠĠORNATA SABIEX TINKORPORA S-SEZZJONI 2 TESTI PROPOSTI MINN NPAs TAL-JAA SOSPIŻI).

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

mal-wiri ta' evakwazzjoni, il-viżjoni diretta tal-kompartiment tal-passiġġiera u s-sits meħtieġa tal-ekwipaġġ tal-kabina jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġi determinat in-numru minimu ta' ekwipaġġ tal-kabina meħtieġ għall-operazzjonijiet. Riċentement, l-esperjenza wriet li hemm fehim li jvarja dwar il-proċessi ta' ċertifikazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni ta' konfigurazzjonijiet ta' sits tal-passiġġiera partikolari ta' inġenju tal-ajru individwali, u/jew tal-impatt tagħhom fuq id-determinazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina minimu meħtieġ għall-operazzjonijiet. Pereżempju, rapport ta' investigazzjoni ta' inċident wera li l-ekwipaġġ tal-kabina minimu meħtieġ speċifikat fil-manwal tal-operazzjonijiet tal-operatur ikkonċernat kien inqas min-numru identifikat mill-wiri/analiżi applikabbli għal dak l-inġenju tal-ajru individwali.

- Il-verifika tat-taħriġ tal-membri anzjani tal-ekwipaġġ tal-kabina (ORO.CC.115(d) u ORO.CC.260(a)(2)): in-nuqqas ta' verifika fl-EU-OPS biss għal dan it-taħriġ partikolari ġie meqjus b'mod wiesa' bħala inkonsistenti. Dan issa ġie kkoreġut kif irrakkomandat mill-kummenti li daħlu matul il-proċess ta' konsultazzjoni.
- It-taħriġ speċifiku għal tip ta' inġenju tal-ajru u t-taħriġ ta' konverżjoni ta' operatur (ORO.CC.125): fl-EU-OPS, dawn l-elementi kollha ta' taħriġ kienu parti minn programm ta' taħriġ ta' konverżjoni wieħed biss. Inħarġu differenzi b'mod ċar fl-elementi ta' taħriġ komuni għall-inġenji tal-ajru kollha tal-istess tip minn dawk l-elementi ta' taħriġ li huma speċifiċi għall-operatur, u għaldaqstant, għall-finijiet ta' konsistenza mal-ħidma preżenti dwar il-proċess għad-dejta dwar l-adegwatezza operazzjonali (OSD). Dan jista' anki jiffaċilita l-ikkreditar tat-taħriġ fil-ġejjieni.
- It-taħriġ tad-differenzi (ORO.CC.130): kif mitlub mill-kummenti għal kjarifika, issa, dan it-taħriġ huwa kopert minn rekwiżit separat mir-rekwiżit għal taħriġ speċifiku għat-tip ta' inġenju tal-ajru u t-taħriġ ta' konverżjoni ta' operatur. Dan jiffaċilita wkoll ir-rabta mal-elementi xierqa tal-OSD imsemmija aktar 'il fuq.
- Il-perjodi ta' validità tat-taħriġ u l-verifika (ORO.CC.140(e) u 145(c)): inxteħet dawl fuq in-nuqqas ta' ċarezza fl-EU-OPS rigward dawn l-aspetti permezz tal-fehimiet differenti espressi mill-partijiet interessati fil-kummenti li daħlu għas-CRD u dan ġie indirizzat kif inhu xieraq filwaqt li ttieħdu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet speċifikati fit-TGL 44 (Sezzjoni 2 tal-JAR-OPS 1).
- L-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina (CCA) (ORO.CC.210): il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina involuti f'CAT huma meħtieġa li jkollhom CCA skont ir-Regolament Bażiku. L-IRs li jissupplimentaw huma ta' Anness speċifiku (Parti-CC) għar-Regolament tal-Kummissjoni dwar l-ekwipaġġ tal-ajru. Is-CCAs iridu jinżammu, u jistgħu anki jiġu limitati, sospiżi jew revokati f'każ ta' nuqqas ta' konformità mid-detenturi tagħhom. Dan huwa l-oppost tal-attestazzjonijiet tat-taħriġ ta' sikurezza meħtieġ mill-EU-OPS, li ma kellu l-ebda kunidzzjonijiet ta' validità u dwar l-użu għad-detenturi tagħhom. Meta mqabbla mal-NPA inizjali propost, ir-rekwiżit għal taħriġ għal tip ta' inġenju tal-ajru ma għadux kundizzjoni għall-ħruġ tas-CCA, kif intalab ħafna drabi.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Madanakollu, kwalifiki validi tat-tip ta' inġenju tal-ajru jibqgħu kundizzjoni għall-użu ta' CCA mid-detenturi.

- Lista ta' kwalifiki tat-tip ta' inġenju tal-ajru għal detenturi tas-CCA (ORO.CC.215(b)(2)): is-CCAs huma meħtieġa mir-Regolament Bażiku sabiex jibqgħu validi. Rigward kull persunal tal-avjazzjoni ċivili ieħor li jrid jikkonforma mar-regoli, il-wiri ta' konformità fi kwalunkwe ħin mid-detenturi huwa meħtieġ fl-interess tas-sikurezza u sabiex jiġu appoġġjati l-implimentazzjoni, is-sorveljanza u l-istandardizzazzjoni armonizzati. Dan isir dejjem aktar relevanti fil-kuntest tal-avjazzjoni attwali fejn ħafna mill-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina jaħdmu għal operaturi differenti fil-ħajja professjonali tagħhom u b'numru dejjem akbar ta' membri tal-ekwipaġġ indipendenti jew fuq bażi staġjonali, u dawk li jaħdmu għal aktar minn operatur wieħed f'perjodu partikolari. Barra minn hekk, peress li s-CCA għandu jinħareġ wara l-kors ta' taħriġ inizjali, il-konformità kontinwa mar-regoli dwar is-sikurezza applikabbli kollha mid-detenturi tista' tintwera biss jekk l-attestazzjoni tkun supplimentata minn lista ta' kwalifiki tat-tip ta' inġenju tal-ajru, li l-operaturi għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' kull detentur ta' attestazzjoni li jimpjegaw. Din l-għażla hija meqjusa bħala aktar prattika milli jkunu meħtieġa l-ħruġ u/jew il-validazzjoni mill-ġdid tas-CCA.
- L-operazzjoni ta' aktar minn tip jew varjant wieħed ta' inġenju tal-ajru (ORO.CC.250): il-limitazzjoni għal 3 tipi, jew għal 4 tipi bl-approvazzjoni tal-awtorità, hija l-istess bħal fl-EU-OPS. Id-differenzi li għandhom jiġu osservati huma relatati mad-determinazzjoni tat-tipi u tal-varjanti, li ġiet abbozzata sabiex tkun konsistenti mal-ħidma kontinwa fuq il-proċess għall-OSD kif inhu relevanti għall-ekwipaġġ tal-kabina.

218. Il-konsistenza mal-Parti-CC, kif ukoll ma' ORO.FC u ORO.TC, ġiet żgurata wkoll fejn dawn kienu relevanti.

219. Il-proċess ta' konsultazzjoni wera biċ-ċar kunsens wiesa' fost l-Istat Membri u l-partijiet interessati dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati kriterji jew standards komuni fil-livell tal-UE għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ għall-ekwipaġġ tal-kabina, għall-kwalifiki ta' għalliema u eżaminaturi u għall-istrumenti ta' taħriġ. Għaldaqstant, soġġetta għall-fehim komuni u l-fehim dwar il-bażi legali mil-leġiżlatur, l-Aġenzija tipproponi li jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet permezz ta' kompiti ta' tfassil ta' regoli fil-ġejjieni.

ORO.TC - Membri tal-ekwipaġġ tekniku f'operazzjonijiet ta' HEMS, HHO jew NVIS

220. L-IRs proposti f'ORO.TC fihom ir-rekwiżiti komuni ta' taħriġ u verifika għall-operazzjoni ta' inġenju tal-ajru mill-membri tal-ekwipaġġ tekniku f'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru, servizz mediku ta' emerġenza bil-ħelikopters (HEMS), operazzjonijiet bil-parank tal-ħelikopter (HHOs) u sistema ta' reġistrazzjoni ta' immaġnijiet b'viżjoni fid-dlam (NVIS). Ir-rekwiżiti speċifiċi l-oħrajn rigward it-taħriġ tal-membri tal-ekwipaġġ tekniku adattat għall-operazzjoni kkonċernata huma inklużi fl-SPA.HEMS, l-SPA.HHO u l-SPA.NVIS.

221. Il-membri tal-ekwipaġġ tekniku jew l-ispeċjalisti tal-inkarigu f'operazzjonijiet speċjalizzati (ħidma fl-ajru) mhumiex attwalment indirizzati f'din is-Subparti. Ir-

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

rekwiżiti ta' taħriġ tagħhom relatati mal-attività speċifika ta' ħidma fl-ajru se jiġu inklużi fil-Parti-SPO u l-AMC u l-GM relatati magħha. Aktar tard, l-Aġenzija tista' tiddeċiedi li tirrevedi r-rekwiżiti ta' ORO.TC sabiex jiġu inklużi l-membri tal-ekwipaġġ tekniku impenjati f'ċerti attivitajiet ta' ħidma fl-ajru.

222. Ir-regoli proposti huma bbażati fuq is-Subparti O tal-JAR-OPS 3. Minbarra l-bidliet ġenerali deskritti fis-CRD 2009-02b, para 89ff, huma enfasizzati l-bidliet li ġejjin:

- Il-kamp ta' applikazzjoni u l-applikabilità tad-dispożizzjonijiet hija definita aħjar u hija proposta definizzjoni għall-membri tal-ekwipaġġ tekniku f'operazzjonijiet ta' CAT HEMS, HHO u NVIS.
- Meta wieħed jikkunsidra li r-Rekwiżiti Essenzjali għall-operazzjonijiet bl-ajru ma jsemmux is-saħħa fiżika tal-membri tal-ekwipaġġ tekniku, id-dispożizzjonijiet adattati tal-JAR-OPS 3 dwar l-eżami jew il-valutazzjoni mediċi inizjali jinżammu fil-GM biss.
- Fil-prinċipju, id-dispożizzjonijiet dwar it-tipi ta' ħelikopters u l-limitazzjoni fuq in-numru massimu ta' tipi ġew trasposti mill-JAR-OPS 3. Madanakollu, saru xi emendi peress li ġeneralment, l-ebda tipi ma huma stabbiliti għall-membri tal-ekwipaġġ tekniku. Xi operaturi jużaw it-tipi stabbiliti għall-ekwipaġġ tat-titjira. Meta wieħed iqis il-kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjonijiet ta' HEMS, HHO u NVIS, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni d-differenzi fit-tagħmir u l-proċeduri użati. Għaldaqstant, il-limitazzjoni li tinstab f'JAR-OPS 3 hija traposta fl-AMC billi l-operatur jkun meħtieġ jispeċifika n-numru massimu ta' tipi fil-manwal tal-operazzjonijiet tiegħu, filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-ambjent speċifiku li fih se joperaw il-membri tal-ekwipaġġ tekniku.

223. Il-konsistenza ma' ORO.FC u ORO.CC hija żgurata.

IV. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi

Differenzi mill-EU-OPS/JAR-OPS 3

224. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-differenzi bejn il-Parti-ORO u l-EU-OPS / JAR-OPS 3 flimkien ma' ġustifikazzjoni ta' kull differenza.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	Referenza għall-EASA-EU	Deskrizzjoni tad-differenza	Ġustifikazzjoni
EU-OPS 1.1.75(c)(1) u JAR-OPS 3.175(c)(1)	ORO.GEN.105 u ORO.GEN.115	Tneħħiet l-idea li applikant għal AOC ma jridx ikollu AOC maħruġ minn Awtorità oħra sakemm dan ma jkunx speċifikament approvat mill-Awtoritajiet ikkonċernati	Din id-dispożizzjoni ma għadhiex applikabbli għax AOC maħruġ b'konformità mal-Parti-ORO se jkun validu fl-Istati Membri kollha.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
1./3.035 Sistema ta' kwalità	ORO.GEN.200	L-ebda referenza għal sistema ta' kwalità, iżda għal sistema ta' ġestjoni, li tkopri l-ġestjoni tas-sikurezza u l-monitoraġġ tal-konformità	konformità mas-SARPS tal-ICAO dwar l-SMS tal-ICAOS dwar l-SMStas-sikurezza u l-monitoraġġ tal-konformitbri tal-ekwipaġġ teknikuji jew standards komuni fil-livell tal-UE
1./3.037 Prevenzjoni ta' inċidenti u l-elementi ta' programm ta' sikurezza tat-titjiriet	ORO.GEN.200	Prevenzjoni ta' inċidenti u programm ta' sikurezza tat-titjiriet li posthom ittieħed mill-SMS tal-ICAO kif implimentati mill-ORO.GEN.200	konformità mas-SARPS tal-ICAO dwar l-SMS
EU-OPS 1.165 (c)(1)(ii) Kiri	ORO.AOC.110(a)	L-ebda rekwiżit sabiex jiġu imposti kundizzjonijiet fil-ftehim ta' kiri li huma parti minn din l-approvazzjoni. Tħassar l-avviż li kwalunkwe differenzi mir-rekwiżiti preskritti mis-Subpartijiet K, L u/jew OPS 1.005(b), huma notifikati lill-Awtorità u aċċettati minnha	Mhux meqjus neċessarju li jiġu imposti kundizzjonijiet għall-kiri mingħajr ekwipaġġ ta' inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz jew kiri mingħajr l-ekwipaġġ minn operatur ieħor tal-komunità, għax dan huwa meqjus bħala varjazzjoni għall-AOC u l-inġenju tal-ajru fuq AOC irid jikkonforma mal-Parti-CAT u jrid ikollu ċertifikat tal-ajrunavigabbilità maħruġ b'konformità mal-Parti 21.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
EU-OPS 1.165 (c)(3)(A) Kiri	ORO.AOC.110(d)	Tħassar ir-rekwiżit li l-Awtorità teżenta lill-operatur mid-dispożizzjoni relevanti tal-Parti 1 tal-OPS	Fil-każ ta' kiri mingħajr l-ekwipaġġ, l-inġenju tal-ajru jitneħħa mill-AOC tas-sid u l-inġenju tal-ajru se jiġi operat taħt il-kontroll operattiv tal-kerrej. Ir-regoli tal-UE fil-ġejjieni dwar l-operazzjonijiet bl-ajru japplikaw biss għal operaturi mill-UE. Għalhekk, mhemmx il-bżonn li jiġi eżentat operatur tal-UE mir-rekwiżiti relevanti tal-OPS jekk l-inġenju tal-ajru jintuża minn operatur mhux mill-UE.
1./3175 (i)(2)	ORO.AOC.135(a)	Tħassret ir-referenza għas-"sistema ta' manutenzjoni"	Koperta mir-Regolament (KE) Nru 2042/2003
EU-OPS 1.185(e) u JAR-OPS 3.185(d)	N/A	Mhemm l-ebda rekwiżit li l-applikazzjoni għat-tiġdid ta' AOC trid tiġ isottomessa tal-inqas 30 jum, jew kif ikun miftiehem mod ieħor, qabel tmiem il-perjodu eżistenti ta' validità.	L-AOC se jinħareġ għal perjodu indefinit
JAR-OPS 3.175(c)(3)	N/A	L-ebda obbligu għal applikant għal AOC sabiex jirreġistra l-ħelikopters li għandhom jiġu operati taħt il-AOC fl-Istat responsabbli mill-ħruġ tal-AOC	Kopert mir-Regolament (KE) Nru 1008/2008
1./3.155 (a)(1)	ORO.MLR.115(e)	żdiedet "anki jekk l-operatur ma jibqax l-impjegatur ta' dak il-membru tal-ekwipaġġ, dejjem jekk dan isir fi ħdan il-perjodu ta' żmien preskritt fil-paragrafu (c)".	Kjarifika, bħala tweġiba għall-kummenti li daħlu.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
1./3.155 (a)(2)	ORO.MLR.115(f)	Kamp ta' applikazzjoni estiż għar-rekords kollha, mhux biss għax-xogħol ta' titjir, il-perjodi ta' xogħol u ta' mistrieħ. żdiedet "dejjem jekk dan isir fil-perjodu ta' żmien preskritt".	Għall-kompletezza u l-kjarifika, bħala tweġiba għall-kummenti li daħlu.
1./3.1040(c)	N/A	It-test tal-EU-OPS/JAR-OPS 3 li ġej ma ġiex trasferit: "Sakemm ma jiġix approvat mod ieħor mill-Awtorità, jew preskritt mil-liġi nazzjonali, operatur irid iħejji l-Manwal tal-Operazzjonijiet bl-Ingliż. Barra minn hekk, operatur jista' jittraduċi u juża dak il-manwal, jew partijiet minnu, f'lingwa oħra".	Minkejja li l-EU-OPS/JAR-OPS 3 jistipulaw li l-manwal tal-operazzjonijiet għandu jitħejja bl-Ingliż, jippermettu wkoll it-traduzzjoni tal-manwal f'lingwa oħra. Madanakollu, peress li l-UE tqis il-lingwi uffiċjali kollha bħala ugwali, il-paragrafu assoċjat mill-EU-OPS/JAR-OPS 3 ma ġiex traspost. Barra minn hekk, hemm dubju dwar jekk manwal tal-operazzjonijiet bl-Ingliż użat minn ekwipaġġ li mhuwiex ġej minn pajjiż fejn l-Ingliż huwa mitkellem ħafna jkunx ta' riskju għas-sikurezza. Dan huwa indirizzat mill-istandard ikkupjat mill-EU-OPS/JAR-OPS 3 li jeħtieġ li l-persunal kollu jkun kapaċi jifhem il-lingwa li fiha huma miktuba dawk il-partijiet tal-operazzjoni li jagħmlu parti mid-doveri u r-responsabbilatjiet tagħhom.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
1./3.1040(i)	ORO.MLR.100(g)	Saret bidla sabiex jiġu applikati biss dawk l-emendi li jridu jiġu notifikati, eżempju sabiex jiġu eskluži bidliet editorjali.	Għal kjarifika u sabiex ikun hemm konformità mal-approċċ il-ġdid għal approvazzjonijiet minn qabel.
1./3.1055	ORO.MLR.110	Saru bidliet sabiex ikun jista' jinżamm log tal-vjaġġ f'forma li mhijiex fuq karta stampata. Il-kontenuti tal-log tal-vjaġġ e jiġu ppreżentati bħala Mezz Aċċettabbli ta' Konformità.	Sabiex tiġi pprovduta flessibilità u bħala sostenn għall-avvanzi teknoloġiċi. Il-karta stampata mhux speċifikata fis-SARPS tal-ICAO.
Appendiċi 1 għall-OPS 1./3.1065	ORO.MLR.115(b) u (c)	It-tabelli għall-perjodi ta' ħżin ta' dokumenti ġew fużi. Tħassar il-lok tekniku tal-ajruplan. Żdiedet l-attestazzjoni tas-CC. Rekords dwar id-dożaġġ tar-radjazzjoni kożmika u solari mhumiex trasposti.	Tabelli fużi, għaċ-ċarezza u simplifikazzjoni. Tħassar il-lok tekniku tal-ajruplan, hekk kif dan huwa kopert mir-regoli dwar l-ajrunavigabbilità. Żdiedet l-attestazzjoni tas-CC, sabiex jiġu riflessi r-regoli l-ġodda tas-CC. Rekords dwar id-dożaġġ tar-radjazzjoni kożmika u solari mhumiex trasposti, għax dan is-suġġett ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni.
Appendiċi 1 għall-EU-OPS 1.005(a) punt (31) Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.005(f) punt (18)	N/A	It-test mhuwiex traspost	Mhuwa mogħti l-ebda kriterju għall-kors ta' kmandant imqassar. L-Art. 14 tar-Regolament Bażiku jrid jintuża.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
1/3.105 (d)	ORO.FC.145(d)+(e)	Kjarifika tal-approvazzjoni tal-utenti tal-FSTD Subparagrafu sabiex tiġi żgurata konformità kontinwata u l-ġestjoni xierqa tal-bidliet f'FSTD li jistgħu jaffettwaw il-programmi ta' taħriġ tal-operaturi	Problemi ta' implimentazzjoni tal-EU-OPS/JAR-OPS 3 Kundizzjonijiet ekwi Allinjament ma' ORA.FSTD u ORA.ATO
N/A	ORO.FC.145(b)	Żdied paragrafu li jispeċifika li l-korsijiet ta' taħriġ iridu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-elementi mandatorji tal-OSD	Sabiex tititeħed f'kunsiderazzjoni tal-OSD
1/3.943(a)	N/A	It-test mhuwiex traspost	Dispożizzjoni antika ta' tranżizzjoni
EU-OPS 1.955(a)(2)	ORO.FC.105(b)(3)	It-test huwa allinjat mal-JAR-OPS 3.955(a)	Il-mod kif inhi miktuba l-EU-OPS jindika li bdot li jingħaqad mal-operatur meta kien diġà kwalifikat bħala kmandant mal-operatur preċedenti jrid ilesti kors ta' kmandant ieħor mal-operatur il-ġdid qabel ma jinħatar bħala kmandant mill-operatur il-ġdid. Il-JAR-OPS 3 hija aktar loġika f'dan ir-rigward.
EU-OPS 1.978(b)+(e)	N/A	Ir-referenza għar-rekwiżiti dwar l-esperjenzi reċenti mhijiex trasposta	L-ATQP ma jistax jestendi għar-rekwiżiti tal-FCL. L-estensjoni għall-modernizzazzjoni diġà tinsab fl-FCL.060.
EU-OPS 1.978(f)	N/A	Ir-rekwiżit dwar ir-responsabblità ta' detentur ta' inkarigu nominat mhuwiex traspost	Sar obsolet bir-rekwiżiti ġenerali u b'dawk tal-organizzazzjoni speċifiċi tal-AOC

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
Appendiċi 1 għall-EU-OPS 1.978(c)(1)	N/A	Is-sentenza tal-punt (c)(1) li tippermetti t-tfassil ta' metodu ekwivalenti li mhuwiex każ ta' sikurezza formali mhijiex trasposta	Ma setax jiġi stabbilit x'inhi din l-alternattiva. Ġiet inkluża sentenza simili fl-ACJ għall-Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 1.978(c)(1)(i), punt 4. L-Appendiċi tal-EU-OPS issa huwa l-AMC u l-kliem tal-AJC relatat jidher li jindika li jkun xieraq li jintuża l-proċess ta' mezzi alternattivi ta' konformità sabiex alternattiva bħal din issir disponibbli għal kuħadd
Appendiċi 2 għall-OPS 1.940(a)(2)	ORO.FC.202(a)(7)	Inkluża s-CRM ta' bdot wieħed	Is-CRM ta' bdot wieħed għandha diversi fatturi differenti li ma japplikawx għal operazzjonijiet b'ekwipaġġ multipli
Appendiċi 2 għall-OPS 1.940(a)(5)	ORO.FC.202(c)	Numru minimu ta' sigħat għal titjiriet bi bdot wieħed filgħaxija	L-OPS 65 tal-NPA u l-Emenda 29 għall-Anness 6 I tal-ICAO deċiża mill-JAAC, l-EASA u l-ASC bħala wieħed mill-NPA tal-JAA li għandu jiddaħħal fl-IRs inizjali
N/A	ORO.FC.100(e)(2)	Żdiedet speċifikazzjoni rigward l-FTL għall-membri tal-ekwipaġġ indipendenti	Permezz ta' mandat tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru sabiex jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tal-FTL meta l-bdoti jaħdmu għal aktar minn operatur wieħed

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
JAR-OPS 3.988	ORO.TC u d-Definizzjonijiet tal-Anness I	Introdotta definizzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ tekniku u definizzjoni aħjar tal-kamp ta' applikazzjoni ta' ORO.TC	Is-Subparti O tal-JAR-OPS 3 hija applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ li mhuwiex ekwipaġġ tat-titjira. Dawn il-membri tal-ekwipaġġ l-oħrajn ġew identifikati bħala membri tal-ekwipaġġ f'operazzjonijiet ta' CAT HEMS, HHO u NVIS. Għall-ekwipaġġ tal-kabina, il-JAR-OPS 3 diġà teħtieġ konformità mas-Subparti O tal-JAR-OPS 1/EU-OPS
JAR.OPS 3.995(a)(2)	GM għal ORO.TC	Il-JAR-OPS 3 teħtieġ eżami jew valutazzjoni mediċi inizjali. Ir-Regolament Bażiku jistabbilixxi l-bażi legali għar-rekwiżiti mediċi tal-membri tal-ekwipaġġ f'ER 7.b. Ma hemm l-ebda rekwiżit komparabbli għall-ekwipaġġ tekniku. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti ġew trasposti b'konformità mat-ToR tal-OPS.001, bħala GM biss.	Differenza fil-bażi legali
JAR-OPS 3.1030(a)	N/A	It-test fuq in-numru massimu ta' tipi mhuwiex traspost	Mhemmx tipi stabbiliti għall-membri tal-ekwipaġġ tekniku
N/A	ORO.TC.105 (b)(2)	Żdiedet speċifikazzjoni rigward l-FTL għall-membri tal-ekwipaġġ indipendenti	B'konformità mal-bidliet li saru għall-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina
EU-OPS Is-Subparti O OPS 1.988	Il-Parti-CC tar-Regolament ta' Kopertura u l-Anness I għar-Regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru	Definizzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina	Għaċ-ċarezza u l-ċertezza legali, wara li ġew ikkunsidrati l-bidliet li seħħu minn meta ġiet abbozzata d-definizzjoni għall-pubblikazzjoni tal-JAR-OPS 1 fl-1993

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
OPS 1.990(b)(2)	ORO.CC.100 (b)(1)	Test dwar kif jiġi determinat l-ekwipaġġ tal-kabina minimu	Nuqqas ta' ċarezza fir-rekwiżit tal-EU-OPS li jwassal għal differenzi fil-fehimiet u l-implimentazzjoni li jistgħu jħallu impatt fuq is-sikurezza (b'mod partikolari fil-ħruġ ta' emerġenza fil-livell tal-art f'każ ta' emerġenza u evakwazzjoni) Sabiex jiġi żgurat li d-determinazzjoni tan-numru minimu ta' ekwipaġġ tal-kabina jieħu f'kunsiderazzjoni serja dawk l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li huma relevanti għall-operazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina li huma applikabbli għall-konfigurazzjonijiet uniċi tal-banini tal-inġenji tal-ajru tal-operaturi (re. TC, STC jew bidla fit-TC) Kundizzjonijiet ekwi
OPS 1.990(c)	N/A	Membri addizzjonali tal-ekwipaġġ tal-kabina meħtieġa mill-Awtorità f'ċirkostanzi eċċezzjonali	Mhux trasposta fil-Parti-ORO, għax koperta mill-Artikolu 14(1) tar-Regolament 216/2008
OPS 1.995(b)	ORO.CC.110 (a)(2)	Rekwiżiti jew kundizzjonijiet minimi għall-assenjazzoni u l-operazzjoni bħala ekwipaġġ tal-kabina f'CAT fir-rigward tas-saħħa fiżika	Differenza fil-bażi legali Ir-rekwiżiti dettaljati fil-Parti-MED jispeċifikaw intervalli għall-valutazzjonijiet mediċi u r-rekwiżiti mediċi sabiex tiġi valutata s-saħħa fiżika

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
OPS 1.995(c)	ORO.CC.210(a)	Rekwiżiti jew kundizzjonijiet minimi għall-assenjazzoni u l-operazzjoni bħala ekwipaġġ tal-kabina f'CAT fir-rigward ta' attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina	Differenza fil-bażi legali Ir-rekwiżiti dettaljati fil-Parti-CC u l-Parti-ORO jispeċifikaw li l-attestazzjonijiet iridu jibqgħu validi
OPS 1.1000(c)	ORO.CC.260 (a)(2)	Rekwiżit ġdid għall-iċċekkjar tat-taħriġ tal-ekwipaġġ anzjan tal-kabina	Differenza li tirriżulta mill-konsultazzjoni Żieda tal-ivverifikar bħala rekwiżit ikkunsidrat sabiex jiġi żgurat li t-taħriġ tal-ekwipaġġ anzjan tal-kabina, bħal kull taħriġ ieħor, tlesta b'suċċess u nkiseb il-livell meħtieġ ta' kompetenza
OPS 1.1005(a) u (b)	Parti-CC (CC.CCA.100) Parti-ARA Subparti CC	Kamp ta' applikazzjoni ġdid u l-kundizzjonijiet għall-attestazzjoni	Differenza fil-bażi legali Id-deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' operaturi u/jew organizzazzjonijiet ta' taħriġ tibqa' f'idejn l-Istat Membru bħal fl-EU-OPS. Għall-kuntrarju tal-attestazzjoni tal-EU-OPS tat-taħriġ ta' sikurezza, l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina jrid jibqa' validu sabiex jikkonferma, flimkien mal-lista ta' kwalifiki tat-tip ta' inġenju tal-ajru, li d-detentur huwa kkwalifikat sabiex jopera

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
OPS 1.1005(b), (d) u (e)	ORO.AOC.120	L-approvazzjonijiet ta' operatur sabiex iwettaq taħriġ tal-ekwipaġġ tal-kabina u/jew joħroġ attestazzjonijiet huma speċifikati fl-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-AOC.	Differenza fil-bażi legali Sabiex tiġi żgurata ftit armonizzazzjoni tal-proċessi, ġew miżjuda dispożizzjonijiet bażiċi komuni f'ORO.AOC għall-operaturi (u fis-Subarti CC tal-Parti-ARA, għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ)
OPS 1.1010	ORO.CC.125 ORO.CC.130	Taħriġ ta' konverżjoni u differenzi huma mqiegħda f'regoli separati	Differenzi li jirriżultaw mill-konsultazzjoni Regola u kliem ġodda għat-taħriġ ta' differenzi li huma differenzjati b'mod ċar mit-taħriġ tat-tip ta' inġenju tal-ajru u t-taħriġ ta' konverżjoni ta' operatur
N/A	ORO.CC.125(b) ORO.CC.130(c) ORO.CC.250(b)	Referenzi għall-OSD	Sabiex tittieħed f'kunsiderazzjoni l-OSD, żdied paragrafu ġdid li jispeċifika li l-korsijiet ta' taħriġ iridu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-elementi mandatorji tal-OSD Il-kliem fl-ORO.CC.205(b) dwar id-determinazzjoni tal-varjanti bħala tipi ġodda jinkludi ftit bidliet sabiex tiġi żgurata konsistenza mad-dispożizzjonijiet li se jirriżultaw mill-OSD

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
N/A	ORO.CC.110 (b)(2)	Żdiedet speċifikazzjoni rigward l-FTL għall-membri tal-ekwipaġġ indipendenti	Permezz ta' mandat tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru sabiex jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tal-FTL meta l-ekwipaġġ tal-kabina jkun qed jaħdem għal aktar minn operatur wieħed
OPS 1.1015(c)	ORO.CC.140 (e)(3)	Żieda tal-perjodu ta' validità għal elementi ta' taħriġ triennali ta' taħriġ rikorrenti	Differenza li tirriżulta mill-konsultazzjoni Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ċarezza tal-EU-OPS fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-elementi ta' taħriġ meħtieġa li jkunu koperti f'intervalli li ma jaqbżux it-3 snin
OPS 1.1020	ORO.CC.145(c)	Żieda ta' perjodu ta' validità	Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ċarezza tal-EU-OPS dwar dan l-element Peress li l-AMC/GM ma jistax jikkontradixxi regola, żieda tad-dispożizzjonijiet inizjalment fis-Sezzjoni 2 tal-JAR-OPS 1 (IEM OPS 1.1020(a)) dwar il-perjodu ta' validità applikabbli u dwar il-flessibilità sabiex f'ċerti kundizzjonijiet, l-operaturi jissostitwixxu t-taħriġ ta' tiġdid b'taħriġ rikorrenti

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
Appendiċi 1 għall-OPS 1.1005(h)(1)(i)	N/A	It-test dwar il-kors introduttorju tas-CRM għal ekwipaġġ tal-kabina li diġà jopera sad-data tat-taħriġ rikorrenti li jmiss ma ġiex traspost	Dispożizzjoni antika ta' tranżizzjoni li ma għadhiex relevanti
Appendiċi 1 għall-OPS 1.1010(j)	N/A	It-test dwar it-taħriġ inizjali dwar l-evitar ta' mard infettiv ma ġiex traspost	Dispożizzjoni antika ta' tranżizzjoni li ma għadhiex relevanti
Appendiċi 1 għall-OPS 1.1015 + Appendiċi 1 għall-OPS 1.1020	ORO.CC.140 (c)(2)(ii) ORO.CC.145 (b)(3)	It-taħriġ dwar il-bieb ta' sikurezza tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira inkluż bħala element triennali tat-taħriġ rikorrenti u fit-taħriġ ta' tiġdid	Differenza li tirriżulta mill-konsultazzjoni, blli tittieħed f'kunsiderazzjoni l-importanza tal-ekwipaġġ tal-kabina f'każ ta' avveniment li jikkonċerna s-sikurezza
JAR-OPS 3 Subparti O Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.988(c)	Parti-ORO Subparti CC	Eżenzjonijiet parzjali mill-elementi ta' taħriġ mhux koperti mill-JAR-OPS 3 mill-ekwipaġġ tal-kabina tal-ħelikopter mhumiex speċifikament elenkati	Parti-ORO tirreferi għal 'inġenju tal-ajru', u għaldaqstant, ir-regoli kollha huma applikabbli għal operazzjonijiet minn ajruplani u ħelikopters u l-lista ta' eżenzjonijiet parzjali ma għadhiex meħtieġa peress li r-regoli proposti jagħmula ċara li t-taħriġ għandu jkun kopert biss 'fejn jaqbel', għat-tagħmir 'meta jinġarr abbord', u/jew 'kif inhu relevanti għall-inġenju tal-ajru li jrid jiġi operat'

Differenzi għall-Anness 6 għall-Parti ORO tal-ICAO

225. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istandards tal-Anness 6 tal-ICAO fis-Sezzjoni I u fis-Sezzjoni 2 tal-Parti u l-Parti III fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

ta' din l-Opinjoni[36] li huma meqjusa jew li mhumiex trasposti jew inkella li huma trasposti b'mod li mhuwiex allinjat mal-istandards tal-Anness 6 tal-ICAO. Uħud mill-elementi msemmija ma jaqgħux fil-mandat tar-Regolament Bażiku u jista' jkun meħtieġ li jiġu indirizzati mill-Istati Membri.

Referenza għall-Parti I/III tal-Anness 6	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**
Parti I, 9.4.5.3	ORO.FC.202	Verifika inizjali fir-rwol ta' bdot wieħed u f'ambjent li jirrappreżenta l-operazzjoni mhux partikolariment imsemmija
Parti I 9.4.4.1 Parti III, Sezzjoni II 7.4.3.1	ORO.FC.130/230/330	Hija meħtieġa verifika waħda biss tal-għarfien tal-operatur qabel ma ssir titjira VFR matul il-ġurnata b'ajruplani ta' klassi ta' prestazzjoni B matul l-istaġuni ta' mhux aktar minn 8 xhur Il-verifiki tal-għarfien jistgħu jitwettqu f'tip wieħed biss għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira impenjati f'operazzjonijiet bil-ħelikopter matul il-ġurnata u f'rotot navigati b'referenza għall-postijiet familjari viżwali b'ħelikopter li mhuwiex kumpless u jaħdem bil-mutur, dejjem jekk jintuża l-inqas tip riċenti Il-verifika annwali tal-għarfien għall-operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru ta' passiġġiera mwettqa skont ir-regoli tat-titjir viżiv (VFR) matul il-ġurnata, li jibdew u jintemmu fl-istess ajrudrom jew sit operattiv u b'dewmien massimu ta' 30 minuta, jew ġewwa żona lokali speċifikata mill-awtorità kompetenti, b'ajruplani b'magna waħda li jaħdmu bl-iskrejjen li għandhom massa ta' tluq massima ċertifikata ta' 5 700 kg jew inqas u li jġorru massimu ta' sitt persuni inkluż il-bdot jew il-ħelikopters b'magna waħda u li jġorru massimu ta' sitt persuni inkluż il-bdot.

[36] B'mod partikolari, hawnhekk mhumiex ikkunsidrati l-istandards tal-ICAO dwar il-manutenzjoni u l-kontroll tal-manutenzjoni tal-operatur.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-Parti I/III tal-Anness 6	Referenza għall-EASA-EU	Deskrizzjoni tad-differenza
Part I, 9.1.2	N/A	Il-liċenzjar ta' operatur tar-radju ma jaqax taħt il-mandat tar-Regolament Bażiku u jibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri.
Part I, 9.1.3	ORO.FC.110	Il-liċenzjar ta' inġiniera tat-titjiriet ma jaqax taħt il-mandat tar-Regolament Bażiku u jibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri.
Part I, 9.1.4	N/A	In-navigatur tat-titjiriet mhuwiex meħtieġ. Il-liċenzjar tan-navigatur tat-titjiriet ma jaqax taħt il-mandat tar-Regolament Bażiku u jibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri.
Parti I, 9.4.3.5 u 9.4.3.6	ORO.FC.105(c)	Minflok 12-il xahar, perjodu ta' 36 xahar għal ajrudromi għal ekwipaġġ tat-titjira li jopera ajruplani tal-klassi ta' prestazzjoni B skont il-VFR matul il-ġurnata.
Part I, 10.3 (b) – (f) Part III, 8.3 (b) – (f)	N/A	L-ebda għarfien, taħriġ, esperjenza jew perjodi ta' validità partikolari speċifikati fir-rigward tal-Uffiċjali/Dispaċers tal-Operazzjonijiet tat-Titjiriet.

V. Lista ta' kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli

226. It-tabella li ġejja tippovdi ħarsa ġenerali lejn il-kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli għall-Parti-ORO. Fir-rigward tas-Subparti GEN, dawn ġejjin l-aktar mill-ħtieġa ta' reviżjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-ARO u tal-ORO dwar il-ġestjoni tas-sikurezza u l-valutazzjoni tar-riskju wara l-pubblikazzjoni tal-Anness 19 il-ġdid tal-ICAO rigward l-Istandards ta' Ġestjoni tas-Sikurezza u l-Prattiki Rakkomandati u b'konformità mal-implimentazzjoni tal-EASP.

Parti, referenzi għar-regoli	Kamp ta' applikazzjoni	Referenza għall-RMP
ORO.GEN.120	Jiġi pprovdut GM dwar kif jintwera l-fatt li l-għan ta' sikurezza tar-regola ta' implimentazzjoni jintlaħaq meta ssir applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' mezzi alternattivi ta' konformità.	MDM.094 a + b

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Parti, referenzi għar-regoli	Kamp ta' applikazzjoni	Referenza għall-RMP
Sezzjoni 2 ta' ORO.GEN	Rekwiżiti ta' reviżjoni minħabba l-aħħar żviluppi fl-ICAO (il-pubblikazzjoni ta' Anness 19 ġdid), b'mod partikolari, l-indirizzar tal-ġestjoni tar-riskji għas-sikurezza li jirriżultaw minn interazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet oħrajn/li jridu jiġu indirizzati aħjar minn organizzazzjonijiet li l-organizzazzjoni tinteraġixxi magħhom.	MDM.094 a+b
ORO.AOC.125	L-indirizzar ta' operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenju tal-ajru, b'soġġezzjoni għal AOC.	OPS.075
ORO.FC	Reviżjoni u aġġornar tad-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ekwipaġġ billi tittieħed f'kunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba matul l-aħħar ftit snin.	OPS.094
ORO.FC	L-iżvilupp ta' programm alternattiv ta' taħriġ u kwalifika għat-trasport kummerċjali bl-ajru operazzjonijiet bil-ħelikopter.	OPS.088 a+b

Anness IV - Parti-CAT(A,H)

I. Kamp ta' applikazzjoni

227. Il-Parti-CAT fiha r-rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru ta' ajruplani, ħelikopters, gliders u blalen tal-arja. Tikkonsisti f'erba' Subpartijiet li huma maqsuma ulterjorment f'Sezzjonijiet li fihom regoli speċifiċi għall-kategoriji ta' inġenji tal-ajru. Uħud mis-Sezzjonijiet huma maqsuma ulterjorment f'Kapitoli.

228. L-istruttura tas-Subpartijiet hija komaprabbli mal-istruttura tar-Rekwiżiti Essenzjali fl-Anness IV tar-Regolament Bażiku, fl-EU-OPS/JAR-OPS3 u fil-Parti I tal-Anness 6 tal-ICAO.

229. L-istruttura tar-regola, u b'mod partikolari s-Sezzjonijiet u l-Kapitoli, ġew imfassla b'tali mod li r-rekwiżiti għal kategoriji addizzjonali ta' inġenji tal-ajru, jew operazzjonijiet speċifiċi, jistgħu jiżdiedu fil-ġejjieni mingħajr il-ħtieġa li jsiru bidliet fit-test tar-regola eżistenti jew fl-istruttura eżistenti. Għandu jiġi osservat li l-kompiti ta' tfassil tar-regoli fil-ġejjieni se jiżviluppaw ir-rekwiżiti għall-airships, l-inġenji tal-ajru bir-rotor rotanti, u għas-sistemi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

230. It-Tabella 9 u t-Tabella 10 jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-Parti-CAT.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

231. Dan il-Memorandum ta' Spjegazzjoni jikkonċerna biss is-Sezzjonijiet għall-operazzjonijiet ta' CAT b'ajruplani u ħelikopters:

- CAT.GEN.MPA;
- CAT.OP.MPA;
- CAT.POL.A, CAT.POL.H, CAT.POL.MAB; u
- CAT.IDE.A, CAT.IDE.H.

Tabella 9: L-istruttura tal-Parti-CAT – Intestaturi



TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Tabella 10: L-istruttura tal-Parti-CAT – Identifikaturi tar-regoli



II. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti

232. B'mod ġenerali, il-kummenti li daħlu wrew appoġġ globali għall-verżjoni tas-CRD tal-Parti-CAT.

233. Il-parti l-kbira tal-partijiet interessati appoġġjat il-livell ta' allinjament tar-regoli proposti fl-EU-OPS u l-JAR-OPS 3, il-bilanċ propost bejn ir-Regoli ta' Implimentazzjoni u l-materjal tal-AMC, kif ukoll l-istruttura tar-regoli proposti.

234. It-test tas-CRD text għall-operazzjonijiet ta' CAT b'ħelikopters qajjem tħassib f'xi oqsma filwaqt li l-operazzjonijiet ta' CAT b'ajruplani, ħafna partijiet mit-test irċivew aċċettazzjoni globali.

III. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi

Differenzi mill-EU-OPS/JAR-OPS 3

235. Ir-regoli tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3 li fihom għan ta' sikurezza nżammu bħala IR. Ir-regoli tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3 li b'mod mhux ambigwu fihom mezzi ta' konformità ma' għan ta' sikurezza ttieħdu fil-livell ta' AMC. F'diversi każijiet, l-

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Appendiċi tal-EU-OPS u JAR-OPS 3 tqiesu bħala mezzi ta' konformità u ġew trasposti bħala AMC. F'dawn il-każijiet, fejn ma kienx possibbli li ssir distinzjoni ċara bejn għan ta' sikurezza u mezz ta' konformità b'għan ta' sikurezza, it-test tar-regola nżamm bħala IR.

236. F'każijiet fejn intweriet il-ħtieġa għal approċċ aktar proporzjonat, l-Aġenzija pproponiet test tar-regola b'għan ta' sikurezza u AMC. Madanakollu, l-Aġenzija ma għamiltx bidliet kbar fis-sustanza tar-regoli, ħlief il-varjazzjoni tal-livell tat-test bejn l-IR u l-AMC.

237. Għandu jiġi osservat li l-kontenut tal-Appendiċi 1 għall-OPS 1.005(a), l-Operazzjonijiet ta' klassi ta' prestazzjoni B, l-Appendiċi 1 għall-OPS 3.005(f), l-Operazzjonijiet għal ħelikopters żgħar (VFR (regoli tat-titjir viżiv) matul il-ġurnata biss), u l-Appendiċi 1 għall-OPS 3.005(g), Operazzjonijiet taż-żona lokali (VFR matul il-ġurnata biss) ġew trasposti fis-Sezzjonijiet relevanti, fejn dan ikun xieraq.

238. Minkejja dan, l-Aġenzija hija tal-fehma li r-regoli jeħtieġu reviżjoni ulterjuri fir-rigward tal-proporzjonalità u l-kriterji ta' eżenzjoni parzjali li ġew applikati fl-EU-OPS/JAR-OPS 3. Għaldaqstant, se jiġi skedat fil-programm tal-RM tagħha kompitu ta' reviżjoni tar-regoli dwar il-CAT fir-rigward tal-inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur u l-użu tagħhom f'oqsma definiti.

239. It-test tar-regola tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3 li jindikaw alternattiva għal IR tħassru għal raġunijiet legali; dawn l-alternattivi jridu jiġu indirizzati billi jintużaw il-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku. Tħassar it-test tar-regoli tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3 ittieħed fil-livell tal-AMC u li jindika alternattiv għal AMC mingħajr ma jintwera li r-rekwiżiti tal-għan ta' sikurezza ntlaħqu kompletament; madanakollu, AMC alternattiv bħal dan jista' jiġi segwit minn operaturi li jużaw il-proċeduri ta' mezzi alternattivi ta' konformità, dejjem jekk jintwera li jista' jintlaħaq l-għan ta' sikurezza.

240. Tħassar it-test traspost fil-materjal tal-AMC li talab approvazzjoni mill-awtorità kompetenti għal mezz alternattiv ta' konformità peress li jkun kopert permezz tal-proċedura ta' mezzi alternattivi ta' konformità.

241. Inżamm it-test tar-regoli tal-EU-OPS / JAR-OPS 3 li huwa kopert ukoll fl-Anness IV tar-Regolament Bażiku u żdiedet referenza għar-Regolamenti Bażiċi.

242. It-test tar-regoli tal-EU-OPS / JAR-OPS 3 ta' natura spjegattiva ġie traspost bħala GM; in-nota jew ġew abbozzati mill-ġdid f'dispożizzjonijiet tal-AMC, fejn huma ttrattati bħala noti f'qiegħ il-paġna, jew tħassru jekk ma kinux jipprovdu biżżejjed valur miżjud.

243. Ir-regoli li fihom dispożizzjonijiet bħala "aċċettabbli għall-awtorità" ġew abbozzati mill-ġdid b'mod konsistenti fis-Subpartijiet kollha "l-operatur għandu jispeċifika l-manwal tal-operazzjonijiet …". L-Aġenzija adottat dan l-approċċ sabiex tiġi speċifikata proċedura definita dwar kif elementi bħal dawn għandhom jiġu notifikati lill-awtorità kompetenti.

244. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-differenzi intenzjonali għall-EU-OPS u JAR-OPS 3. In-natura tad-differenzi u l-ġustifikazzjonijiet tagħhom huma spjegati ulterjorment f'aktar dettall fit-test ta' hawn taħt.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Tabella 6: Differenzi għall-EU-OPS/JAR-OPS3

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	Referenza għall-EASA-EU	Deskrizzjoni tad-differenza	Ġustifikazzjoni
1./3.125(a)(4)	CAT.GEN.MPA.180 (a)(5)	L-AOC għandu jiġi ċertifikat kopja vera, filwaqt li fl-EU-OPS/JAR-OPS3 kien oriġinali jew il-kopja tal-AOC.	Allinjament tal-emenda 30 tal-ICAO
N/A	CAT.GEN.MPA.180 (a)(9)	Il-log tal-vjaġġ għandu jinġarr, filwaqt li dan ma kienx obbligat fl-EU-OPS/JAR-OPS3.	Konformità mal-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.
1.192	CAT.OP.MPA.106	Approvazzjoni minn qabel għall-użu ta' ajrudrom iżolat bħala ajrudrom ta' destinazzjoni b'ajruplani.	L-użu ta' ajrudrom iżolat jesponi l-inġenju tal-ajru u lill-passiġġieri għal riskju akbar milli għal operazzjonijiet fejn ikun disponibbli ajrudrom ta' destinazzjoni alternattiv. Jekk ajrudrom huwiex klassifikat bħala ajrudrom iżolat spiss jiddependi fuq liema inġenji tal-ajru jintużaw għall-operazzjoni tal-ajrudrom. Għaldaqstant, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk il-mezzi possibbli kollha humiex applikati sabiex jiġi mitagat l-akbar riskju.
1./3.255	CAT.OP.MPA.150	Il-politika dwar il-fjuwil u kwalunkwe bidla fiha teħtieġ approvazzjoni minn qabel.	L-Aġenzija għandha l-istess fehma tal-partijiet interessati, li r-rekwiżiti fuq il-politika dwar il-fjuwil huma rekwiżit kritiku għas-sikurezza u għaldaqstant, għandha teħtieġ approvazzjoni minn qabel.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**	**Ġustifikazzjoni**
Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.005 (c)	N.A.	It-tħassir tat-titjira momentanju permezz tal-pakket ta' HV.	Din hija meqjusa bħala kontradizzjoni b'4.a tal-Anness IV għar-Regolament Bażiku.
1./3.620	CAT.POL.MAB.100 (f)	Kriterji addizzjonali għall-approvazzjoni ta' mases standard għall-oġġetti ta' tagħbija għajr persuni u bagalji li ġew inklużi	Sabiex tiġi pprovduta flessibilità akbar lill-operaturi
1./3.625	CAT.POL.MAB.105 (a)	Tneħħiet l-approvazzjoni għall-ommissjoni tad-dejta mid-dokumentazzjoni tal-massa u l-bilanċ	Peress li huwa maħsub li dik id-dejta mhijiex nieqsa iżda pprovduta xi mkien ieħor
1./3.625	CAT.POL.MAB.105 (e)	Id-dispożizzjonijiet ta' dokumentazzjoni tal-massa u l-bilanċ ġew espanduti sabiex jiġi kopert l-użu tat-tipi differenti ta' sistemi abbord ta' massa u bilanċ.	Sabiex jiġu indirizzati sistemi eżistenti li preċedentement mhux koperti
1.635	CAT.IDE.A.110	Ir-rekwiżiti dwar fjusis elettriċi żejda u disponibbli ġew aġġornati	Konformi mal-ICAO u l-NPA-OPS 43 tal-JAA [37]
1.665	CAT.IDE.A.150	Ir-rekwiżiti dwar il-Klassi A u l-Klassi B tat-TAWS ġew introdotti	Konformi mal-NPA-OPS 39B tal-JAA[38]
1.675	CAT.IDE.A/H.165	Tħassret l-ewwel parti tar-rekwiżit oriġinali dwar it-tagħmir għat-titjiriet f'kundizzjonijiet ta' silġ.	Diġà hija koperta fir-Rekwiżit Essenzjali 2.a.5
Dispożizzjonijiet dwar reġistraturi	CAT.IDE.A/H.185/190/195/200	Rekwiżiti tal-FDR aġġornati. Rikordjar tad-datalink obbligat	NPA OPS 39C[39], 48A[40],67 u tal-JAA[41]

37 NPA-OPS 43 (JAR-OPS 1) Circuit Protection Devices (Strumenti ta' Protezzjoni taċ-Ċirkwit).

38 NPA-OPS 39B (JAR-OPS 1) Pitot heater failure, TAWS B, HF (Problemi fil-funzjoni tal-heater tal-pitot).

39 NPA-OPS 39C (JAR-OPS 1) Type IA FDR & Fuel Codes) (FDR tat-Tip 1A u Kodiċi tal-Fjuwil).

40 NPA-OPS 48A (JAR-OPS 1) Data Link Communications Recording for New Built Aeroplanes (Rikordjar ta' Komunikazzjonijiet ta' Data Link għal Ajruplani Mibnija Reċentement).

41 NPA-OPS 67 (JAR-OPS 3) Type IVA FDRs (FDRs tat-Tip IVA)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	Referenza għall-EASA-EU	Deskrizzjoni tad-differenza	Ġustifikazzjoni
1./3.790	CAT.IDE.A/H.250	Tneħħiet id-dispożizzjoni li tobbliga l-użu ta' Halon	Għal konformità mar-Regolament (KE) Nru 1005/2009[42]
1./3.730	CAT.IDE.A.205	1.Hi meħtieġa sistema ta' trażżin mill-parti ta' fuq tat-torso (UTR) għal ajruplani żgħar. 2.Hija introdotta d-definizzjoni tal-UTR	1.NPA 26-20[43] tal-JPA. 2. sabiex tiġi pprovduta flessibilità għal soluzzjonijiet ta' disinjar eżistenti
1./3.680	N.A.	Tħassar ir-rekwiżit relatat mal-indikatur ta' radjazzjoni kożmika.	Tħassar peress li r-Regolament Bażiku, li jindirizza biss il-mitigazzjoni tar-riskji għas-sikurezza, ma jipprovdix il-bażi legali għat-traspożizjoni tagħhom, jiġifieri l-problemi tas-saħħa, u sabiex jiġu evitati s-sovrappożizzjonijiet ma' Leiġiżlazzjoni Komunitarja oħra, (Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996[44]).

Differenzi mill-Anness 6 tal-ICAO

245. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti tal-Anness 6 tal-ICAO li huma meqjusa jew bħala mhux trasposti jew inkella bħala trasposti b'mod li ma jipprovdix minimu ta' livell ekwivalenti ta' sikurezza kif speċifikat fl-istandards tal-Anness 6 tal-ICAO.

42 Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu. *ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.*

43 NPA 26-20 INSTALLAZZJONI TA' SISTEMA TA' TRAŻŻIN TAL-PARTI TA' FUQ TAT-TORSO FUQ L-AJRUPLANI TAL-KATEGORIJA TAT-TRASPORT (PASSIĠĠIERA) B'PIŻ TA' TLUQ MASSIMU < 5700 KG.

44 Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/EURATOM tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti, *ĠU L 159, 29.6.1996, pp. 1-114.*

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Tabella 7: Differenzi mill-Anness 6 tal-ICAO

Referenza għall-Parti I/III tal-Anness 6	Referenza għall-EASA-EU	Deskrizzjoni tad-differenza
Parti I tal-Anness 6 6.3.1.2.3	CAT.IDE.A.190 (a) (1) u (b)(3)	Id-dati ta' implimentazzjoni għall-FDR tat-Tip I f'CAT.IDE japplikaw għall-CofA maħruġa wara Lulju 1990 minflok Jannar 1989
Parti I tal-Anness 6 6.3.1.2.4	CAT.IDE.A.190 (a) (1) u (b)(2)	Id-dati ta' implimentazzjoni għall-FDR tat-Tip II f'CAT.IDE japplikaw għall-CofA maħruġa wara Lulju 1990 minflok Jannar 1989
Parti I tal-Anness 6 6.3.1.2.12 & 13	CAT.IDE.A.190	Kampjunar massimu u intervall ta' rikordjar ta' ċerti parametri mhux implimentati
Parti I tal-Anness 6 6.3.1.3 u	CAT.IDE.A.190	Id-diskontinwazzjoni tal-mezzi ta' memorja antiki għall-FDRs mhux implimentata.
Parti I tal-Anness 6 6.3.2.1.1	CAT.IDE.A.185 (a)	Is-CVR għall-ajruplani ħfief mhux implimentat.
Parti I tal-Anness 6 6.3.2.2	CAT.IDE.A.185	Id-diskontinwazzjoni tal-medji ta' memorja antiki għall-CVRs mhux implimentata.
Parti I tal-Anness 6 6.3.2.3	CAT.IDE.A.185 (b)	Estensjoni tal-modernizzar tad-dewmien ta' rikordjar ta' sagħtejn għas-CVRs mhux implimentata
Parti I tal-Anness 6 6.3.3.1.2	CAT.IDE.A.195	Modernizzar tar-rikordjar tad-data link mhux implimentat
Parti I tal-Anness 6 6.3.3.3	CAT.IDE.A.195	Korrelazzjoni tar-rikordjar tal-komunikazzjoni tad-data link u r-rokordjar tas-CVR mhux implimentata
Parti I tal-Anness 6 6.3.4.5.2	CAT.IDE.A.200	Il-konfigurazzjoni ta' reġistratur b'kombinazzjoni doppja għall-MCTOM li jaqbżu l-15000 kg mhux implimentata.
Parti I tal-Anness 6 6.5.2.1 b)	CAT.IDE.A.285	Il-ġarr ta' ġkieket tas-salvataġġ matul titjiriet en route fuq ilma lil hinn minn distanza ta' gliding mill-kosta, fil-każ tal-ajruplani tal-art kollha l-oħra (mhux operati b'konformità ma' 5.2.9 jew 5.2.10) mhux implimentat
Parti I tal-Anness 6 6.6	CAT.IDE.A.305	CAT.IDE għandha eżenzjonijiet għal tagħmir addizzjonali ta' sopravvivenza mhux previst mill-ICAO

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-Parti I/III tal-Anness 6	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**
Parti I tal-Anness 6 6.19.2 & 3	CAT.IDE.A.350	Ir-riżoluzzjoni ta' 7.62 m għat-transponder ta' rapportar tal-altitudni skont il-pressjoni mhux implimentata.
Parti I tal-Anness 6, Appendiċi 8, 3.1	CAT.IDE.A.185 (d) u (e)	F'CAT.IDE, ir-rekwiżit ta' bidu ta' reġistrar matul il-verifiki tal-kokpit mhuwiex applikabbli għall-ajruplani kollha, jiddependi fuq id-data ta' ħruġ tal-CofA individwali
Parti I tal-Anness 6, Appendiċi 8, 4	N.A.	Ir-rekwiżiti għar-reġistraturi ta' immaġnijiet mill-Ajru mhumiex implimentati.
Parti I tal-Anness 6, Appendiċi 8, 6	N.A.	Ir-rekwiżiti għas-sistemi ta' reġistrar tad-dejta tal-Inġenju tal-ajru (ADRS) mhumiex implimentati
Parti I tal-Anness 6, Appendiċi 8, 7.1	N.A.	Ir-rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-karatteristiċi ta' ttestjar inkorporati għar-reġistraturi tat-titjriet u tal-unità ta' ksib tad-dejta tat-titjiriet (FDAU), meta dawn ikunu installati, mhumiex implimentati
Parti III tal-Anness 6, 4.3.1.3	CAT.IDE.H.190	Id-diskontinwazzjoni tal-mezzi ta' memorja ta' teknoloġija antika għall-FDRs ma ġietx implimentata.
Parti III tal-Anness 6, 4.3.1.4	CAT.IDE.H.190 (b)	F'CAT.IDE, skont il-klassi u d-data ta' konsenja tal-CofA individwali, id-dewmien tar-reġistrazzjoni meħtieġa jista' jkun inqas minn 10 sigħat
Parti III tal-Anness 6, 4.3.2.2	CAT.IDE.H.185	Id-diskontinwazzjoni tal-mezzi ta' memorja ta' teknoloġija antika għall-CVRs ma ġietx implimentata
Parti III tal-Anness 6, 4.3.2.3	CAT.IDE.H.185 (b)	L-estensjoni tal-modernizzazzjoni tad-dewmien tar-reġistrazzjoni tas-CVR ma ġietx implimentata.
Parti III tal-Anness 6, 4.8.2 & 3	CAT.IDE.H.240	Rekwiżiti tal-ħelikopters ippressati għall-ossiġnu mhux implimentati

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenza għall-Parti I/III tal-Anness 6	**Referenza għall-EASA-EU**	**Deskrizzjoni tad-differenza**
Parti III tal-Anness 6, Appendiċi 5, 3	CAT.IDE.H.185 (d) u (e)	F'CAT.IDE, ir-rekwiżit għall-bidu tar-reġistrazzjoni matul il-verifiki tal-kokpit mhuwiex applikabbli għall-ħelikopters kollha. Jiddependi mid-data ta' ħruġ tal-CofA individwali
Parti III tal-Anness 6, Appendiċi 5, 4	N.A	Ir-rekwiżit għal reġistraturi ta' immaġnijiet mill-Ajru mhuwiex implimentat.
Parti III tal-Anness 6, Appendiċi 5, 6	N.A	Ir-rekwiżiti ta' sorveljanza tal-karatteristiċi ta' ttestjar inkorporati għar-reġistraturi tat-titjiriet għall-unità ta' kisba tad-dejta tat-titjiriet (FDAU), meta installata, mhumiex implimentati
Parti III tal-Anness 6, Dokument Mehmuż C	Kundizzjoni tal-wiċċ tar-runway	Id-definizzjoni hija allinjata mal-EU-OPS/JAR-OPS 3. Il-kompitu ta' tfassil tar-regoli OPS.005 se jinkludi reviżjoni tad-definizzjoni ta' wiċċ tar-runway.
Parti III tal-Anness 6, Dokument Mehmuż A	Il-Kategorija A / B fir-rigward tal-ħelikopters	Definizzjonijiet allinjata mas-CS-Definitions (JAR-OPS 3).

IV. Lista ta' kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli

246. Matul il-fażijiet ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, ġew identifikati għadd ta' elementi li – kieku ġew indirizzati f'din l-Opinjoni - kienu jmorru ferm lil hinn mill-mandat tal-Aġenzija ta' traspożizzjoni tal-kontenut tar-regoli eżistenti. Madanakollu, dawn l-elementi ġew dokumentati u se jiġu indirizzati f'kompiti ta' tfassil tar-regoli separati sabiex tkun tista' ssir konsultazzjoni xieraq mal-partijiet interessati u bl-involviment tagħhom. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali ta' dawn il-kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Tabella 8: Kompiti proposti ta' tfassli tar-regoli

Referenzi għall-parti, għar-regoli	Kamp ta' applikazzjoni	Referenza għall-RMP
Anness I, Parti-CAT, Parti-SPA, Parti-NCC, Parti-NCO, Parti-SPO	L-ewwel reviżjoni editorjali tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-OPS u tal-AMC/GM se tinkludi l-OPS.047 Kjarifika tad-definizzjoni separata tar-runway u ċerti elementi sabiex tiġi allinjata mal-aħħar emendi għall-Anness 6 tal-ICAO li ma ġewx inklużi fl-Opinjoni. Il-kompitu ta' tfassil tar-regoli huwa skedat li jibda fl-2013.	OPS.005 L-Aġġrnar tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-OPS tal-EASA
OPS	Reviżjoni tar-regoli fir-rigward tar-rekwiżiti li jindirizzaw il-problemi ta' ajrunavigabbilità inizjali jew kontinwa u għaldaqstant, din tista' titqiegħed b'mod aktar xieraq fil-Parti-21, Parti-145 jew Parti-M.	MDM.047
CAT.POL.H.420	Operazzjonijiet bil-ħelikopter b'magna waħda f'ambjent ostili li jinsab barra żoni ta' konġestjoni	OPS.049
CAT.POL.MAB.100	Valutazzjoni ġenerali tar-rekwiżiti dwar l-ippeżar tal-inġenji tal-ajru sabiex dawn jiġu inkorporati fil-Parti-M. B'mod partikolari, il-partijiet interessati talbu reviżjoni tal-soġġetti intitolati li jwettqu l-ippeżar tal-inġenji tal-ajru, sabiex jiġi valutat jekk l-ippeżar jistax jitwettaq biss minn organizzazzjoniijiet tal-Parti-M / Parti-145 jew inkella anki minn partijiet terzi li jaħdmu skont is-sistemi ta' kwalità ta' organizzazzjonijiet approvati.	MDM.047
CAT.IDE.A.175	Proposta sabiex tkun meħtieġa sistema ta' telefons f'netwerk intern minkejja d-daqs tal-inġenju tal-ajru jekk it-tip ikun operat minn multi-ekwipaġġ. Fil-fatt, diversi inġenji tal-ajru ħfief b'magna waħda użati għat-taħriġ bażiku diġà għandhom dan.	OPS.065
CAT.IDE.H.115	Proposta sabiex jitħalla jsir użu mit-teknoloġiji l-ġodda għad-dwal tal-inżul tal-ħelikopters (eż. LED) li kapaċi jipprovdu modi alternattivi ta' dawk għall-"illuminazzjoni tal-art quddiem u taħt il-ħelikopter u l-art fuq iż-żewġ naħat tal-ħelikopters".	OPS.065

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Referenzi għall-parti, għar-regoli	**Kamp ta' applikazzjoni**	**Referenza għall-RMP**
CAT.IDE.H.130(i)	Proposta sabiex tkun meħtieġa holder tal-karti għal operazzjonijiet matul il-lejl kollu.	OPS.065
CAT.IDE.H.280	Mezzi oħrajn li mhumiex beacons portabbli tal-lok li għandhom jitqiesu aċċettabbli: jistgħu jkunu effiċjenti daqs l-ELT (AD) b'mod partikolari peress li, matul inċidenti, il-konnessjoni fiżika bejn l-ELT (AD) l-antenna tiegħu tista' tintilef.	OPS.065
SPA.LVO, CAT.OP.MPA.110, SPA.ETOPS	Bidla radikali tas-Suparti E tal-EU-OPS. B'mod partikolar, din tikkonċerna r-regoli dwar l-operazzjonijiet ta' APV, l-operazzjonijiet ta' CAT I ta' LTS, l-operazzjonijiet ta' CAT II ta' OTS u l-operazzjonijiet li jużaw l-EVS, emendi riċenti tas-SARPs tal-ICAO, l-avvanzi teknoloġiċi l-ġodda, bħas-sistemi ta' viżjoni sisntetika (SVS).	OPS.083

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Parti-CAT	Allinjament mal-ICAO rigward: (i) ir-reġistrar ta' komunikazzjoni ta' data link - it-traspożizzjoni tal-NPA-OPS.48A tal-JAA. L-estensjoni għall-ajruplani u l-ħelikopters kollha li jużaw applikazzjonijiet ta' komunikazzjoni ta' data link tar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni fuq reġistratur regolatorju il-komunikazzjoni ta' data link. (ii) rekwiżiti ġodda dwar il-ġarr għal ajruplani b'magni bit-turbini b'MCTOM ta' inqas minn 5 700 kg mgħammra b'FDR jew ADRS jew AIR u CVR jew CARS; (iii) diskontinwazzjoni tal-użu ta' reġistraturi li jużaw modulazzjoni tal-frekwenza u ta' reġistraturi bit-tejp manjetiku, għal ajruplani u ħelikopters; (iv) ajruplani b'MCTOM ta' aktar minn 15 000 kg li t-TC għalihom l-ewwel inħareġ fl-01/01/2016 jew wara u li huma meħtieġa jkun mgħammra kemm b'CVR kif ukoll b'FDR, i għandhom jiġu mgħammra b'żewġ reġistraturi ta' kombinazzjoni (FDR/CVR); (v) estensjoni tad-dewmien meħtieġ ta' reġistrazzjoni għas-CVR kollha għal sagħtejn mill-01/01/2016, għal ħelikopters u ajruplani.	OPS.007 MDM.073 OPS.090 OPS.091 OPS.092
Parti-CAT	Aġġornar tal-lista ta' parametri tal-FDR li tinkludi l-prestazzjoni tal-parametru, sabiex tiġi allinjata mal-ED-112. Reviżjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-manutenzjoni tal-FDR (wara rakkomandazzjoni minn investigazzjoni ta' inċident tal-ajru).	OPS.023 MDM.099
CS-29	Eskursjonijiet permezz tad-dijagramma HV għal inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors tas-CS-29. Ir-reviżjoni tas-CS-29 u tiġi kkunsidrata l-produzzjoni ta' Suppliment għat-TC u r-reviżjoni tal-HFL għal ħelikopters matul l-operazzjoni fid-dawl tal-eżenzjoni parzjali li tinsab fl-Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.005(c).[45]	27&29.027

[45] Ara wkoll it-Tabella 1 ta' hawn fuq, fejn huwa msemmi li l-eżenzjoni parzjali mhijiex trasposta minħabba l-kontradizzjoni mal-punt 4.a tal-Anness IV għar-Regolament Bażiku

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

V. CAT.GEN: Subparti A – Rekwiżiti ġenerali

247. Din is-Subparti fiha rekwiżiti ġenerali għal operazzjonijiet ta' CAT. Fiha żewġ Sezzjonijiet:

- Sezzjoni 1 – Inġenji tal-ajru li jaħdmu bil-mutur; u
- Sezzjoni 2 – Inġenji tal-ajru li ma jaħdmux bil-mutur.

248. Din l-Opinjoni tkopri biss ir-rekwiżiti għas-Sezzjoni 1.

CAT.GEN.MPA: Sezzjoni 1 – Inġenji tal-ajru li jaħdmu bil-mutur

Ġenerali

249. Din is-Sezzjoni tittrasponi partijiet mis-Subparti B tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3. Hija relatata mas-Sezzjonijiet I, V, u VI tal-OPS.GEN tal-NPA u mas-Sezzjoni I tal-OPS.CAT.

Regoli tal-EU-OPS / JAR-OPS 3 trasposti fil-Parti-ORO

250. Ir-regoli li ġejjin tas-Subparti B huma trasposti fil-Parti-ORO u mhumiex inklużi f'din is-Sezzjoni:

- OPS 1./3.005 Ġenerali, hija koperta mir-Regolament ta' Kopertura dwar operazzjonijiet bl-Ajru, Parti-M, Ir-Rekwiżiti Essenzjali tar-Regolament Bażiku, ORO.FC;
- OPS 1./3.030 Listi ta' tagħmir minimu – Ir-Responsabbiltajiet tal-Operatur hija koperta f' ORO.MLR;
- OPS 1./3.035 Programm ta' prevenzjoni tal-inċidenti u ta' sikurezza tat-titjiriet hija koperta f'ORO.GEN.200;
- OPS 1./3.037 hija koperta f'ORO.GEN.200;
- OPS 1./3.155 hija koperta f'ORO.SEC;
- OPS 1./3.165 Kiri hija koperta f'ORO.AOC.

CAT.GEN.MPA.100 Responsabbiltajiet tal-ekwipaġġ

251. Din ir-regola tittrasponi l-OPS1./3.085 (a), (b), (d). Il-paragrafu (b)(5) żdied b'konformità mad-diskussjoni fil-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru b'indirizzar partikolari lill-membri tal-ekwipaġġ li jaħdmu għal aktar minn operatur wieħed. Dawn l-elementi li diġà huma koperti fl-Anness IV tar-Regolament Bażiku nżammu u żdiedet referenza għall-Anness IV.

CAT.GEN.MPA.105 Responsabbiltajiet tal-kmandant

252. Din ir-regola tittrasponi lil OPS 1./3.085 (f). Bil-għan li jinġabru r-responsabblitajiet kollha tal-kmandant f'regola waħda, dawn li ġejjin ingħaqdu f'din ir-regola: OPS 1/3.330 u OPS 1.420 (d)(2), (d)(3).

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

CAT.GEN.MPA.180 Dokumenti, manwali u informazzjoni li jridu jinġarru

253. L-IRs proposti huma bbażati fuq rekwiżiti eżistenti fl-EU-OPS u fil-JAR-OPS 3, bid-differenzi notevoli li ġejjin:

- Il-ġarr ta' 'dokumenti' f'format elettroniku ġie estiż sabiex jinkludi ċertifikati u manwali, sabiex ikopri ż-żieda fl-użu tal-mezzi elettroniċi. Id-Direttiva 1999/93/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi[46] tipprovdi l-mekkaniżmu għall-oriġinali fil-format elettroniku, jiġifieri firma elettronika.
- Jekk tinġarr kopja tal-AOC minflok l-oriġinali, din hija meħtieġa tkun kopja vera ċeritifkata, filwaqt li dan ma kienx speċifikat fl-EU-OPS/JAR-OPS 3. Il-bidla saret sabiex ikun hemm allinjament mal-istandards tal-Anness 6 tal-ICAO. Il-materjal ta' gwida dwar kif tinkiseb konformità ma' din ir-regola se jiġi pprovdut fid-Deċiżjoni relatata tal-ED (Executive Director).
- Il-log tal-vjaġġ għandu jinġarr, filwaqt li dan ma kienx obbligatorju fl-EU-OPS/JAR-OPS 3. Il-bidla saret sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 29 ta' Konvenzjoni ta' Chicago. Il-log tal-vjaġġ u d-dejta tiegħu jistgħu jkunu disponibbli f'sistemi jew dokumentazzjoni differenti.
- Id-dispożizzjonijiet għall-ġarr ta' ċertifikati, manwali u informazzjoni oħra li ġew ippreżentati fi tliet paragrafi separati fl-EU-OPS u fil-JAR-OPS 3 ġew miġbura, għas-simplifikazzjoni u ċ-ċarezza.
- It-test issa jindika b'mod ċar li ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbilità u l-liċenzja tar-radju tal-inġenju tal-ajru biss iridu jkunu "l-oriġinal", b'hekk tiġi riflessa l-intenzjoni tal-EU-OPS/JAR-OPS 3.
- Ir-referenza għall-ġarr ta' dokumentazzjoni ta' oġġetti perikolużi tmexxiet fil-Parti-SPA.
- L-eżenzjoni parzjali li tippermetti li ċerti dokumenti jinżammu f'ajrudrom jew sit operattiv taħt ċerti kundizzjonijiet inbidlet sabiex tinkludi d-dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ, hekk kif hu meħtieġ li tinżamm kopja fuq l-art.

CAT.GEN.MPA.200 Trasport ta' oġġetti perikolużi

254. Ir-rekwiżiti fil-CAT.GEN jindirizzaw iċ-ċirkustanzi li fihom l-oġġetti perikolużi jistgħu jinġarru mingħajr approvazzjoni b'konformità ma' SPA.DG. Dan jikkonċerna, pereżempju, oġġetti li jinġarru fil-bagalji tal-passiġġiera li normalment jitqiesu bħala oġġetti perikolużi. Dan il-paragrafu jindirizza wkoll is-sorveljanza mill-membri tal-ekwipaġġ sabiex jidentifikaw oġġetti perikolużi li jinġarrbu mingħajr intenzjoni.

255. L-approċċ meħud mill-Aġenzija huwa ta' ħidma b'referenza għall-Istruzzjonijiet Tekniċi tal-ICAO, kif ġie ppreżentat fl-NPA. Ir-referenza hija speċifikata fl-IR. Siltiet mill-Istruzzjonijiet Tekniċi mhumiex ġeneralment inklużi f'dawn ir-regoli. Għaldaqstant, ir-rekwiżit f'CAT.GEN u r-rekwiżiti f'SPA.DG huma iqsar mill-ekwivalenti tagħhom fis-Subpartijiet R tal-EU-OPS u l-JAR-OPS 3. Huma biss dawk

[46] *ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12–20.*

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

rekwiżiti li jispeċifikaw responsabbiltajiet partikolari tal-operatur li ġew imtennija mill-Istruzzjonijiet Tekniċi.

VI. CAT.OP: Subparti B – Proċeduri operattivi

256. Din is-Subparti fiha rekwiżiti għall-proċeduri operattivi għal operazzjonijiet ta' CAT. Fiha żewġ Sezzjonijiet:

- Sezzjoni 1 – Inġenji tal-ajru li jaħdmu bil-mutur; u
- Sezzjoni 2 – Inġenji tal-ajru li ma jaħdmux bil-mutur.

Din l-Opinjoni tkopri biss is-Sezzjoni 1.

CAT.OP.MPA: Sezzjoni 1 – Inġenji tal-ajru li jaħdmu bil-mutur

Ġenerali

257. Din is-Sezzjoni tittrasponi s-Subparti D u l-partijiet tas-Subparti E tal-EU-OPS u l-JAR-OPS 3.

Tqabbil mal-EU-OPS / JAR-OPS 3

258. Ir-regoli tas-Subparti E tal-EU-OPS / JAR-OPS 3 li mhumiex relatati ma' operazzjonijiet f'viżibilità baxxa (LVO) ġew trasposti f'CAT.OP.MPA.110. Din tikkonċerna l-partijiet tal-OPS 1/3.430 u t-test relatat tal-Appendiċi 1 (il-Ġdid) għall-OPS 1./3.430 u l-Appendiċi 2 għall-OPS 1.320(c). L-Appendiċi 1 (Old) għall-OPS 1./3.430 ma ġiex traspost għax huwa sostitwit mill-Appendiċi 1 (il-Ġdid) f'Ġunju 2011.

259. Ir-regoli tal-EU-OPS / JAR-OPS 3 dwar is-separazzjoni vertikali imnaqqsa minima (RVSM), l-ETOPS, l-ispeċifikazzjonijiet minimi tal-prestazzjoni ta' navigazzjoni (MNPS - minimum navigation performance specifications) u n-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (PBN Performance-Based Navigation) tqiegħdu fis-Subpartijiet relevanti tal-Parti-SPA.

260. L-Appendiċi li ġej li fih mezzi ta' konformità ma' għan ta' sikurezza ġew trasposti bħala AMC u se jiġu indirizzati fid-Deċiżjoni Korrispondenti tal-Aġenzija; dan l-approċċ applika għall-Appendiċi li ġejjin:

- L-Appendiċi 1 għall-OPS 1.255 Politika dwar il-fjuwil;
- L-Appendiċi 1 għall-OPS 1.270 Il-ħżin ta' bagalji u merkanzija;
- L-Appendiċi 1 għall-OPS 1.305 Riforniment / tneħħija tal-fjuwil bil-passiġġiera li qed jitilgħu fuq, abbord jew li niżlin mill-inġenju tal-ajru; u
- L-Appendiċi 1 (il-Ġdid) għall-OPS 1./3.430.

261. Ir-regoli li ġejjin tas-Subparti D huma trasposti minn Partijiet oħrajn jew dokumenti tar-regoli u mhumiex inklużi f'din is-Sezzjoni:

- OPS 1.311 hija trasposta f'ORO.CC;
- OPS 1.390 Ir-radjazzjoni kożmika, hija koperta mid-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom; u

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- OPS 1.420 hija koperta fir-Regolament (KE) Nru 996/2010[47], ORO.GEN, Parti-M, Parti-SERA, CAT.GEN.MPA.105(c) u (d), SPA.DG, u ORO.SEC.

CAT.OP.MPA.105 Użu ta' ajrudromi u siti operattivi

262. Din ir-regola tittrasponi l-OPS 1/3.220. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-regola ġie estiż għal operazzjonijiet li ma jitilqux minn, jew li jinżlu f'ajrudrom. Minħabba kunsiderazzjonijiet relatati mas-sikurezza, it-test tar-regola ma jippermettix l-użu ta' siti operattivi għal operazzjonijiet ta' CAT b'ajruplani kumplessi.

CAT.OP.MPA.106 L-użu ta' ajrudromi iżolati – ajruplani

263. L-Aġenzija tipproponi approvazzjoni minn qabel għall-użu ta' ajrudrom iżolat bħala ajrudrom ta' destinazzjoni għal operazzjonijiet kummerċjali b'ajruplani.

264. L-Aġenzija qablet mal-punt ta' vista tal-partijiet interessati u l-RGs li l-użu ta' ajrudrom iżolat jesponi lill-inġenju tal-ajru u lill-passiġġiera għal riskju akbar milli għal operazzjonijiet fejn l-ajrudrom alternattiv ta' destinazzjoni jkun disponibbli. Jekk ajrudrom ikunx klassifikat bħala ajrudrom iżolat spiss jiddependi fuq liema inġenji tal-ajru jintużaw għall-operazzjoni tal-ajrudrom. Għaldaqstant, l-awtorità kompetenti għadha tivvaluta jekk il-mezzi kollha possibbli humiex applikati sabiex jimmigitaw l-akbar riskju ta' operazzjoni għal ajrudrom iżolat.

CAT.OP.MPA.110 Minimu tal-operazzjoni tal-ajrudrom, CAT.OP.MPA.115 Teknika ta' titjir ta' avviċinament –ajruplani

265. Dawn ir-regoli jittrasponu l-OPS 1./3.225 u l-partijiet ta' 1./3.430. Sabiex ir-regoli jkunu jistgħu jinqraw aħjar, 1./3.430 inqasmet f'żewġ rekwiżiti. It-test ġie abbozzat mill-ġdid u simplifikat kemm jista' jkun.

266. Kif diġà ssemma aktar 'il fuq, ir-regoli korrispondenti li ġejjin tal-Appendiċi 1 (il-Ġdid) għall-OPS 1.430 ġew trasposti bħala AMC u huma ppubblikati fid-Deċiżjoni:

- Operazzjonijiet ta' tluq b'medda viżwali tar-runway (RVR - runway visual range) ta' 400 m jew aktar;
- Operazzjonijiet ta' Avviċinament mhux ta' preċiżjoni (NPA - Non-precision approach);
- Operazzjonijiet ta' avviċinament bi gwida vertikali (APV - approach with vertical guidance);
- Operazzjonijiet ta' CAT I;
- Operazzjonijiet ċirkolari;
- Operazzjonijiet ta' avviċinament viżwali;
- Regoli għal tagħmir fuq l-art li ma jaħdimx jew li fil-kwalità; u
- Regoli għall-konverżjoni tal-viżibilità meteoroloġika rapportata għall-RVR.

[47] Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE, *ĠU L 295, 12.11.2010, pp. 35-50.*

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

CAT.OP.MPA.115 Teknika ta' titjir ta' avvicinament –ajruplani

267. Dawn ir-regoli jittrasponu l-OPS 1./3.225 u partijiet mill-1./3.430. Sabiex ir-regoli jkunu jistgħu jinqraw aħjar, 1./3.430 inqasmet f'żewġ rekwiżiti. It-test ġie abbozzat mill-ġdid u simplifikat kemm jista' jkun.

CAT.OP.MPA.140 Distanza massima minn ajrudrom adegwat għal ajruplani b'żewġ magni mingħajr approvazzjoni tal-ETOPS

268. Din ir-regola tittrasponi l-EU-OPS 1.245. Din tinkludi r-regola għal ajruplani b'turbo-ġett b'konfigurazzjoni operazzjonali massima ta' sits għall-passiġġiera ta' 19 jew inqas u massa ta' tluq massima ta' inqas minn 45 360 kg sabiex jiżdied il-limitu massimu ta' distanza sa 180 minuta jekk dan jiġi approvat mill-awtorità kompetenti. Għal raġunijiet legali, is-subparagrafu (d) żdied mar-rekwiżiti dwar kif tinkiseb approvazzjoni bħal din mill-awtorità kompetenti.

CAT.OP.MPA.150 Politika dwar il-fjuwil

269. Din ir-regola tittrasponi l-OPS 1./3.255. L-Aġenzija hija tal-istess fehma bħall-partijiet interessati u l-RGs li r-rekwiżiti dwar il-politika dwar il-fjuwil huma rekwiżit kritiku għas-sikurezza. Fuq il-bażi tar-riżultat tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u r-reazzjonijiet li daħlu għas-CRD, l-Aġenzija tisħaq dwar il-proposta tagħha sabiex teħtieġ approvazzjoni minn qabel tal-politika tal-fjuwil u ta' kwalunkwe bidla fiha.

270. Kif issemma' aktar 'il fuq, it-test tal-Appendiċi 1 għall-OPS 1.225 tmexxa fil-materjal tal-AMC u se jiġi ppubblikat fid-Deċiżjoni.

CAT.OP.MPA.155 Ġarr ta' kategoriji u persuni speċjali (SCPs)

271. Din ir-regola primarjament tittrasponi l-OPS 1.260 u 1.265. Għandha wkoll l-għan li tipprovdi l-bażi meħtieġa għall-AMC/GM tal-ġejjieni li jistgħu jiġu żviluppati bħala riżultat tal-kompitu ta' tfassil tar-regoli dwar il-ġarr ta' persuni b'mobilità mnaqqsa (PRMs - persons with reduced mobility) (MDM.072) li se jibda fl-2012. It-test propost ġie abbozzat mill-ġdid filwaqt li ttieħed f'kunsiderazzjoni r-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru[48]. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-Artikolu 2(a), li jagħti definizzjoni ta' 'persuna b'diżabilità' jew 'persuna b'mobilità mnaqqsa' li għandu kamp ta' applikazzjoni ftit usa' minn dik tal-ekwivalenti tiegħu fl-EU-OPS (re. OPS 1.260 tal-ACJ fis-Sezzjoni 2 tal-JAR-OPS 1). Filwaqt li ġew ikkunsidrati wkoll ir-regoli eżistenti fl-Istati Uniti għall-ġarr ta' PRMs (14 CFR Parti 382) issa huma applikabbli għall-operaturi Ewropej, filwaqt li ngħatat kunsiderazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-IR propost huwa konsistenti mal-prinċipju stipulat fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006. Bħala sinteżi, għaldaqstant, it-test propost ġie żviluppat sabiex jiġi żgurat li tista' tinkiseb konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u l-IR relatat għal operazzjonijiet bl-ajru kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006.

[48] *ĠU L 204, 26.7.2006, pp. 1-9.*

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

CAT.OP.MPA.295 L-użu ta' sistema ta' evitar ta' kolliżjoni fl-ajru (ACAS)

272. Din ir-regola tittrasponi l-OPS 1.390. It-test ġie allinjat mat-test propost fl-Opinjoni 5/2010 għal AUR.ACAS[49]. AUR.ACAS ġiet abbozzata bil-għan li l-ACAS jiġi introdott bil-verżjoni 7.1 tal-loġika ta' evitar tal-kolliżjoni bħala standard mandatorju għall-ispazju tal-ajru Ewropew.

273. Fuq il-bażi tal-kummenti li daħli, l-Opinjoni tipproponi rekwiżiti speċifiċi għal ajruplani u ħelikopters.

VII. CAT.POL: Subparti C – Limitazzjonijiet ta' prestazzjoni u operazzjoni ta' inġenju tal-ajru

274. Din is-Subparti fiha rekwiżiti dwar il-limitazzjoni tal-prestazzjoni u l-operazzjoni tal-inġenji tal-ajru għall-inġenji tal-ajru użati fl-operazzjonijiet ta' CAT. Fiha ħames Sezzjonijiet:

- Sezzjoni 1 – Ajruplani;
- Sezzjoni 2 - Ħelikopters;
- Sezzjoni 3 – Gliders;
- Sezzjoni 4 – Blalen tal-arja; u
- Sezzjoni 5 – Massa u bilanċ.

275. Din l-Opinjoni tkopri s-Sezzjonijiet 1, 2 u 5.

CAT.POL.A: Sezzjoni 1 – Ajruplani

Ġenerali

276. Din is-Sezzjoni tittrasponi s-Subpartijiet F-I tal-EU-OPS.

277. Din is-Sezzjoni tikkonsisti f'erba' Kapitoli:

- Kapitolu 1 – Rekwiżiti ġenerali;
- Kapitolu 2 – Klassi ta' prestazzjoni A;
- Kapitolu 3 – Klassi ta' prestazzjoni B;
- Kapitolu 4 – Klassi ta' prestazzjoni C.

Mqabbla mal-EU-OPS / JAR-OPS 3

278. Inżamm il-kontenut tar-regola tas-Subpartijiet F-I. Hemm reviżjonijiet editorjali sabiex ikun hemm konformità mat-terimini użati f'Subpartijiet oħrajn. F'dawk il-każijiet fejn it-test tal-EU-OPS ippermetta metodi alternattivi, it-test jew tmexxa fl-AMC jew tħassar peress li jkun jeħtieġ deroga tal-Artikolu 14 (6) jekk il-kriterji għall-alternattiva ma jiġux speċifikati b'mod ċar.

279. L-Appendiċi 1 għall-OPS 1.545(b)(1) u (c)(1) tmexxa għal-livell ta' AMC.

[49] Disponibbli fuq is-sit tal-Aġenzija.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Kapitolu 2 – Klassi ta' prestazzjoni A

280. It-test tar-regola nżamm mingħajr bidliet importanti.

281. Fuq il-bażi tal-kummenti li daħlu, għal avviċinamenti weqfin, il-valuri ta' għoli tal-iskrin żdiedu minn 50 għal 60 pied sabiex jallinjaw mal-NPA 25B-267 u l-proposta tal-Sottokumitat dwar il-Prestazzjoni tal-JAA.

Kapitolu 3 – Klassi ta' prestazzjoni B

282. It-test tar-regola nżamm mingħajr bidliet importanti.

Kapitolu 4 – Klassi ta' prestazzjoni C

283. It-test tar-regola nżamm mingħajr bidliet importanti.

CAT.POL.H: Sezzjoni 2 - Ħelikopters

Ġenerali

284. Din is-Sezzjoni tittrasponi s-Subpartijiet F-I tal-JAR-OPS 3.

285. Din is-Sezzjoni tikkonsisti f'erba' Kapitoli:

- Kapitolu 1 – Rekwiżiti ġenerali;
- Kapitolu 2 – Klassi ta' prestazzjoni 1;
- Kapitolu 3 – Klassi ta' prestazzjoni 2;
- Kapitolu 4 – Klassi ta' prestazzjoni 3.

Operazzjonijiet għal/minn siti ta' interess pubbliku – CAT.POL.H.225

286. Sit ta' interess pubbliku huwa sit ta' nżul fi sptar li jinsab f'ambjent ostili b'konġestjoni. Jekk dan is-sit mhuwiex bażi operattiva ta' HEMS, dan jieħu eżenzjoni temporanja mir-rekwiżiti tal-klassi ta' prestazzjoni 1 għax iż-żona ta' nżul hija żgħira wisq għall-konformità ma' proċedura tal-Kategorija A jew l-ambjent imxekkel jirriżulta fi gradjent tat-tluq.[50] Ir-regola tapplika għal operazzjonijiet ta' HEMS kif ukoll għal trasferimenti bejn l-isptarijiet li għalihom ma tkun meħtieġa l-ebda approvazzjoni ta' HEMS.

287. L-operatur irid jispeċifika s-siti ta' interess pubbliku fejn l-operazzjonijiet ma jistgħux jitwettqu b'konformità mal-klassi ta' prestazzjoni 1 u japplikaw għal approvazzjoni sabiex joperaw mingħajr kapaċità ta' nżul furzat sigur garantita. Rekwiżit korrispondenti tal-awtorità (ARO.OPS.220) jobbliga lill-awtorità kompetenti sabiex tinkludi l-lista ta' siti ta' interess pubbliku fl-approvazzjoni.

288. Il-proposta finali tikkorrispondi għal JAR-OPS 3 b'xi bidliet editorjali sabiex jitjieb it-test u sabiex din tiġi allinjata ma' rekwiżiti oħrajn. Id-dispożizzjoni qajmet għadd ta' kummenti minħabba d-differenza jew in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-JAR-OPS 3 fl-Istati Membri. Wara diskussjonijiet estensivi mal-Istati Membri u

[50] Għall-siti ta' nżul (fi sptarijiet) li ma jinsabux f'ambjent ostili ta' konġestjoni, id-dispożizzjonijiet għall-espożizzjoni - li diġà jinstabu f'CAT.POL.H - jistgħu jiġu applikati, hekk kif din mhijiex eżenzjoni parzjali għar-rekwiżiti tal-klassi ta' prestazzjoni 1.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

l-esperti, l-Aġenzija kkonkludiet li ma setgħetx tistabbilixxi każ ta' riskju għas-sikurezza li jippermetti l-modifikazzjoni tal-intenzjoni jew id-dati ta' implimentazzjoni tal-JAR-OPS 3. B'mod partikolari, id-dati ta' implimentazzjoni jistgħu jkunu problema għad-deċiżjoni fil-livell tal-Kummissjoni peress li dan imur lil hinn mid-dominju tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet bl-ajru.

Operazzjonijiet mingħajr kapaċità ta' nżul furzat sigur garantita - CAT.POL.H.305

289. L-Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.517(a) ġie inkluż f'dan l-IR.

290. Għaċ-ċarezza legali, is-"sett ta' kundizzjonijiet" irid ikun espliċitu. Għaldaqstant, uħud mill-elementi għall-ACJ-2 għall-Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.517(a) ġew imtejba bħala materjal ta' regoli, minflok ma tħallew miftuħa għal interpretazzjoni alternattiva. Il-metodu għall-konformità ma' kundizzjoni bħal din jinżamm fil-materjal tal-AMC.

Operazzjonijiet bil-ħelikopter f'ambjent ostili li jinsab barra żona ta' konġestjoni - CAT.POL.H.420

291. Ambjent ostili li jinstab barra żona ta' konġestjoni jista' jiġi definit bħala ambjent li fih:

- ma jistax jitwettaq inżul furzat sigur għax il-wiċċ tal-art huwa inadegwat;
- il-persuni ta' ġewwa l-ħelikopter ma jistgħux jiġu adegwatement protetti mill-elementi; u
- ir-rispons/il-kapaċità ta' tfittxija u salvataġġ mhumiex ipprovduti b'mod konsistenti mal-espożizzjoni antiċipata.

292. Is-sors tal-paragrafu CAT.POL.H.420 huwa l-Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.005(e), li hija bbażata fuq valutazzjoni tar-riskju li għandha l-għan li tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġiera f'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru. Il-parti ta' protezzjoni tal-passiġġiera tar-rekwiżit tinsab fil-fatt li skont id-definzzjoni, f'każ li l-magna ġġarrab ħsara kritika, ħelikopter b'magna waħda li jopera fi Klassi ta' prestazzjoni 3 f'ambjent ostili jkollu jagħmel inżul furzat bil-possibilità ta' mwiet.

293. Minkejja dan, meta r-regola ġiet stabbilita fl-1999, il-JAA rrikonoxxew l-impatt ekonomiku tad-dispożizzjoni l-ġdida u li l-ħelikopters bi prestazzjoni xieraq jistgħu ma jkunux disponibbli minnufih. Konsegwentement, il-materjal ta' gwida ġie inkluż sabiex l-operazzjonijiet eżistenti jkunu jistgħu jkomplu, b'mod partikolari f':

- żoni muntanjużi; u
- żoni remoti, fejn mhuwiex prattiku u mhux proporzjonat li jieqfu l-operazzjonijiet b'magna waħda u li l-flotta jittiħdilha postha minn ħelikopters b'ħafna magni.

294. Minħabba l-implimentazzjoni differenti tal-JAR-OPS 3 fl-Istati Membri, id-dispożizzjoni tintuża b'mod usa' minn dak maħsub mill-JAA fl-1999; jew billi jitħallew isiru operazzjonijiet bil-ħelikopter b'magna waħda bħal dawn fi kwalunkwe ambjent ostili jew anki billi jiġu approvati operaturi ġodda.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

295. Peress li ċerti ħelikopters b'ħafna magni llum jistgħu ma jkunux kapaċi jilħqu r-rekwiżiti tal-klassi ta' prestazzjoni 1 jew 2 għal titjiriet f'altitudnijiet għoljin, id-dispożizzjonijiet ta' JAR-OPS 3 huma trasposti fl-IRs proposti sabiex jippermettu li dawn l-operazzjonijiet ikomplu sakemm ikunu disponibbli ħelikopters bi prestazzjoni aħjar. Saru ċerti adattamenti sabiex jakkomodaw, kemm jista' jkun, is-sitwazzjoni fl-Istati Membri.

296. Rekwiżit ġdid tal-awtorità (ARO.OPS.215) jeħtieġ li dawn iż-żoni muntajużi u remoti jkunu magħżula mill-Istat Membru u li jobbligaw lill-awtorità kompetenti sabiex din tirrevedi l-valutazzjoni tar-riskju u tqis il-ġustifikazzjoni teknika u ekonomika għat-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet qabel ma tapprovahom.

297. Se jiġi introdott GM ġdid sabiex jieħu post l-IEM għall-Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.005(e), sabiex jiġu ċċarati ċ-ċirkustanzi li fihom jistgħu jinkisbu l-approvazzjonijiet.

298. Uħud mill-Istati Membri u l-partijiet interessati jargumentaw li r-regola proposta ma għandhiex tiġi limitata għal żoni muntajużi u remoti iżda anki tippermetti li jsiru operazzjonijiet fi kwalunkwe ambjent ostili. Madanakollu, fi ħdan il-perjodu ta' żmien disponibbli, il-partijiet interessati u l-Aġenzija ma setgħux jiġbru d-dejta xierqa u jistabbilixxu każ ta' riskju għas-sikurezza li jkun juri l-ħtieġa li jerġa' jiġi kkunsidrat il-prinċipju bażiku li fuqu hija msejsa l-JAR-OPS 3, li kien għall-flotot ta' tranżizzjoni għal ħelikopters b'ħafna magni, minħabba l-avvanzi teknoloġiċi sussegwent u l-affidabilità miżjuda tal-ħelikopters b'magna waħda. Għaldaqstant, l-Aġenzija tqis li għalissa għadu kmieni wisq sabiex tagħmel bidliet sostanzjali fir-regola. Bdiet tiġbor id-dejta xieraq u huwa previst li tibda kompitu ta' tfassil tar-regoli ġdid dwar din il-kwistjoni. Dan il-kompitu ta' tfassil tar-regoli se jindirizza wkoll l-użu ta' ħelikopters b'magni li jirreċiprokaw.

CAT.POL.MAB: Sezzjoni 5 – Massa u bilanċ

Ġenerali

299. Din is-Sezzjoni tittrasponi s-Subparti J tal-EU-OPS u l-JAR-OPS 3.

300. Din is-Sezzjoni tikkonsisti f'żewġ Kapitoli:

- Kapitolu 1 – Inġenji tal-ajru li jaħdmu bil-mutur;
- Kapitolu 2 – Inġenji tal-ajru li ma jaħdimux bil-mutur.

301. Din l-Opinjoni tkopri biss il-Kapitolu 1.

Kapitolu 1 – Inġenji tal-ajru li jaħdmu bil-mutur

Kwistjonijiet speċifiċi

302. Ir-rekwiżiti ta' massa u bilanċ għal inġenji tal-ajru li jaħdmu bil-mutur inżammu flimkien peress ftit differenzi biss ġew identifikati bejn ajruplani u ħelikopters. It-test li jirriżulta huwa allinjat kemm jista' jkun mar-rekwiżiti oriġinali tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3. Madanakollu, ġie simplifikat u l-bilanċ bejn il-livell tar-regola u l-

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

AMC ġie mtejjeb, sabiex jippermetti biżżejjed flessibilità u sabiex ikopri ċirkustanzi operattivi differenti.

303. Għalissa, inżammu r-rekwiżiti għall-ippeżar tal-inġenji tal-ajru f'CAT.POL.MAB.100(b). Se jiġu inkorporati fil-Parti-M fi ħdan il-kompitu ta' tfassil tar-regoli MDM.047. Dan il-kompitu se jinkludi valutazzjoni tas-soġġetti/organizzazzjoni intitolati li jwettqu l-ippeżar ta' inġenju tal-ajru.

304. Fil-CAT.POL.MAB.100(f), ġew inklużi kriterji addizzjonali għall-approvazzjoni ta' mases standard għall-oġġetti ta' tagħbija li mhumiex passiġġiera u bagalji.

305. Approvazzjoni għall-omissjoni ta' ftit mid-dejta mid-dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ li tħassret f'CAT.POL.MAB.105(a) peress li huwa maħsub li dik id-dejta mhijiex nieqsa iżda mogħtija xi mkien ieħor b'mod li huwa lest għall-użu.

306. Id-dispożizzjonijiet dwar id-dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ twessgħu (CAT.POL.MAB.105(e)) sabiex ikopru l-użu ta' tipi differenti ta' sistemi ta' massa u bilanċ abbord, li jindirizzaw sistemi eżistenti mhux koperti mill-EU-OPS / JAR-OPS 3.

VIII:CAT.IDE: Subparti D – Strument, dejta, tagħmir

307. Din is-Subparti fiha rekwiżiti ġenerali għal operazzjonijiet ta' CAT. Tikkonsisti f'erba' Sezzjonijiet:

- Sezzjoni 1 – Ajruplani;
- Sezzjoni 2 - Ħelikopters;
- Sezzjoni 3 – Gliders; u
- Sezzjoni 4 - Blalen tal-arja.

308. Din l-Opinjoni fiha s-Sezzjonijiet 1 u 2.

309. Is-Sezzjoni 1 u 2 tittrasponi s-Subparti K u L tal-EU-OPS u tal-JAR-OPS 3.

310. It-test ġie abbozzat b'mod ġenerali filwaqt li żamm l-għanijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni fejn dan kien prattiku, jiġifieri fil-livell tar-regola u jagħti speċifikazzjonijiet tas-sistemi/tagħmir u l-mezzi ta' konformità fil-livell tal-AMC.

311. Ir-rekwiżiti ta' tagħmir ġew separati mir-rekwiżiti purament operattivi, eżempju dwar l-użu tat-tagħmir, li huma indirizzati kif xieraq f'CAT.OP.

312. In-numru tar-regoli nżammew b'mod konsekuttiv f'kull sezzjoni, filwaqt li jagħtu l-istess numru u titlu lir-regoli dwar l-istess suġġett għal ajruplani u ħelikopters. Kull meta regola kienet partikolari għall-ajruplani, dak in-numru nqabeż għall-ħelikopters u viċe versa.

313. Ġew iċċarati r-rekwiżiti ta' approvazzjoni f'CAT.IDE.A/H.100 dwar l-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa mis-Subparti CAT.IDE, b'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti-21. Ġew miżjuda dispożizzjonijiet addizzjonali sabiex jiġi żgurat li l-istrumenti u t-tagħmir mhux meħtieġa mill-Parti-CAT li ma għandhomx għalfejn jiġu approvati b'konformità mal-Parti-21 ma jintużawx għal funzjonijiet ta' sikurezza u ma jaffettwawx l-ajrunavigabbilità.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

314. Ġie introdott rekwiżit ġdid, CAT.IDE.A/H.105 Tagħmir minimu għat-titjiriet, sabiex jindirizza l-operazzjonijiet b'elementi li tħassru b'konformità mal-OPS 1.030/3.030.

315. Ir-rekwiżiti għar-reġistraturi tad-dejta tat-titjiriet ġew aġġornati b'konformità mal-NPA-OPS 39B (FDR tat-Tip 1A). Ir-Reġistrazzjoni ta' Komunikazzjonijiet tad-Data Link għal Ajruplani Mibnija Ġodda tal-NPA-OPS 48A u r-Reġistraturi tad-dejta tat-titjiriet tat-Tip IVA għal ħelikopters tal-NPA-OPS 67 ittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll.

316. Tħassret l-ewwel parti tar-rekwiżit oriġinali dwar it-tagħmir għat-titjiriet f'kundizzjonijiet ta' silġ f'CAT.IDE.A/H.165, hekk kif din diġà hija koperta fir-Rekwiżit Essenzjali 2.a.5.

317. Idealment, id-data sabiex ir-reġistrazzjoni tal-komunikazzjoni tad-data link issir obbligatorja għandha tikkorrispondi mad-data meta d-data link tintuża għal komunikazzjonijiet essenzjali ta' VHF. Madanakollu, diversi kummenti talbu avviż suffiċjenti sabiex jevitaw modernizzazzjoni għolja. Għaldaqstant, huwa propost li r-reġistrazzjoni tal-komunikazzjoni tad-data link issir obbligatorja sentejn wara li jidħol fis-seħħ ir-Regolament tal-OPS, jiġifieri fit-8 ta' April 2014.

318. CAT.IDE.A(H).250 Fire extinguishers li jistgħu jinġarru: tneħħew id-dispożizzjoni tal-OPS li tobbliga l-użu tal-aġent li jitfi n-nar Halon sabiex ikun hemm konformità mar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 li se jipprojbixxu l-użu tiegħu. Ir-regola għandha għan ta' sikurezza ġenerali dwar l-effiċjenza tal-aġent ta' tifi tan-nar. Dan jippermetti l-użu ta' Halon fil-perjodu ta' tranżizzjoni.

319. Tħassar ir-rekwiżit relatat mal-indikatur tar-radjazzjoni kożmika (OPS 1.680/3.680) hekk kif ir-Regolament Bażiku, li jindirizza biss il-mitigazzjoni tar-riskji għas-sikurezza, ma jipprovdix il-bażi legali għat-traspożizzjoni tagħhom, jiġifieri problemi ta' saħħa. Din it-tneħħija tevita wkoll sovrappożizzjoni ma' leġiżlazzjoni Ewropea oħra, b'mod partikolari dik relatata mas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jew il-protezzjoni kontra r-radjazzjonijiet (Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996).

Sezzjoni 1 – Ajruplani

320. Żdiedu r-rekwiżiti dwar fjusis elettriċi żejda (CAT.IDE.A.110), b'konformità mal-ICAO u l-EU-OPS u l-NPA-OPS 43 tal-JAA.

321. L-eżenzjoni mir-riskju għal uħud mill-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa f'operazzjonijiet ta' VFR matul il-ġurnata, għal dawk l-inġenji tal-ajru fejn il-konformità tkun teħtieġ modernizzazzjoni u li kienu soġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità, issa hija direttament mogħtija fir-regola sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi fost l-Istati Membri.

322. Ġie miżjud ir-rekwiżit għal sistema ta' trażżin mill-parti ta' fuq tat-torso (UTR) fuq ajruplani żgħar, CAT.IDE.A.205, b'konformità mal-NPA 26-20 għal ajruplani b'MTOM ta' inqas minn 5 700 kg, wara rakkomandazzjoni mill-bord tal-investigazzjoni ta' inċident indirizzata lis-CAA tar-Renju Unit u wara studju sussegwenti mwettaq mis-CAA tar-Renju Unit.

323. Ġiet ipprovduta wkoll definizzjoni ta' UTR sabiex tiġi pprovduta flessibilità għas-soluzzjonijiet eżisteneti tad-disinjar. L-evalwazzjoni tal-kummenti wriet biċ-ċar li l-

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

EU-OPS ma kinitx konsistenti fl-użu tat-terminu "ċineg tas-sigurtà". Filwaqt li jidher li hemm fehim komuni li ċinga tas-sigurtà tinkludi ċinturin tas-sigurtà u żewġ ċineg madwar l-ispalel, hemm għadd ta' ajruplani li jistgħu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti applikabbli. L-eżenzjonijiet rċivuti mill-Kummissjoni Ewropea taħt l-EU-OPS jikkonfermaw din li-fehma. Daħlu diversi kummenti sabiex jitħalla jsir użu minn ċinturini tas-sigurtà b'ċinga djagonali mal-ispalla fuq is-sit tal-osservatur fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira f'ajruplani fejn l-immuntar ta' ċineg b'erba' punti ma jkunx prattikabbli. Meta jitqiesu l-aħħar żviluppi fid-disinjar intern tal-inġenji tal-ajru, soluzzjonijiet ta' disinjar differenti għas-sistemi ta' trażżin mill-parti ta' fuq tat-torso jistgħu jipprovdu l-istess livell ta' sikurezza mtejba għal dawk is-sits tal-osservatur.

324. Ġew introdotti r-rekwiżiti dwar il-Klassi A u l-Klassi B tat-TAWS (CAT.IDE.A.150) b'konformità mal-NPA-OPS 39B.

Sezzjoni 2 – Ħelikopters

325. Tinżamm l-eżenzjoni parzjali għar-rekwiżiti ta' ossiġnu għall-bdoti (CAT.IDE.H.240), kif oriġinarjament stipulata f'JAR-OPS 3, għal ħelikopters li mhumiex kumplessi operati bejn 10 000 pied u 13 000 pied, wara l-kummenti għas-CRD. Eżenzjonijiet ulterjuri għall-inkursjonijiet qosra ta' bejn 13 000 pied u 16 000 pied, oriġinarjament previsti mill-JAR-OPS 3 taħt approvazzjoni speċifika tal-awtorità, se jkollhom jiġu ġestiti permezz tal-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku. Dawn l-eżenzjonijiet ulterjuri mhumiex konformi mas-SARPs tal-ICAO u sabiex jiġu approvati, iridu jkunu bbażati fuq miżuri ta' mitigazzjoni speċifiċi (eż. l-esperjenza tal-operatur, l-adattament psikoloġiku ta' bdot għal ċerti altitudnijiet. Barra minn hekk, ġeneralment dawn ikunu jistgħu jinkisbu biss f'ċerti reġjuni (jiġifieri żoni muntanjużi).

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Anness V - Parti-SPA

I. Kamp ta' applikazzjoni

326. Il-Parti-SPA fiha rekwiżiti tal-operatur għal operazzjonijiet li jeħtieġu approvazzjonijiet speċifiċi.

327. Il-Parti-SPA tikkonsisti f'10 Subpartijiet:

- l-ewwel Subparti fiha rekwiżiti ġenerali, li huma applikabbli għad-disa' approvazzjonijiet speċifiċi kollha indirizzati fil-Parti-SPA;
- kull wieħed mir-rekwiżiti għad-disa' approvazzjonijiet speċifiċi jingħata f'Subparti separata.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-Parti-SPA.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Tabella 11: Struttura tal-Parti-SPA



328. Ir-rekwiżiti tal-Parti-SPA huma applikabbli għall-operaturi kummerċjali kif ukoll għal dawk mhux kummerċjali bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

- SPA.ETOPS japplikaw biss għal operazzjonijiet ta' CAT ta' ajruplani; u
- SPA.NVIS, SPA.HHO u SPA.HEMS japplikaw biss għal operazzjonijiet ta' CAT ta' ħelikopters.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

II. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti

329. B'mod ġenerali, il-kummenti li daħlu wrew approġġ globali għall-verżjoni tas-CRD tal-Parti-SPA.

III. Ħarsa ġenerali lejn id-differenzi

Differenzi mill-EU-OPS / JAR-OPS 3

330. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-differenzi intenzjonali mill-EU-OPS u l-JAR-OPS 3.

Tabella 9: Differenzi mill-EU-OPS/JAR-OPS 3

Referenza għall-EU-OPS/JAR-OPS3	Referenza għall-EASA-EU	Deskrizzjoni tad-differenza	Ġustifikazzjoni
Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.005(d) is-subparagrafu (c)(2)	SPA.HEMS.125	Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni ġew emendati sabiex jirreflettu l-WP tal-HSST tal-JAA u l-pożizzjonijiet tal-partijiet interessati wara l-konsultazzjoni dwar l-NPA.	Inklużjoni ta' WP ta' HSST ta' JAA.
Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.175	N/A	Tħassir tal-approvazzjoni offshore.	Ma ġewx provduti kriterji objettivi fil-JAR-OPS 3.

Differenzi mill-Anness 6 tal-ICAO

331. L-Opinjoni ma fihiex rekwiżiti li jkunu inqas restrittivi mill-istandards attwalment applikabbli tal-ICAO.

IV. Lista ta' kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli

332. Matul il-fażijiet ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, ġew identifikati għadd ta' elementi li – li kieku ġew indirizzati f'din l-Opinjoni - kienu jmorru ferm lil hinn mill-mandat tal-Aġenzija ta' traspożizzjoni tal-kontenut tar-regoli eżistenti. Madanakollu, dawn l-elementi ġew dokumentati u se jiġu indirizzati f'kompiti ta' tfassil tar-regoli separati sabiex tkun tista' ssir konsultazzjoni xierqa mal-partijiet interessati filwaqt li jkunu involuti. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali tal-kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Tabella 10: Kompiti proposti ta' tfassil tar-regoli

Referenzi għall-parti, għar-regoli	Kamp ta' applikazzjoni	Referenza għall-RMP
SPA	Approvazzjoni għat-twettiq ta' operazzjonijiet	OPS.093
SPA.LVO, CAT.OP.MPA.110, SPA.ETOPS	Bidla radikali tas-Subparti E tal-EU-OPS. B'mod partikolari, din tikkonċerna r-regoli dwar l-operazzjonijiet ta' APV, operazzjonijiet ta' CAT I ta' LTS, operazzjonijiet ta' CAT II ta' OTS u operazzjonijiet li jużaw EVS, l-emendi reċenti tas-SARPs tal-ICAO, l-avvanzi teknoloġiċi l-ġodda, bħas-sistemi ta' viżjoni sintetika (SVS).	OPS.083
SPA.NVIS	L-iżvilupp ta' regoli proporzjonati għall-operazzjonijiet ta' NVIS għal operazzjonijiet li mhumiex CAT(H)	OPS.096
SPA.HHO	L-iżvilupp ta' sezzjoni waħda għall-operazzjonijiet esterni umani kollha, minflok ma jkun hemm dawn ir-rekwiżiti maqsuma bejn il-Parti-SPA u l-Parti-SPO.	OPS.067
SPA.HEMS	Traspożizzjoni tat-TGL-43 tal-JAA	OPS.057

V. SPA.GEN: Subparti A – Rekwiżiti ġenerali

Ġenerali

333. Din is-Subparti fiha rekwiżiti ġenerali għal operaturi sabiex jiksbu u jibqa' jkollhom approvazzjoni speċifika. Din is-Subparti għandha tinqara flimkien mas-Subparti li fiha r-rekwiżiti għal approvazzjoni speċifika.

SPA.GEN.100 Awtorità kompetenti

334. Dan ir-rekwiżit jiddefinixxi l-awtorità kompetenti u jagħmel distinzjoni bejn operaturi kummerċjali u mhux kummerċjali.

335. Sabiex tinżamm il-konformità mal-Parti II tal-Anness 6 tal-ICAO, dan ir-rekwiżit jistipula li għal operaturi kummerċjali li jużaw inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz, l-approvazzjonijiet speċifiċi għall-PBD, MNPS u RVSM għandhom jinħarġu mill-Istat tar-Reġistru tal-pajjiż terz.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

SPA.GEN.105 Applikazzjoni għal approvazzjoni speċifika

336. L-Aġenzija inkludiet referenza għad-"dejta dwar l-adegwatezza operazzjonali (OSD) stabbilita b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003". Id-dejta dwar l-adegwatezza operazzjonali hija sett ta' dejta li hi meħtieġa li tiġi prodotta mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni tat-tip sabiex tappoġġja l-operazzjoni sigura tat-tip ta' inġenju tal-ajru. Partijiet minn din id-dejta se jsiru mandatorji għall-operaturi għax dawn iridu jiżviluppaw il-lista ta' tagħmir minimu (MEL) u l-programmi ta' taħriġ tagħhom fuq il-bażi ta' din id-dejta. Għaldaqstant, l-OSD tirrappreżenta rekwiżiti minimi għal tip ta' inġenju tal-ajru sabiex jiġi żgurat livell armonizzat ta' sikurezza.

337. Is-CRD għall-NPA 2009-01 "Iċ-Ċertifikat tal-Adegwatezza Operazzjonali" u d-"Direttivi dwar is-Sikurezza", ippubblikati fit-13 ta' Mejju, jipprovdi spjegazzjonijiet.

SPA.GEN.110 Privileġġi ta' operatur li għandu approvazzjoni speċifika

338. Ir-rekwiżit jiddikkjara li approvazzjonijiet speċifiċi huma dokumentati għal operazzjonijiet mhux kummerċjali fil-"Lista ta' Approvazzjonijiet Speċifiċi" u għal operazzjonijiet kummerċjali fl-"Ispeċifikazzjonijiet tal-Operazzjonijiet" (OPSPECS). Ir-rekwiżiti korrispondenti tal-awtorità huma speċifikati fil-Parti-ARO. Il-formoli għall-"OPSPECS" u l-"Lista ta' Approvazzjonijiet Speċifiċi" huma pprovduti bħala Appendiċi II u III għall-Parti-ARO.

SPA.GEN.115 Bidliet fl-operazzjonijiet soġġetti għal approvazzjoni speċifika

339. Dan ir-rekwiżit jispeċifika li kwalunkwe bidla li taffettwa l-kundizzjonijiet ta' approvazzjoni speċifika teħtieġ approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti. Din tinkludi l-iżvilupp ta' mezzi alternattivi ta' konformità.

340. Għaldaqstant, għandu jiġi osservat li r-rekwiżiti tal-SPA u l-materjal tal-AMC korispondenti ġew żviluppati bil-ħsieb li l-mezzi alternattivi ta' konformità proposti minn operaturi kummerċjali u mhux kummerċjali jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tagħhom.

SPA.GEN.120 Validità kontinwa ta' approvazzjoni speċifika

341. Dan ir-rekwiżit huwa bbażat fuq il-kunċett ta' validità kontinwa tal-approvazzjonijiet, li huwa konformi mal-approċċ meħud għall-approvazzjonijiet u ċ-ċertifikati kollha relatati mal-operatur.

342. L-Aġenzija żiedet referenza għall-OSD bħala kriterji addizzjonali għall-kontinwazzjoni tal-validità ta' approvazzjoni speċifika.

VI. SPA.PBN: Subparti B – Operazzjonijiet ta' navigazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni (PBN)

Ġenerali

343. Din is-Subparti tindirizza l-approvazzjoni speċifika għal operazzjonijiet fi spazju tal-ajru magħżul fejn huma stabbiliti l-ispeċifkazzjonijiet tan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (PBN). Tinkludi l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

- RNAV10;
- RNP4;
- RNAV1;
- Basic-RNP1;
- RNP APCH;
- RNP AR APCH[51].

344. Din is-Subparti tittrasponi l-EU-OPS 1.243.

SPA.PBN.100 Operazzjonijiet ta' PBN

345. L-Aġenzija teħtieġ approvazzjoni speċifika għall-operazzjonijiet ta' PBN (Performance-Based Navigation) kollha ħlief għal RNAV5 (B-RNAV). L-Aġenzija kkonkludiet li l-operazzjonijiet fl-ispazju tal-ajru tal-RNVA5 ma jikkostitwixxux operazzjoni kritika għas-sikurezza li għaliha tkun ġustifikata approvazzjoni speċifika.

346. L-Aġenzija qablet mal-fehma ta' uħud mill-operaturi mhux kummerċjali sabiex issir distinzjoni bejn l-operazzjonijiet kummerċjali u l-operazzjonijiet mhux kummerċjali u sabiex jerġgħu jiġu valutati l-ħtieġa u l-korrettezza tal-kunċett ta' approvazzjonijiet operattivi. Għaldaqstant, l-Aġenzija beħsiebha tniedi l-kompitu ta' tfassil tar-regoli MDM.062 bil-kamp ta' applikazzjoni li ġej:

- l-iżvilupp tar-regoli għall-Parti-FCL dwar ir-rekwiżiti ta' taħriġ ta' operazzjonijiet ta' PBN;
- ir-reviżjoni tal-ġustifikazzjoni għall-ħtieġa ta' approvazzjoni operattiva għal kull operazzjoni ta' PBN għall-operaturi ta' CAT, NCC u NCO u l-valutazzjoni ta' jekk hemmx alternattivi għall-approvazzjoni operattiva, eż. rekwiżiti fil-Parti-FCL; u
- l-iżvilupp ta' AMC għall-approvazzjoni operattiva f'SPA.PBN li jibni fuq il-materjal eżistenti tal-AMC 20.

347. GM għal dan ir-rekwiżit se jipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar il-kriterji għall-approvazzjoni u l-operazzjoni kif speċifikat fil-materjal ta' AMC 20 u/jew fid-Dok 9613 tal-ICAO (Manwal dwar il-PBN).

VII. SPA.MNPS: Subparti C – Operazzjonijiet bi prestazzjoni ta' navigazzjoni minima speċifikata (MNPS)

Ġenerali

348. Din is-Subparti fiha r-rekwiżiti għall-approvazzjoni speċifika sabiex jitħallew isiru operazzjonijiet fi spazju tal-ajru magħżul bi speċifikazzjonijiet minimi tal-

---

[51] RNAV: navigazzjoni taż-żona (area navigation); RNP: prestazzjoni tan-navigazzjoni meħtieġa (required navigation performance); AR: awtorizzazzjoni meħtieġa (authorisation required); APCH: avviċinament (approach).

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

prestazzjoni ta' navigazzjoni (MNPS) b'konformità mal-Proċeduri Supplementari Reġjonali.

349. Is-Subparti MNPS tittrasponi l-EU-OPS 1.243 u 1.870.

VIII. SPA.RVSM: Subparti D – Operazzjonijiet fi spazju tal-ajru b'separazzjoni vertikali imnaqqsa minima (RVSM)

Ġenerali

350. Din is-Subparti fiha r-rekwiżiti għall-approvazzjoni speċifika sabiex ikunu jistgħu jsiru operazzjonijiet fi spazju tal-ajru magħżul fejn japlika minimu ta' separazzjoni vertikali mnaqqsa ta' 300 m (1 000 pied).

351. Din is-Subparti tittrasponi l-EU-OPS 1.241 u fiha partijiet tat-test tar-regola tat-TGL 6 (il-Materjal ta' gwida dwar l-approvazzjoni ta' inġenju tal-ajru u operaturi għat-titjir fi spazju tal-ajru ogħla minn FL 290 fejn japplika minimu ta' separazzjoni vertikali ta' 300 m (1 000 pied)).

IX. SPA.LVO: Subparti E - Operazzjonijiet f'viżibilità baxxa (LVO)

Ġenerali

352. Din is-Subparti fiha l-approvazzjoni speċifika għal operazzjonijiet f'viżibilità baxxa, li jikkonsistu fl-operazzjonijiet li ġejjin:

- operazzjoni ta' tluq f'viżibilità baxxa (LVTO - low visibility take-off);
- operazzjoni inqas mill-Kategorija Standard I (LTS CAT I);
- operazzjoni tal-Kategorija Standard II (CAT II);
- operazzjoni li mhijiex tal-Kategorija Standard II (OTS CAT II);
- operazzjoni tal-Kategorija Standard III (CAT III); u
- operazzjoni ta' avviċinament li tuża sistemi ta' viżjoni mtejba (EVS) li għaliha hu applikat kreditu operattiv fuq il-minimi tal-medda viżwali tar-runway (RVR).

353. Din is-Subparti tittrasponi r-regoli relatati mal-LVO tas-Subparti E tal-EU-OPS u l-JAR-OPS 3.

SPA.LVO.100 Operazzjonijiet f'viżibilità baxxa (LVO)

354. Dan ir-rekwiżit jiddefinixxi liema operazzjonijiet jikkostitwixxu LVO.

355. L-LVOs flimkien mal-aktar minimi operattivi baxxi huma definiti fl-"Anness I – Definizzjonijiet għat-termini użati fl-Annessi II sa VIII" (Anness I - Definizzjonijiet).

356. B'konformità mal-EU-OPS, l-operazzjonijiet ta' LVTO huma definiti bħala tluq b'RVR ta' inqas minn 400 m. L-EU-OPS teħtieġ programm ta' taħriġ għal-LVTO u approvazzjonijiet speċifiċi ulterjuri addizzjonali għat-tluq b'RVR ta' inqas minn 150

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

m u għat-tluq b'RVR ta' inqas minn 125 m. Ir-rekwiżit propost huwa allinjat ma' dawn id-dispożizzjonijiet iżda jibdel ftit il-kunċett. Hemm biss approvazzjoni waħda għal-LVTO, li tkun tispeċifika l-minimu operattiv approvat.

357. L-Aġenzija hija tal-istess fehma bħall-parti l-kbira tal-partijiet interessati li l-EU-OPS tikklassifika l-operazzjonijiet ta' EVS bħala LVO, eż. fl-Appendiċi 1 għall-OPS 1.450 jew fl-Appendiċi 1 għall-OPS 1.455. It-test tar-regola propost jiċċara li huma biss operazzjonijiet ta' EVS bħal dawn li għandhom jiġu ttrattati bħala LVOs li għalihom japplikaw il-krediti operattivi dwar il-minimi tal-RVR.

SPA.LVO.110 Rekwiżiti operattivi ġenerali

358. L-Aġenzija tittrasponi l-kontenut tal-Appendiċi 1 għall-OPS 1.455 (b)(2)(ix), li jeħtieġ altimetru tar-radju sabiex jiġu determinati l-għoli ta' "call-out" ta' inqas minn 200 pied fuq il-livell limitu tal-ajrudrom.

359. Għall-operazzjonijiet ta' LVO li jużaw EVS, għadhom qed jiġu valutati l-emendi possibbli għar-rekwiżiti dwar it-tagħmir tal-EU-OPS attwali sabiex jiġi determinat l-għoli tal-"call-out" kif ukoll l-implikazzjonijiet tiegħu fuq il-minimi operattivi tal-ajrudrom għal operazzjonijiet ta' NPA, APV u PA filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni.

SPA.LVO.115 Kunsiderazzjonijiet tal-ajrudrom

360. Dan ir-rekwiżit jiċċara li, b'konformità mal-EU-OPS, LVO tista' titwettaq biss jekk l-ajrudrom magħżul stabbilixxa proċeduri ta' viżibilità baxxa (LVP - low visibility procedures). Dan ir-rekwiżit japplika għall-operazzjonijiet kollha b'viżibilità ta' inqas minn 800 m.

361. Subparagrafu addizzjonali jeħtieġ li, f'ajrudromi barra l-Unjoni Ewropea, fejn jaf ma jintużax it-terminu LPV, l-operatur għandu jiżgura li għal dawn l-ajrudromi hemm fis-seħħ proċeduri ekwivalenti li jaderixxu mar-rekwiżiti tal-LVP.

Kompiti ta' tfassil tar-regoli fil-ġejjieni

362. Fi ħdan il-mandat mogħti lill-Aġenzija, it-test tar-regola eżistenti tal-EU-OPS ġie revedut biss fejn kien hemm il-ħtieġa li jiġu rettifikati żbalji ovji, emendi essenzjali kienu meħtieġa fl-interess tas-sikurezza, jew fejn l-intenzjoni tar-regola kienet ambigwa.

363. L-Aġenzija hija tal-fehma li hija meħtieġa bidla radikali dettaljata tar-rekwiżiti li ġejjin mis-Subparti E. B'mod partikolari, din tkun tikkonċerna r-regoli dwar l-operazzjonijiet ta' APV (proċedura ta' avviċinament bi gwida vertikali), l-operazzjonijiet ta' LTS CAT I, OTS CAT II u operazzjonijiet bl-EVS. Għal dan, huwa meħtieġ kompitu ta' tfassil tar-regoli ddedikat, li jieħu f'kunsiderazzjoni wkoll l-emendi reċenti tas-SARPs tal-ICAO u l-avvanzi teknoloġiċi l-ġodda, bħas-sistemi ta' viżjoni sintetika (SVS) u sistemi ta' viżjoni kombinati (CVS).

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

X. SPA.ETOPS: Subparti F – Operazzjonijiet ta' distanza estiża li jsiru minn ajruplani b'żewġ magni (ETOPS)

Ġenerali

364. Din is-Subparti fiha r-rekwiżiti għall-approvazzjoni speċifika għal operazzjonijiet ta' distanza estiża li jsiru minn ajruplani b'żewġ magni skont l-operazzjonijiet ta' CAT.

365. Din is-Subparti tittrasponi l-EU-OPS 1.246.

Kompiti ta' tfassil tar-regoli attwali u fil-ġejjieni

366. Għandu jiġi osservat li dawn ir-rekwiżiti se jġarrbu emendi ulterjuri fil-futur qarib għar-raġunijiet li ġejjin:

- il-materjal tal-AMC 20-6 korrispondenti kien propost fl-NPA 2008-01 u d-Deċiżjoni ġiet ippubblikata fis-16 ta' Diċembru 2010;
- kmieni fl-2012, l-ICAO hi mistennija tippubblika ittra tal-istat li fiha l-emendi proposti għall-operazzjonijiet ta' distanza estiża li ma jkoprux biss ajruplani b'żewġ magni iżda anki ajruplani b'aktar minn żewġ magni; u
- kif imsemmi aktar 'il fuq, il-minimi ta' ppjanar għall-ajrudrom alternattiv tal-ETOPS jistgħu jiġu aġġornati sabiex jinkludu l-operazzjonijiet ta' APV.

XI: SPA.DG: Subparti G – Trasport ta' oġġetti perikolużi

Ġenerali

367. Din is-Subparti fiha l-approvazzjoni speċifika għat-trasport ta' oġġetti perikolużi kif definit fl-Istruzzjonijiet Tekniċi tal-ICAO. Tittrasponi is-Subparti R tal-EU-OPS / JAR-OPS 3 u l-NPA-OPS 70 tal-JAA.

Tqabbil mal-EU-OPS/JAR-OPS 3

368. L-Aġenzija tipproponi referenza dinamika għall-Istruzzjonijiet Tekniċi tal-ICAO. Għaldaqstant, siltiet mill-Istruzzjonijiet Tekniċi mhumiex imtennija fl-IRs. Għaldaqstant, SPA.DG hija iqsar mis-Subpartijiet R tal-EU-OPS u JAR-OPS 3. Ġew speċifikati dawk ir-rekwiżiti li jispeċifikaw responsabbiltajiet partikolari biss.

XII. SPA.NVIS: Subparti H - Operazzjonijiet bil-ħelikopter b'sistemi ta' reġistrazzjoni ta' immaġnijiet b'viżjoni fid-dlam

Ġenerali

369. Din is-Subparti fiha l-approvazzjoni speċifika għal operazzjonijiet skont il-VFR matul il-lejl bl-għajnuna tas-sistemi ta' reġistrazzjoni ta' immaġnijiet b'viżjoni fid-dlam (NVIS) f'operazzjonijiet ta' CAT ta' ħelikopters. Tittrasponi l-JAR-OPS 3.005(j) u t-TGL-34.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

370. It-TGL-34, meta ġiet inizjalment abbozzata, kienet parzjalment ibbażata fuq l-esperjenza militari u kien fiha elementi li kienu speċifiċi għall-operazzjonijiet militari, eż. rakkomandazzjoni sabiex jintużaw dwal infrared. F'operazzjonijiet ta' CAT mhemm l-ebda ħtieġa li jitwettqu operazzjonijiet sigrieta u dawn ir-rakkomandazzjonijiet tneħħew.

SPA.NVIS.100 Operazzjonijiet b'sistema ta' reġistrazzjoni ta' immaġnijiet b'viżjoni fid-dlam (NVIS)

371. It-test ġie inkluż sabiex jillimita l-applikazzjoni għal dawk l-operaturi ta' ħelikopters li għandhom AOC għal operazzjonijiet ta' CAT.

SPA.NVIS.120 Minimi operattivi bl-NVIS

372. Il-minimi operattivi tal-NVIS ma għandhomx ikunu inqas mill-minimi tat-temp tal-VFR għat-tip ta' operazzjonijiet imwettaq bil-lejl. L-NVIS hija għajnuna sabiex jitjiebu is-sinjali viżivi bil-lejl; għaldaqstant, il-minimi ta' VFR bil-lejl jibqgħu kif definiti għall-attività li għaliha jintużaw l-NVIS, eż. il-minimi tal-HEMS japplikaw meta l-HEMS jitwettqu bl-għajnuna tal-NVIS.

SPA.NVIS.130 Rekwiżiti tal-ekwipaġġ għal operazzjonijiet ta' NVIS

373. It-test ġie adattat sabiex jagħmel differenza, għall-finijiet ta' ffurmar tal-ekwipaġġ, bejn dak li huwa meħtieġ għaċ-ċertifikazzjoni, it-tipi speċifiċi ta' operazzjoni u l-manwal tal-operazzjoni. Ir-regola ġiet adattata billi nqasmet f'subparagrafi li jistabbilixxu l-kriterji speċifiċi u l-għanijiet għall-għażla, l-esperjenza, il-kwalifika, il-modernizzazzjoni u l-iffurmar tal-ekwipaġġ. Ir-rekwiżiti ta' taħriġ u verifikar huma stabbiliti għall-ekwipaġġ tat-titjir u l-membri tal-ekwipaġġ tekniku.

SPA.NVIS.140 Informazzjoni u dokumentazzjoni

374. Dan il-paragrafu l-ġdid, meta mqabbel mat-TGL-34, jispeċifika liema elementi speċifiċi għall-NVIS iridu jiġu indirizzati fil-manwal tal-operazzjoni.

Kompiti ta' tfassil tar-regoli fil-ġejjieni

375. Il-possibilità ta' użu tal-NVIS għat-tipi kollha ta' inġenji tal-ajru kienet maħsuba fl-NPA 2009-02b. Madanakollu, it-TGL-34 ġiet żviluppata għal CAT b'ħelikopter u l-proposti tal-NPA setgħu jkunu wisq restrittivi għal operazzjonijiet oħrajn. Il-kwistjoni ta' rekwiżiti ddedikati tal-NVIS għal operazzjonijiet li mhumiex ta' CAT u operazzjonijiet li mhumiex bil-ħelikopter jistgħu jkunu soġġetti għal kompitu ta' tfassil tar-regoli fil-ġejjieni (OPS.096). Bħalissa, mhemm l-ebda għarfien dwar dawn l-operazzjonijiet u l-esperti għadhom ma ddeċidewx dwar x'jista' jkun proporzjonat għal dawk it-tipi ta' operazzjonijiet. Għaldaqstant, is-Subparti SPA.NVIS hija limitata għal operazzjonijiet ta' CAT bil-ħelikopter sakemm joħroġ l-eżitu ta' dan il-kompitu ta' tfassli ta' regoli fil-ġejjieni.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

XIII. SPA.HHO: Subparti I - Operazzjoni bil-parank tal-ħelikopter

Ġenerali

376. Din is-Subparti fiha r-rekwiżiti għall-approvazzjoni speċifika ta' operazzjoni bil-parank tal-ħelikopter (HHO). Tittrasponi l-Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.005(h) u l-abbozz tal-NPA-OPS 69 tal-JAA.

377. L-Aġenzija osservat li saru diversi kummenti li jindirizzaw l-operazzjonijiet bil-parank matul il-missjonijiet ta' tfittix u salvataġġ It-tfittxija u s-salvataġġ kif ukoll is-salvataġġ f'żoni muntanjużi huma meqjusa li jaqgħu barra l-mandat tal-Aġenzija. Għaldaqstant, dawn il-kummenti, li jindikaw li ċerti rekwiżiti ma għandhomx japplikaw għal operazzjonijiet bħal dawn, twarrbu.

378. Is-servizzi ta' tiftix u salvataġġ u servizzi simili jibqgħu r-responsabbiltà tal-Istati Membri individwali. L-Istati għandhom jiżguraw li dawn is-servizzi jitwettqu, kemm dan ikun prattikament possibbli, għall-għanijiet tar-Regolament Bażiku.

379. Għadd ta' kummenti saru fir-rigward tan-nuqqas ta' Regolamenti xierqa għax-xogħol fl-ajru. HHO, li diġà speċifikata fil-JAR-OPS 3, minn dejjem tqieset bħala attività ta' CAT– għalhekk, ir-rekwiżit għar-responsabbiltà għal ħsara fil-magna b'konformità mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tal-Klassi D tal-merkanzija esterna tal-bniedem (HEC - human external cargo). Il-klassijiet A, B u C (mhux attivitajiet ta' CAT) tal-HEC se jiġu indirizzati fil-Parti-SPO billi l-operatur ikun meħtieġ jistabbilixxi l-proċeduri operattivi standard (SOPs - standard operating procedures). Intlaħaq kunsens għal dan l-approċċ fi ħdan il-gruppi ta' reviżjoni.

SPA.HHO.100 Operazzjoni bil-parank tal-ħelikopter (HHO)

380. Din ir-regola issa fiha biss elementi għall-approvazzjoni addizzjonali tal-HHO; l-elementi l-oħra kollha huma koperti mill-ħruġ tal-AOC, li hija waħda mill-kundizzjonijiet li trid tintlaħaq. Għaldaqstant, ir-rekwiżit jindirizza biss varjazzjonijiet għall-AOC.

SPA.HHO.110 Rekwiżiti ta' tagħmir għall-HHO

381. L-HHO tindirizza operazzjonijiet ta' CAT (Klassi D tal-HEC); għaldaqstant, is-sistema ta' strument li jġorr il-persunal (PCDS - personnel carrying device system) hija soġġetta għall-approvazzjoni tal-ajrunavigabbilità. L-approvazzjoni għall-parank u t-tagħmir assoċjat se jkun fiha l-istruzzjonijiet dwar l-ajrunavigabbilità kontinwa u l-operatur hu responsabbli milli jiżgura li dawn jitwettqu.

SPA.HHO.115 Komunikazzjoni tal-HHO

382. It-test ġie mtejjeb sabeix jiġi ċċarat li l-"persunal fuq l-art" għandu jkun fis-sit operattiv tal-HHO. Madanakollu, meta titwettaq HHO f'sit operattiv tal-HEMS, jista' ma jkunx hemm il-persunal fuq l-art fuq il-post; għaldaqstant, ġiet inkluża eżenzjoni temporanja għal HHO f'sit operattiv tal-HEMS.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

SPA.HHO.125 Rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-HHO

383. L-HHO ma tiddependix fuq il-klassijiet ta' prestazzjoni; għaldaqstant, il-kwistjoni dwar il-prestazzjoni hija speċifikament indirizzata fi ħdan ir-regola.

384. Għadd ta' kummenti wrew tħassib dwar l-applikabilità tar-responsabbiltà għall-ħsara fil-magna. Ir-rekwiżit fundamentali rigward l-HHO mwettqa bħala CAT huwa li l-ħelikopter għandu jkun kapaċi jġarrab ħsara kritika fil-magna mingħajr perikli għall-persuna/kargu, il-partijiet terzi jew il-proprjetà abbord. Passiġġier li jħallas tariffa qed jiġi trasferit bil-parank u mhux membri tal-ekwipaġġ. Ir-responsabbiltà għall-ħsara fil-magna tipprekludi l-ħelikopters ċertifikati fil-Kategorija B milli jwettqu din it-tip ta' operazzjoni ta' CAT.

SPA.HHO.130 Rekwiżiti tal-ekwipaġġ għall-HHO

385. Ir-regola ġiet adattata billi nqasmet f'subparagrafi li jistabbilixxu kriterji u għanijiet speċifiċi għall-għażla, l-esperjenza, li-kwalifika, il-modernizzazzjoni u l-iffurmar tal-ekwipapp. Ir-rekwiżiti ta' taħriġ u verifika huma stabbiliti għall-ekwipaġġ tat-titjira u għall-ekwipaġġ tekniku, kif ukoll rekwiżit għall-għoti ta' informazzjoni fil-qosor għall-passiġġiera ta' HHO.

SPA.HHO.140 Informazzjoni u dokumentazzjoni

386. Diversi kummenti talbu l-introduzzjoni mill-ġdid ta' rekwiżit għal suppliment ta' manwal dwar l-operazzjonijiet. Ir-rekwiżit għal suppliment ma jkunx regola oġġettiva, hekk kif ikun jipprevjeni manwal tal-operazzjonijiet integrat. Madanakollu, dan il-paragrafu issa jiddefinixxi liema elementi speċifiċi għall-HHO għandhom jiġu indirizzati fil-manwal tal-operazzjonijiet meħtieġ minn ORO.MLR. Huwa f'idejn l-operatur li jiddeċiedi kif l-aħjar jinkludi dawn l-elementi, li jistgħu jkunu fil-forma ta' suppliment.

Kompiti ta' tfassil tar-regoli fil-ġejjieni

387. Daħlu kummenti rigward l-HHO f'operazzjonijiet mhux ta' CAT. Se jiġi mniedi kompitu ta' tfassil tar-regoli (OPS.067) sabiex jiġu eżaminati ulterjorment ir-regoli inklużi fil-Parti-SPO u jekk l-operazzjonijiet ta' HHO kollha humiex indirizzati fil-Parti-SPA.

XIV. SPA.HEMS: Subparti J - Operazzjonijiet ta' servizz mediku ta' emerġenza bil-ħelikopter

Ġenerali

388. Din is-Subparti fiha r-rekwiżit għall-approvazzjoni speċifika għas-servizz mediku ta' emerġenza bil-ħelikopters (HEMS). Tittrasponi l-Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.005(d) u parzjalment id-Dokument ta' Ħidma HSST-WP-07-03.4.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

Prestazzjoni tal-ħelikopter

389. Ir-regola ġiet irfinata sabiex tirrefletti aħjar il-filosofija tal-HEMS trasposta mill-JAA. Ir-rekwiżit issa jagħmel distinzjoni ċara bejn: il-'bażi operattiva ta' HEMS' - fejn, fil-każ ta' ambjent ostili b'konġestjoni, ma għandu jkun hemm 'l-ebda riskji'; l-isptar li jinsab f'ambjent ostili - fejn ir-riskju għandu jiġi minimizzat għal mira ta' sikurezza aċċettabbli - għalhekk, ir-referenza għall-approvazzjoni li tinsab f'CAT.POL.H.225; l-isptar li jinsab barra l-ambjent ostili f'konġestjoni - fejn CAT.POL.H.305 diġà tipprovdi l-eżenzjoni parzjali; u s-'siti operattivi ta' HEMS' - fejn ir-riskju huwa baxx daqs kemm hu raġonevolment prattikabbli.

SPA.HEMS.100 Servizz mediku ta' emerġenza bil-ħelikopters (HEMS)

390. Din is-sezzjoni issa fiha biss elementi għal approvazzjoni addizjonali ta' HEMS; l-elementi kollha l-oħra huma koperti mill-ħruġ tal-AOC, li huwa waħda mill-kundizzjonijiet li għandhom jintlaħqu. Għaldaqstant, ir-rekwiżit jindirizza biss varjazzjonijiet għall-AOC.

SPA.HEMS.120 Minimi operattivi ta' HEMS

391. Peress li l-ekwipaġġ minimu dejjem huwa bdot wieħed u membru tal-ekwipaġġ tekniku wieħed tal-HEMS, il-minimi operattivi tal-bdot wieħed japplikaw għall-iffurmar tal-ekwipaġġ. Il-minimi operattivi taż-żewġ bdoti japplikaw biss f'dawk il-każijiet fejn l-ekwipaġġ jikkonsisti f'żewġ bdoti. Il-membru tal-ekwipaġġ tekniku tal-HEMS mhuwiex bdot u għaldaqstant, l-operazzjoni ma tistax tiġi kkreditata b'dan il-mod. Il-fatt li l-minimi operattivi ta' bdot wieħed diġà huma inqas mill-minimi operattivi standard diġà jittieħed f'kunsiderazzjoni l-membri tal-ekwipaġġ tekniku tal-HEMS (ara wkoll SPA.HEMS.130).

SPA.HEMS.125 Rekwiżiti ta' prestazzjoni għal operazzjonijiet ta' HEMS

392. It-test żdied bħala riżultat mill-konsultazzjoni dwar HSST/WP-07/03.4. Ir-rekwiżiti jipprovdu għall-espożizzjoni (dan it-terminu jintuża sabiex jiġi evitat it-terminu korrett itwal 'operation mingħajr kapaċità ta' nżul furzat sigur garantita') matul it-tluq u l-inżul fil-każijiet definiti fil-paragrafu (b).

SPA.HEMS.130 Rekwiżiti tal-ekwipaġġ

393. Ir-regola ġiet adattata billi nqasmet f'subparagrafi li jistabbilixxu kriterji u għanijiet speċifiċi għall-għażla, l-esperjenza, il-kwalifika, il-modernizzazzjoni u l-iffurmar tal-ekwipaġġ. Ir-rekwiżiti ta' taħriġ u verifika huma stabbiliti għall-ekwipaġġ tat-titjira u għall-ekwipaġġ tekniku.

394. It-titjir ta' 30 minuta b'referenza unika għall-istrumenti għandu l-iskop ta' proċedura ta' mitigazzjoni għall-prevenzjoni ta' bdoti milli jitilfu l-kontroll meta mingħajr ma jridu jidħlu f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi tal-istrument (IMC - instrument meteorological conditions). Peress li din mhijiex proċedura rikonoxxuta fis-sens ta' FCL, ma hemm l-ebda bżonn sabiex din tkun meħtieġa tiġi mgħallma minn għalliem tat-titjir (FI).

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

395. Kemm għaċ-ċarezza legali kif ukoll minħabba l-kummenti li daħlu, iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li skonthom l-ekwipaġġ jista' jitnaqqas ġew spjegati f'dettall fil-paragrafu (e)(1).

SPA.HEMS.135 Għoti ta' informazzjoni fil-qosor lill-passiġġiera

396. Fi ħdan operazzjoni ta' HEMS huwa kemxejn komuni għall-pazjenti li jkunu inkonxji jew inkella taħt l-influwenza ta' sustanzi sal-punt sa fejn ikunu severament inkapaċitati. Barra minn hekk, jistgħu jkunu marbuta ma' streċer fejn ikun impossibbli għalihom li jiċċaqalqu. F'dawk il-każijiet, mhuwiex prattiku li tingħata l-informazzjoni fil-qosor b'mod simili għal din f'titjira 'normali' ta' trasportar ta' passiġġera. Huwa f'idejn il-kmandant u l-persunal mediku abbord sabiex jivvalutaw kemm il-pazjent huwa kapaċi jifhem dik l-informazzjoni fil-qosor, u sabiex jipprovdu informazzjoni fil-qosor li hija dipendenti fuq il-kundizzjoni medika tal-pazjent.

SPA.HEMS.140 Informazzjoni u dokumentazzjoni

397. Diversi kummenti talbu l-introduzzjoni mill-ġdid ta' rekwiżit għal suppliment ta' manwal tal-operazzjonijiet. Ir-rekwiżit għal suppliment ma jkunx regola objettiva, hekk kif ikun jipprevjeni manwal tal-operazzjonijiet integrati. Madanakollu, dan il-paragrafu issa jiddefinixxi liema elementi speċifiċi ta' HEMS għandhom jiġu indirizzati fil-manwal tal-operazzjonijiet meħtieġ minn ORO.MLR. Huwa f'idejn l-operatur sabiex jiddeċiedi dwar l-aħjar mod sabiex jinkludi dawn l-elementi, li jistgħu jingħata fil-forma ta' suppliment.

398. Diversi elementi li inizjalment kienu jinstabu fl-AMC/GM ġew inklużi fl-IR sabiex jibqgħu konsistenti matul l-approvazzjonijiet speċifiċi għall-operazzjonijiet bil-ħelikopter.

SPA.HEMS.150 Forniment ta' fjuwil

399. It-test ġie inkluż hekk kif kummentatur indirizza l-ħtieġa li jsiru d-dispożizzjonijiet xierqa għal operazzjonijiet ta' HEMS, fejn issuġġerixxa li l-eżenzjoni parzjali li kienet oriġinarjament tinstab fl-Appendiċi 1 għall-JAR-OPS 3.005(f) għandha tkun applikabbli anki għall-HEMS.

SPA.HEMS.155 Riforniment ta' fjuwil bil-passiġġiera li qed jitilgħu fuq, abbord jew li niżlin mill-inġenju tal-ajru

400. It-test ġie introdott mill-ġdid sabiex jindirizza l-każ speċifiku ta' operazzjonijiet ta' HEMS fejn pazjent jista' ma jkunx kapaċi jevalwa lilu nnifsu mill-ħelikopter, f'każ ta' emerġenzi matul attività ta' riforniment ta' fjuwil.

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

AKRONIMI/ABBREVJAZZJONIJIET UŻATI FIL-PARTI-CAT U FIL-PARTI-SPA

- għal referenza biss -

AAC	komunikazzjoni amministrattiva ajrunawtika (aeronautical administrative communication)
AAD	devjazzjoni tal-altitudni assenjata (assigned altitude deviation)
AAL	ogħla mil-livell tal-ajrudrom (above aerodrome level)
AC	kurrent alternant (alternating current)
ACAS II	sistema ta' evitar ta' kolliżjoni fl-ajru II (airborne collision avoidance system II)
ADF	strument li jsib id-direzzjoni b'mod awtomatiku (automatic direction finder)
ADG	ġeneratur imħaddem bl-ajru (air driven generator)
ADS	sorveljanza dipendenti awtomatika (automatic dependent surveillance)
ADS-B	sorveljanza dipendenti awtomatika - xandir (automatic dependent surveillance - broadcast)
ADS-C	sorveljanza dipendenti awtomatika - kuntratt (automatic dependent surveillance - contract)
AeMC	ċentru ajrumediku (aero-medical centre)
AEO	il-magni kollha qed jaħdmu (all engines operating)
AFCS	sistema ta' kontroll awtomatiku tat-titjira (automatic flight control system)
AFM	manwal tat-titjir tal-inġenju tal-ajru (aircraft flight manual)
AFN	notifika tat-titjir tal-inġenju tal-ajru (aircraft flight notification)
AFN	Notifika ta' Faċilitajiet ta' ATS (ATS Facilities Notification)
AGL	livell fuq l-art (above ground level)
AHRS	sistema ta' referenza tal-heading u l-atitudni (attitude heading reference system)
AIS	servizz tal-informazzjoni ajrunawtika (aeronautical information service)
ALS	sistema ta' dwal ta' avviċinament (approach lighting system)
ALSF	sistema ta' dawl ta' avviċinament bi dwal iteptu f'sekwenza (approach lighting system with sequenced flashing lights)
AMC	mezzi aċċettabbli ta' konformità (acceptable means of compliance)
AMSL	fuq il-livell medju tal-baħar (above mean sea level)
ANP	prestazzjoni tan-navigazzjoni attwali (actual navigation performance)
AOC	ċertifikat tal-operatur tal-ajru (air operator certificate)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

APCH	avviċinament (approach)
APU	unità tal-enerġija awżiljari (auxiliary power unit)
APV	proċedura ta' avviċinament bi gwida vertikali (approach procedure with vertical guidance)
AR	rotta ATS (ATS route)
AR	awtorizzazzjoni meħtieġa (authorisation required)
AR	rekwiżiti tal-awtorità (authority requirements)
ARA	avviċinament bir-radar mill-ajru (airborne radar approach)
ASC	Kumitat dwar is-Sikurezza fl-Ajru (Air Safety Committee)
ASDA	distanza għal aċċelerazzjoni-waqfa disponibbli (accelerate-stop distance available)
ATC	kontroll tat-traffiku tal-ajru (air traffic control)
ATO	organizzazzjoni ta' taħriġ approvata (approved training organisation)
ATPL	liċenzja ta' bdot ta' trasport ta' linja tal-ajru (airline transport pilot licence)
ATQP	programm alternattiv ta' taħriġ u kwalifika (alternative training and qualification programme)
ATS	servizzi tat-traffiku tal-ajru (air traffic services)
AVGAS	gasolina tal-avjazzjoni (aviation gasoline)
AVTAG	fjuwil tat-tip wide-cut (wide-cut fuel)
B-RNAV	navigazzjoni taż-żona bażika (basic area navigation)
BALS	sistema ta' dwal ta' avviċinament bażika (basic approach lighting system)
CAP	parametri ta' aċċess ta' kontroll (controller access parameters)
CDFA	avviċinament finali bi nżul kontinwu (continuous descent final approach)
CDL	lista ta' devjazzjoni tal-konfigurazzjoni (configuration deviation list)
CFIT	titjira kkontrollata fl-art (controlled flight into terrain)
CG	ċentru ta' gravità (centre of gravity)
cm	ċentimetri (centimetres)
CM	ġestjoni tal-konfigurazzjoni/kuntest (configuration/context management)
CMA	approċċ ta' monitoraġġ kontinwu (continuous monitoring approach)
CMV	viżibilità meteoroloġika konvertita (converted meteorological visibility)
CMPA	inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur (complex motor-powered aircraft)
CofA	ċertifikat tal-ajrunavigabbilità (certificate of airworthiness)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

CPA	l-eqreb punt ta' avvicinament (closest point of approach)
CPDLC	komunikazzjonijiet tal-kontrolluri ma' bdoti b'data link (controller pilot data link communications)
CPL	liċenzja ta' bdot kummerċjali (commercial pilot licence)
CRM	ġestjoni tar-riżorsi tal-ekwipaġġ (crew resource management)
CRT	għodda ta' tweġib ta' kummenti (comment response tool)
CVR	reġistratur tal-leħen fil-kokpit (cockpit voice recorder)
DA	altitudni ta' deċiżjoni (decision altitude)
D-ATIS	Data Link - Servizz Informattiv Awtomatiku ta' Terminal (Data Link - Automatic Terminal Information Service)
DC	kurrent dirett (direct current)
DCL	approvazzjoni tat-tluq (departure clearance)
DDM	differenza fil-fond tal-modulazzjoni (difference in depth of modulation)
D-FIS	servizz ta' informazzjoni dwar it-titjira bid-data link (data link flight information service)
DGOR	rapport ta' okkorrenza ta' oġġetti perikolużi (dangerous goods occurrence report)
DH	altitudni ta' deċiżjoni (decision height)
DME	tagħmir għat-tkejjil tad-distanza (distance measuring equipment)
D-OTIS	Data Link - Servizz Informattiv Operattiv ta' Terminal (Data Link - Operational Terminal Information Service)
DR	medda ta' deċiżjoni (decision range)
DSTRK	rotta mixtieqa (desired track)
EASP	Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (European Aviation Safety Programme)
KE	Kummissjoni Ewropea
EFB	basket elettroniku tat-titjira (electronic flight bag)
EFIS	sistema ta' strumenti elettroniċi tat-titjira (electronic flight instrument system)
EGT	temperatura tal-gass tad-duħħan (exhaust gas temperature)
ELT(AD)	trażmettitur ta' lokalizzatur ta' emerġenza (awtomatikament skjerabbli (emergency locator transmitter (automatically deployable))
ELT(AF)	trażmettitur ta' lokalizzatur ta' emerġenza (tiswija awtomatika) (emergency locator transmitter (automatic fixed))
ELT(AP)	trażmettitur ta' lokalizzatur ta' emerġenza (portabbli awtomatiku (emergency locator transmitter (automatic portable))
ELT(S)	trażmettitur ta' lokalizzatur ta' emerġenza ta' soppravvivenza (survival emergency locator transmitter)
EPE	stima tal-iżball fil-pożizzjoni (estimate of position error)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

EPR	proporzjon tal-pressjoni tal-magna (engine pressure ratio)
EPU	stima tal-inċertezza dwar il-pożizzjoni (estimate of position uncertainty)
ERA	alternattiva en route (ajrudrom) (en-route alternate (aerodrome))
ESSG	Grupp Ewropew ta' Tmexxija tas-SAFA (European SAFA Steering Group)
ETOPS	operazzjonijiet ta' distanza estiża li jsiru minn ajruplani b'żewġ magni (extended range operations with two-engined aeroplanes)
ETSO	ordni tal-istandards tekniċi Ewropej (European technical standards order)
EUROCAE	Organizzazzjoni Ewropea għat-Tagħmir tal-Avjazzjoni Ċivili (European Organisation for Civil Aviation Equipment)
EVS	sistema ta' viżjoni mtejba (enhanced vision system)
FAA	Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (Federal Aviation Administration)
FAF	tiswija tal-approċċ finali (final approach fix)
FAK	kitt tal-ewwel għajnuna (first-aid kit)
FALS	sistema ta' dwal ta' avviċinament sħiħa (full approach lighting system)
FANS	sistema ta' navigazzjoni tal-ajru futura (future air navigation system)
FAP	punt ta' avviċinament finali (final approach point)
FATO	approċċ finali u żona ta' tluq (final approach and take-off area)
FDM	monitoraġġ tad-dejta tat-titjira (flight data monitoring)
FDR	reġistratur tad-dejta tat-titjira (flight data recorder)
FFS	simulatur tat-titjira sħiħa (full flight simulator)
FI	għalliem tat-titjir (flight instructor)
FL	livell tat-titjir (flight level)
FM	modulatur tal-frekwenza (frequency modulator)
FMS	sisteam ta' ġestjoni tat-titjira (flight management system)
FOR	panorama ta' ħars (field of regard)
FOV	panorama viżiva (field of view)
FSTD	strument ta' taħriġ b'simulazzjoni ta' titjira (flight simulation training device)
pied	pied
FTD	strument ta' taħriġ tat-titjir (flight training device)
g	gramma
g	gravità
GBAS	sistema ta' titjib ibbażata fuq l-art (ground-based augmentation system)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

GCAS	sistema ta' evitar ta' kolliżjonijiet fuq l-art (ground collision avoidance system)
GIDS	sistema ta' sejbien ta' silġ fuq l-art (ground ice detection system)
GLS	sistema ta' nżul GBAS (GBAS landing system)
GM	materjal ta' gwida (guidance material)
GNSS	sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (global navigation satellite system)
GPS	sistema globali ta' pożizzjonar (global positioning system)
GPWS	sistema ta' twissija ta' prossimità lejn l-art (ground proximity warning system)
HEMS	servizz mediku ta' emerġenza bil-ħelikopter (helicopter emergency medical services)
HF	frekwenza għolja (high frequency)
HI/MI	intensità għolja / intensità medja (high intensity / medium intensity)
HIALS	sistema ta' dwal ta' avvicinament b'intensità għolja (high intensity approach lighting system)
HLL	lista ta' limitazzjonijiet ta' żoni ta' nżul għall-ħelikopters (helideck limitations list)
HoT	żmien li jdum tajjeb it-trattament (hold-over time)
hPa	hectopascal
HUD	apparat ta' wiri fil-livell tal-għajnejn (head-up display)
HUDLS	sistema ta' nżul bi gwida fil-livell tal-għajnejn (head-up guidance landing system)
IAF	tiswija tal-avvicinament inizjali (initial approach fix)
IALS	sistema ta' dwal ta' avvicinament intermedja (intermediate approach lighting system)
ICAO	Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (International Civil Aviation Organisation)
IF	tiswija intermedja (intermediate fix)
IFR	regoli tal-istrumenti tat-titjira (instrument flight rules)
IGE	effett meta fl-art (in ground effect)
ILS	strument ta' nżul bl-istrument (instrument landing system)
IMC	kundizzjonijiet meteoroloġiċi tal-istrument (instrument meteorological conditions)
inHg	pulzieri ta' merkurju (inches of mercury)
INS	sistema ta' navigazzjoni inerzjali (inertial navigation system)
IORS	sistema ta' rapportar ta' okkorrenzi interni (internal occurrence rapportar system)
IP	punt intermedju (intermediate point)
IR	Regola ta' Implimentazzjoni (Implementing Rule)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

IRNAV/IAN	navigazzjoni integrata taż-żona (integrated area navigation)
IRS	sistema ta' referenza inerzjali (inertial reference system)
ISA	atmosfera internazzjonali standard (international standard atmosphere)
IV	fil-vini (intra-venous)
JAA	Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunti (Joint Aviation Authorities)
JAR	Rekwiżiti tal-Avjazzjoni Konġunti (Joint Aviation Requirements)
JET 1 / A / A1	pitrolju
JET B	fjuwil wide-cut
JIP	Proċedura ta' Implimentazzjoni Konġunta (Joint Implementing Procedure)
JP-4	fjuwil wide-cut
km	kilometri
kN	kilonewton
KSS	formula Ktitorov, Simin, Sindalovskii
kt	mil tal-baħar (knot)
LAT/LONG	latitudni/lonġitudni
LED	dijodu li jemetti d-dawl (light-emitting diode)
LIFUS	titjir fuq linja taħt superviżjoni (line flying under supervision)
LNAV	navigazzjoni laterali (lateral navigation)
LoA	ittra ta' ftehim (letter of agreement)
LOC	lokalizzatur (localiser)
LOE	evalwazzjoni orjentata lejn il-linja (line oriented evaluation)
LOFT	taħriġ fit-titjir orjentat lejn il-linja (line oriented flight training)
LOS	wiċċ tal-art b'ostakli limitati (limited obstacle surface)
LOUT	l-inqas temperatura ta' użu operattiv (lowest operational use temperature)
LP	prestazzjoni tal-lokalizzatur (localiser performance)
LPV	preċiżjoni laterali b'avviċinament bi gwida vertikali (lateral precision with vertical guidance approach)
LRNS	sistema ta' navigazzjoni minn distanza twila (long range navigation system)
LVO	operazzjonijiet f'viżibilità baxxa (low visibility operations)
LVP	proċeduri ta' viżibilità baxxa (low visibility procedures)
LVTO	tluq f'viżibilitŕ baxxa (low visibility take-off)
m	metri
MALS	sistema ta' dwal ta' approċċ b'intensità medja (medium intensity approach lighting system)
MALSF	sistema ta' dwal ta' avviċinament b'intensità medja bi dwal iteptpu f'sekwenza (medium intensity approach lighting system with

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

	sequenced flashing lights)
MALSR	sistema ta' dwal ta' approċċ b'intensità medja bi dwal ta' indikazzjoni ta' allinjament tar-runway (medium intensity approach lighting system with runway alignment indicator lights)
MAPt	punt ta' avviċinament mitluf (missed approach point)
MCTOM	massa ta' tluq massima ċertifikata (maximum certificated take-off mass)
MDA	altitudni minima ta' nżul (minimum descent altitude)
MDA/H	altitudni/għoli minimi ta' nżul (minimum descent altitude/height)
MDH	għoli minimu ta' nżul (minimum descent height)
MEA	altitudni sigura minima en route (minimum safe en-route altitude)
MEL	lista ta' tagħmir minimu (minimum equipment list)
METAR	rapport meteoroloġiku tal-ajrudrom (meteorological aerodrome report)
MGA	altitudni minima għall-grilja tas-sikurezza (minimum safe grid altitude)
MHz	Megahertz
MID	il-punt tan-nofs (midpoint)
ml	millilitri
MLS	sistema ta' nżul bil-majkrowejv (microwave landing system)
MMEL	l-lista ewlenija ta' tagħmir minimu (master minimum equipment lis)
MNPS	l-ispeċifikazzjonijiet minimi tal-prestazzjoni ta' navigazzjoni (minimum navigation performance specifications)
MOC	ikklirjar minimu ta' ostakli (minimum obstacle clearance)
MOCA	altitudni minima ta' kklirjar ostakli (minimum obstacle clearance altitude)
MOPS	standard minimu tal-prestazzjoni operattiva (minimum operational performance standard)
MORA	altitudni minima barra r-rotta (minimum off-route altitude)
MPSC	il-konfigurazzjoni massima ta' sits għall-passiġġiera (maximum passenger seating configuration)
mSv	millisievert
NADP	proċedura ta' trażżin tal-istorjbju fit-tluq (noise abatement departure procedure)
NALS	l-ebda sistema ta' dwal ta' avviċinament (no approach lighting system)
NAV	navigazzjoni
NDB	beacon mhux direzzjonali (non-directional beacon)
N_F	veloċità tat-turbina tal-enerġija ħielsa (free power turbine speed)
NM	mili nawtiċi (nautical miles)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

NOTAM	Avviż għall-Ekwipaġġ ta-Ajru (Notice to Airmen)
NPA	avviċinament mhux ta' preċiżjoni (non-precision approach)
NVG	goggles għall-immaġnijiet fid-dlam (night vision goggles)
OAT	temperatura tal-arja barra (outside air temperature)
OCH	għoli ta' kklirjar tal-ostakli (obstacle clearance height)
OCL	ikklirjar oċeaniku (oceanic clearance)
ODALS	sistema tad-dwal ta' avviċinament omnidirezzjonali (omnidirectional approach lighting system)
OEI	magna waħda inoperattiva (one-engine-inoperative)
OFS	wiċċ tal-art mingħajr ostakli (obstacle-free surface)
OGE	effett meta mhux fuq l-art (out of ground effect)
OIP	punt ta' offset initiation (offset initiation point)
OM	manwal tal-operazzjonijiet (operations manual)
ONC	karta tan-navigazzjoni operattiva (operational navigation chart)
OSD	dejta dwar l-adegwatezza operazzjonali (operational suitability data)
otCMPA	inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur (other-than-complex motor-powered aircraft)
PAPI	indikatur ta' avviċinament bi preċiżjoni lejn ir-rotta (precision path approach indicator)
PAR	radar ta' avviċinament bi preċiżjoni (precision approach radar)
PBE	tagħmir protettiv għan-nifs (protective breathing equipment)
PBN	in-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (performance-based navigation)
PCDS	sistema ta' strument li jġorr il-persunal (personnel carrying device system)
PDP	punt predeterminat (predetermined point)
PNR	punt tal-ebda ritorn (point of no return)
POH	ktieb għall-bdot dwar l-operazzjoni (pilot's operating handbook)
PRM	persuna b'mobilità mnaqqsa (person with reduced mobility)
QFE	pressjoni atmosferika fl-elevazzjoni tal-ajrudrom (jew fil-livell limitu tar-runway) (atmospheric pressure at aerodrome elevation (or at runway threshold))
QNH	question nil height, pressjoni atmosferika fl-għoli nawtiku (question nil height, atmospheric pressure at nautical height)
R/T	radju/telefonija
RA	konsulenza ta' riżoluzzjoni (resolution advisory)
RAT	turbina "ram air" (ram air turbine)
RCC	ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ (rescue coordination centre)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

RCF	fjuwil ta' kontinġenza mnaqqas (reduced contingency fuel)
RCLL	dwal tal-linja tan-nofs tar-runway (runway centreline lights)
RFC	karta ta' faċilità tar-rotta (route facility chart)
RNAV	navigazzjoni taż-żona (area navigation)
RNAV 5	B-RNAV, navigazzjoni bażika taż-żona (B-RNAV, basic area navigation)
RNP	prestazzjoni ta' navigazzjoni meħtieġa (required navigation performance)
RNPX	prestazzjoni ta' navigazzjoni meħtieġa X (required navigation performance X)
ROD	rata ta' nżul (rate of descent)
RTCA	Kummissjoni Teknika tar-Radju għall-Ajrunawtika (Radio Technical Commission for Aeronautics)
RTZL	dwal taż-żona ta' mess mal-art tar-runway (runway touchdown zone lights)
RVR	medda viżwali tar-runway (runway visual range)
RVSM	separazzjoni vertikali imnaqqsa minima (reduced vertical separation minima)
SACA	valutazzjoni tas-sikurezza ta' inġenju tal-ajru tal-komunità (safety assessment of community aircraft)
SAFA	valutazzjoni tas-sikurezza ta' inġenju tal-ajru barrani (safety assessment of foreign aircraft)
SAE ARP	Soċjetà ta' Professjoni Rakkomandata tal-Ispazju tal-Ajru ta' Inġiniera tal-Awtomobbli (Society of Automotive Engineers Aerospace Recommended Practice)
SALS	sistema ta' dwal ta' avviċinament sempliċi (simple approach lighting system)
SALSF	sistema ta' dwal ta' avviċinament qasir bi dwal iteptpu f'sekwenza (short approach lighting system with sequenced flashing lights)
SAp	approċċ stabbilizzat (stabilised approach)
SAP	parametri ta' aċċess tas-sistema (system access parameters)
SAR	tfittix u salvataġġ (search and rescue)
SBAS	sistema ta' titjib ibbażata fuq satelliti (satellite-based augmentation system)
SCP	kategoriji speċjali ta' passiġġiera (special categories of passenger)
SID	tluq standard bi strument (standard instrument departure)
SMS	sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza (safety management system)
SPECI	rapport tal-avjazzjoni SPEĊJali magħżul (aviation selected SPECIal aviation report)
SRA	avviċinament tar-radar ta' sorveljanza (surveillance radar approach)
SRE	element tar-radar ta' sorveljanza (surveillance radar element)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

SSALF	sistema ta' dwal simplifikata b'avviċinament qasir bi dwal iteptu f'sekwenza (simplified short approach lighting system with sequenced flashing lights)
SSALR	sistema ta' dwal simplifikata b'avviċinament qasir bi dwal ta' indikazzjoni ta' allinjament tar-runway (simplified short approach lighting system with runway alignment indicator lights)
SSALS	sistema ta' dwal ta' avviċinament qasira simplifikata (simplified short approach lighting system)
SSP	Programm ta' Sigurtà tal-Istat (State Security Programme)
SSR	radar ta' sorveljanza sekondarja (rapportar tal-altitudni tal-perssjoni) (secondary surveillance radar (pressure-altitude-reporting))
STC	ċertifikat tat-tip supplementali
SVS	sistema ta' viżjoni sintetika (synthetic vision system)
TA	konsulenza dwar it-traffiku (traffic advisory)
TAC	karta ta' avviċinament lejn it-terminal (terminal approach chart)
TAFS	previżjonijiet tal-ajrudrom (aerodrome forecasts)
TAS	veloċità tal-arja reali (true airspeed)
TAWS	sistema ta' twissija għall-attenzjoni għall-art (terrain awareness warning system)
TCAS	sistema ta' twissija tat-traffiku u ta' evitar ta' kolliżjoni (traffic alert and collision avoidance system)
TCCA	Avjazzjoni Ċivili tat-Transport Canada (Transport Canada Civil Aviation)
TDP	punt ta' deċiżjoni ta' tluq (take-off decision point)
TDZ	żona ta' mess (touchdown zone)
THR	livell limitu (threshold)
TODA	distanza ta' tluq disponibbli (take-off distance available)
TORA	żona tar-runway disponibbli għat-tluq (take-off run available)
TRI	għalliem ta' klassifikazzjoni tat-tip (type rating instructor)
TSE	żball fis-sistema totali (total system error)
TVE	żball vertikali totali (total vertical error)
TWIP	informazzjoni dwar it-temp fit-terminal għall-bdoti (terminal weather information for pilots)
UMS	sistema ta' monitoraġġ tal-użu (usage monitoring system)
UTC	ħin universali koordinat (coordinated universal time)
UTR	trażżin mill-parti ta' fuq tat-torso (upper torso restraint)
V_{AT}	veloċità tal-ajru indikata fil-livell limitu (indicated airspeed at threshold)
VDF	strument ta' sejbien tad-direzzjoni b'VHF (VHF direction finder)
VFR	regoli tat-titjir viżiv (visual flight rules)

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.

VHF	frekwenza ferm għolja (very high frequency)
VIS	viżibilità (visibility)
VMC	kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali (visual meteorological conditions)
V_{MO}	veloċità operattiva massima (maximum operating speed)
VNAV	navigazzjoni vertikali (vertical navigation)
VOR	medda tar-radju omnidirezzjonali b'VHF (VHF omnidirectional radio range)
V_{S1G}	veloċità ta' waqfien ta' 1 g (1 g stall speed)
V_{SO}	veloċità ta' waqfien (stalling speed)
V_Y	l-aħjar rata ta' veloċità ta' tlugħ (best rate of climb speed)
WAC	karta ajrunawtika tad-dinja (world aeronautical chart)
WXR	radar tat-temp (weather radar)
ZFT	ħin tat-titjira żero (zero flight time)
ZFTT	taħriġ ta' ħin tat-titjira żero (zero flight time training)

Cologne, 1 ta' Ġunju 2011

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv

TE.RPRO.00036-001© Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati. Dokument proprjetarju. Il-kopji mhux kontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA.